FESTA 2025

AZZOPARDI FISHERIES

THE FINEST NAME IN SEAFOOD

St.Paul's Bay	Mosta Road
Gżira	Rue D'Argens
Fgura	Vjal Kottoner

Main Stores - 23873302

St.Paul's Bay - 23873201

Gżira - 23873203

Fgura - 23873202

Visit one of our **shops today!**

Il-Werrej

Messaġġ mill-Bord Editorjali 4
Introduzzjoni mill-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi 5
Il-Programm tal-Festa Titulari 10
Inħarsu lejn Pietru u nwettqu lil ħutna 14
Birżebbuġa: Komunità Attiva, Festa Vibranti 16
It-Tmexxija tas-Soċjetà 2025 18
Il-Messaġġ tal-President 20
Jikteb is-Segretarju 21
L-Appell tat-Teżorier 24
Każin kbir u xogħol ma jieqaf qatt 28
L-Arblu Prinċipali tal-Każin 32
Tu Es Petrus 25 sena 36
25 Sena mill-Gran Inno di Gloria 'Tu Es Petrus' (2000)
10 Snin mill-Kantata 'Petrus Princeps Apostolorum' (2015)
5 Snin mit-tlestija tal-Oratorju 'Divo Petro' (2020) 37
Permezz ta' Fondi Apposta Nissoktaw bil-Ħidma 42
Arkivju 46
Matul is-Sena 47
Siġra fl-okkażjoni tal-35 sena Anniversarju 59
Festa Tfal 2024 62
Min-Noti tas-Sezzjoni Banda 65
Chris Bonello 72
Nisa Petrini 73
Ħolma żagħżugħa ta' 35 sena ilu li ssawret f'realtá ta' suċċess 76
Anniversarju bil-kbir u bl-aqwa armar 84
Mario Baldacchino 90
Il-Kor Xmun Pietru Inkantaw, Nieħdu u Nagħtu Gost Flimkien 91
Mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar Xi Sbuħija b'Dik id-Dija 94
Mill-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar Ħidma, Żviluppi u Telfa Kbira 98
Tislima lill-Ħabib Tagħna Steven 102
Inkomplu Nsebbħu l-Ġawhra tal-Patrun 106
Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda 107
Il-Mużika: Beneficċji Biss 108
Man-Noti tal-Għalliem tal-Allievi 110
Programm Mużikali, Vokali, Korali u Strumentali
Banda Birżebbuġa Festa 2025 111
Anniversarji ta' bandisti tal-post 114
L-allievi - Leah Mae u Francesca Borg 115
Il-Banda Birżebbuġa 116
Id-Daqq tiegħi, Id-Dar tiegħi 117
Liam Braden Desira 117
Is-Servizzi tal-Banda Birżebbuġa 2024-2025 118
Innijiet u Marċi Brijużi 119
Messaġġ tal-Festi 2025 mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda 120
It-Tagħlim Dwar Alla fl-Ewwel Ittra Ta' San Pietru Appostlu 121
Ġublew tal-Konfraternitajiet ġewwa Ruma u l-Vatikan 123
L-Ewwel Snin tat-Twaqqif tal-Knisja Parrokkjali f'Birżebbuġa 124
15-il sena mill-esperjenza ta' Ruma 125
Il-Pellegrinaġġ ta' Tama ġewwa Ruma 126
Id-Daqq tal-Qniepen matul il-Ġimgħa tal-Festa 127
Papa Franġisku: Ir-Ragħaj tal-Poplu 129
Suċċessur ġdid ta' San Pietru: il-Papa Ljun XIV 132
Bandist tal-post fi ħdan is-soċjeta' tagħna jiggradwa b''Masters'
fid-daqq tal-kurunetta mill-konservatorju tal-arti fi Bremen fil-Ġermanja 134
Il-Bieb il-Kbir tal-Knisja Parrokkjali 137
Ir-Restawr tal-istatwa ta' San Ġużepp 138
Dolmens u Menħir f'Birżebbuġa 140
Dun Danjel Farrugia - 50 sena saċerdot 143
Ritratti mill-imgħoddi 144
Tifkiriet mill-passat tal-Banda Birżebbuġa AD1990 145
Minn Lenti ta' Villeġjatur ġewwa Birżebbuġa 146
Personaġġi Antiki 148
Awguri 149
Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK) Birżebbuġa 152
Tislima lill-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona O.P. 153
Tislima lil Mons. Alfred Micallef Cap.S.S. 154
Nekroloġija 155
Radd il-Ħajr 157
Indiċi tar-Reklami 159

Soċjetà Filarmonika San Pietru,
Banda Birżebbuġa A. D. 1990

12/13, 'Ġawhra San Pietru',
Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa.
Tel: +356 21650347
E-mail: info@birzebbugaband.org
Website: www. birzebbugaband.org
Facebook Profile: www. facebook.com/birzebbugaband
Facebook Page: www. facebook.com/BandaBirzebbuga

Minn Qalb L-Iljuni
36 Edizzjoni
Festa 2025

Il-Pubblikazzjoni Annwali u Uffiċjali
tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru,
Banda Birżebbuġa A. D. 1990

Id-drittijiet miżmuma
mis-Soċjetà Filarmonika San Pietru
Banda Birżebbuġa A.D. 1990
© 2025

Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din
il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub
tal-Bord Editorjali fi ħdan
l-Uffiċċju Komunikazzjoni u Relazzjonijiet Pubbliċi
tas-Soċjetà

Il-kontenut tal-artikli mhux bilfors jirrifletti
l-opinjoni u l-prinċipji li tħaddan
is-Soċjetà.

L-Edituri
Nicola Bonnici Mc Intyre u Rachel Galea B.Ed (Hons)

Il-Qari tal-Provi
Marisa Cutajar B.Ed (Hons)

Ritratti
Anthony Xuereb
Ryan Farrugia
Jonathan Ellul Bonnici
Franklin Cachia
Sebio Aquilina
Kurt Law
Neil Darmanin
Kurt Caruana
Parroċċa San Pietru Birżebbuġa
Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa
Id-Dominju Pubbliku

Disinn tal-Faċċata
Jonathan Ellul Bonnici

Disinn paġni ritratti
Chrizana Mizzi u Jonathan Ellul Bonnici

Reklamar u Finanzi
Walter Pace
Henry Bonnici
Kav. Alexander Caruana OSJ

Issettjar u Stampar
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789, 99499084
E-mail: bestprintqrendi@gmail.com

NEW

Authorised Facility End-of-Life Vehicle

Accepting cars for scrap.

Scrap vehicle collection can be quickly arranged by us or deliver your old car directly to us.

Best Price for:

- Steel Scrap
- Copper Scrap
- Brass Scrap
- Aluminium Scrap
- Stainless Steel Scrap
- Lead Batteries

GASPARELL
Baling Plant Co. Ltd.

Call us now

HHF601,
Hal-Far Industrial Estate,
Birzebbuga BBG 3000

9949 5236 - 7965 1545 - 2165 1475

Email: gasparell.b@gmail.com

peace of mind



Competitive prices and tailored services for:

MOTOR | HOME | MARINE | COMMERCIAL | HEALTH | TRAVEL

Global Insurance Brokers Limited - The provider of solutions to all your business and personal insurance needs since 1988.

global insurance brokers

45, Ordnance Street, Valletta
89, Triq Zarenu Dalli, Birzebbugia

Tel: 2577 5555
Tel: 2165 2538

Global Insurance Brokers Limited is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) under the Insurance Distribution Act (Chapter 487 of the Laws of Malta) and is enrolled within the MFSA's Brokers' List.

Messaġġ mill-Bord Editorjali

Waslet festa oħra. Żmien li lkoll inkunu qed nistennew. Festa sabiħa tinvolvi ħafna nies li volontarjament jaħdmu s-sena kollha b'tant impenn u sagrifiċċji. Kulħadd għal għan wieħed - dak li jkollna festa mill-isbaħ ad unur il-Patrun tagħna San Pietru. Hekk kif wieħed jiftaħ dan il-ktieb jinduna kemm is-soċjetà tagħna mpenjat ruħha fl-aħħar sena li għaddiet u mhux inqas fil-kumplament tas-snin mit-twaqqif tagħha.

Dan il-ktieb qisu vetrina li tittawwal ġo fih u tara s-sbuħija ta' din is-soċjetà u tar-raħal tagħna ta' Birżebbuġa. Permezz ta' din il-publikazzjoni, il-qarrej se jkollu l-opportunita' li jaqra artikli differenti li ma jolqtux biss il-ħajja tal-każin tagħna imma wkoll artikli interessanti oħra. Minn hawn nixtiequ nirringrazzjaw lil tant kontributuri ta' dan il-ktieb. Uħud mill-kontributuri ilhom għal snin twal jagħtu l-kontribut tagħhom, filwaqt li għal oħrajn, din se tkun l-ewwel sena li qed jagħtu l-kontribut tagħhom. Ma nistgħux ma nsemmux lill-mibki Steven Farrugia, li kien jagħti l-kontribut tiegħu f'din il-publikazzjoni. Minn hawn nixtiequ nagħmlu appell lil min ikun jixtieq jagħti l-kontribut tiegħu fis-snin li ġejjin biex javviċinana.

Nappellaw ukoll biex aktar nies jieħdu sehem fl-attivitajiet li jkunu organizzati matul is-sena. Is-sehem tagħkom jagħmlilna aktar kuraġġ biex nibqgħu naħdmu. Anke lil dawk li jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma tas-soċjetà, inħeġġukom biex tiġu u tagħtu l-kontribut tagħkom. Is-soċjetà dejjem ikollha bżonn l-għajnuna.

Nieħdu l-opportunità biex nirringrazzjaw lill-Assistent Surmast tal-Banda tagħna Christopher Bonnici li għal numru ta' snin kien l-editur ta' din il-publikazzjoni.

Grazzi kbira tmur għal dawk kollha li rrikklamaw f'dan il-ktieb u anke fil-kalendarju annwali. Inħeġġu lin-nies biex jixtru jew jużaw is-servizzi ta' dawn in-nies. Mingħajr l-appoġġ tagħhom żgur li publikazzjoni bħal din ma tkunx possibli.

Nirringrazzjaw lill-kumitat ċentrali, lill-kummissjonijiet kollha, lis-Surmast Direttur, lill-Assistent Surmast, lill-għalliem tal-allievi, il-bandisti, l-allievi, il-membri u lilkom ilkoll li qed taqraw din il-publikazzjoni.

Viva San Pietru!

Introduzzjoni mill-Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi

Jonathan Ellul Bonnici

L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

Festa 2025, waslet ukoll. Dak ifisser li għaddiet sena oħra, sena oħra ta' ħidma, sena oħra ta' ħsibijiet, sena oħra ta' diskussjonijiet…. dan kollu sabiex inħallu s-Soċjetà tagħna fuq saqajha, b'tant nies li jaħdmu b'qalb kbira.

Minn din is-sena ġie ffurmat grupp ġdid li jieħu ħsieb dak kollu li hu fl-ufficju tar-relazzjonijiet pubbliċi. Minn dejjem kien hemm din ix-xewqa. U din is-sena nħass li, iva, hemm bżonn li nsaħħu dak li diġà għandna. F'Jannar 2025 hekk kif għaddiet il-Laqgħa Ġenerali Annwali ġie ffurmat dan il-grupp li, mill-ewwel ġurnata, nista' ngħid li ħadem qatigħ sabiex l-*image* tas-Soċjeta tissaħħaħ kemm jista' jkun. Iddiskutejna flimkien it-triq 'il quddiem. Bdejna noħolqu brand li tkun xierqa għaż-żminijiet tal-lum. Inħolqu temi ġodda kif ukoll viżwali ġodda li juru s-Soċjetà iktar friska. F'kull attività nippruvaw, kemm jista' jkun, inkunu preżenti sabiex inwasslu dak li jkun qed jiġri lis-segwaċi tagħna fuq il-pjattaformi kollha tas-Soċjeta.

Il-grupp nieda diversi proġetti li kienu ta' interess għal kull min isegwina. Ħarġet l-idea sabiex inwasslu x-xogħol li jagħmlu sħabna tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar minn ġewwa l-post tan-nar u x-xogħol tal-ħadid li jagħmlu minn gewwa l-garaxxijiet. Nedejna l-proġett 'Mill-Ħemda tal-Post tan-Nar', proġett li nista' ngħid li ntlaqa' tajjeb ħafna kemm mid-dilettanti tan-nar kif ukoll minn dawk kollha li kellhom kurżità xi jsir u ma jsirx. Proġett li jieħu ħafna ħinijiet u ħsibijiet sabiex jittella'. Il-ħsieb dejjem kien li dawn il-filmati jwassluna sal-ħarqa popolari ta' lejlet il-festa tagħna. Proġett ieħor li tnieda huwa dak ta' 'Tikka Kurżità, Birżebbuġa u l-madwar'. F'dan il-proġett qed nippruvaw noffru informazzjoni dwar il-komunità ta' Birżebbuġa u dak kollu li jsawwar dan ir-raħal sabiħ tagħna inkluż is-Soċjetà tagħna. Ħriġna ftit ukoll minn Birżebbuġa u wassalna diversi informazzjoni anke barra minn Birżebbuġa. Irċevejna diversi kummenti pożittivi dwar dan kollu.

Bla dubju, apparti dawn il-proġetti, dejjem nimxu id f'id mal-Kumitat u s-sotto kumitati fuq id-diversi attivitajiet li jiġu organizzati. Mhux dejjem tkun faċli li jiġi kkordinat kollox. Imma bil-għajnuna u l-koperazzjoni jirnexxielna. Bla dubju ta' xejn il-qofol tas-sena tkun il-festa f'ġieħ il-patrun tagħna San Pietru. Il-ħsibijiet fuq



NEW DEVELOPMENT in BIRŻEBBUGA

COMING SOON!

Visit www.elbroshomes.com.mt
or call 79333325
for more details

ELBROS HOMES

Flimkien tul il-vjaġġ finanzjarju tiegħek

bov.com

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130. Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-MFSA, liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).

BOV
Bank of Valletta

STITCHES
Haberdashery Boutique

We are proud to stock a carefully chosen selection of haberdashery, linens, hosiery, underwear, pyjamas, casual wear, children's wear and uniforms.

Collect your loyalty card for discounts

St. Catherine Street
Birzebbuga

(+356) 99426219
find us on

il-festa nistgħu ngħidu li ma jispiċċawx malli tgħaddi l-festa iżda jibqgħu għaddejin. Minn dejjem nibdew naħsbu x'nistgħu noħolqu għas-sena ta' wara. Niġbru ideat differenti u namalgamawhom flimkien. Hekk kif jgħaddi l-Għid nibdew bil-mod il-mod il-kampanja tal-festa ta' dik is-sena. Fl-istess ħin jibdew isiru disinji, filmati, ritratti u diversi affarijiet oħra li jwasslu sabiex issir il-'launch' uffiċjali tal-festa. Nieħdu gost u napprezzaw meta naraw is-segwaċi tagħna jagħmlu 'share', 'like' u anke ġieli jikkumentaw fuq dak li nibdew nippublikaw fuq il-midja soċjali.

Minn qalbna nirringrazzjaw lil dawk kollha li jagħtuna l-għajnuna tagħhom; lill-fotografi u vidjografi li bis-saħħa tagħhom ikollna diversi materjal li nkunu nistgħu naqsmu magħkom. Nistednukom tingħaqdu magħna fuq il-paġni tagħna. Facebook, Instagram kif ukoll TikTok billi tfittxu Banda Birżebbuġa. Nieħdu gost naraw l-udjenza tagħna tikber u tapprezza dak kollu li nkunu qed noffru.

Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-eks Editur Christopher Bonnici ta' din il-pubblikazzjoni tax-xogħol li għamel flimkien mal-Bord Editorjali iżda li kellu jieqaf minħabba impenji oħrajn. Nawgura minn qalbi lil Nicola Bonnici Mc Intyre kif ukoll lil Rachel Galea li flimkien mal-Bord Editorjali qed jieħdu ħsieb din il-pubblikazzjoni.

Nirringrazzja lil sħabi tal-Grupp għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tax-xogħol li jagħmlu b'ħeġġa kbira dejjem għal għan wieħed il-ġid tas-Soċjetà, grupp ġdid iżda li diġà ħalla u ser iħalli l-frott mistħoqq matul iż-żmien.

Nirringrazzja wkoll b'mod speċjali lill-familji tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina matul is-sena u li dejjem jagħtuna s-sapport tagħhom f'dak li nkunu qed nagħmlu.

Qabel nispiċċa dan il-messaġġ ma nistax ma nsemmix lil ħabib tagħna Steven Farrugia li bħal-leħħa ta' berqa ħalla din id-dinja. Ħasda li ser nibqgħu nġorruha magħna u li żgur se nibqgħu niftakru u napprezzaw ix-xogħol kollu li għamel għas-Soċjetà tagħna.

Minn qalbi nawgura l-festa t-tajba lil kull min jiġi jgawdi l-festa, lil sħabna f'diversi postijiet madwar id-dinja, lil dawk kollha li minħabba raġuni jew oħra ma jistgħux igawdu l-festa u fuq kollox lill-poplu ta' Birżebbuġa.

Inħeġġukom tingħaqdu magħna ħalli nerġgħu nagħmlu festa kbira u denja lill-Prinċep tal-Appostli il-Patrun tagħna San Pietru.

Viva San Pietru
Viva l-Banda Birżebbuġa

bilwieqfa mix-xellug: Franklin Cachia, Ryan Farrugia, Andriy Chetcuti Theuma, Chrizana Mizzi, Reyhan Vella
Bilqieghda mix-xellug: Andy Mifsud Camilleri, Jonathan Ellul Bonnici, Nicola Bonnici Mc Intyre
Nieqes mir-ritratt: Daniel Buhagiar

IRONMONGERY

Triq F.M Ferretti, Qajjenza, Birżebbuġa BBG05

Tel: 21654497 Mob: 77445014

Owner: Horace Scicluna

Electrical & Water Fittings, Household Goods, Paints more than 1000 colours, Tools, Barbeque Sets, Different tips for pumps, Water Heaters, Pumps, Key Cuttings & more...

Birżebbuġa Tiċċelebra Lill-Prinċep tal-Appostli San Pietru fil-Ktajjen
Il-Programm tal-Festa Titulari 2025

Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju

6.30pm: Quddiesa mmexxija u Adorazzjoni minn Mons. Karm Refalo; animata mill-Kummissjoni Liturġija bi tħejjija għall-festa titulari.

Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju

8:00pm: Organizzata Lejla Festiva f'Misraħ il-Knisja. Waqt din il-lejla ġiet imnedija d-diska uffiċjali bl-isem 'Glorja Petrina' bil-kliem ta' Stephen Baldacchino, mużika ta' Nedx u kantata minn Andrea u Nedx.

Il-Ħadd 13 ta' Lulju

10:00am: Tlugħ tal-Arblu Maġġur Ġdid.

Il-Ħamis 24 ta' Lulju

6.30pm: Sports Fest fi Triq il-Port Ħieles, ħdejn il-Mużew tas-Subien.

Il-Ġimgħa 25 ta' Lulju

8:00pm: Attività grandjuża fi Triq Birżebbuġa, quddiem is-sede tas-Soċjetà. Ikun hemm talent mill-aqwa mużika ta' kull żmien. Waqt din l-attività se tiġi organizzata *Majjalata* f'atmosfera festiva mill-aqwa.

Is-Sibt 26 ta' Lulju

6.00pm: Quddiesa li fiha nitolbu għal dawk li mietu mill-festa tas-sena 'l-oħra 'l hawn. Mistiedna b'mod speċjali l-qraba u l-ħbieb. Insemmuhom b'isimhom. Se jmexxi Fr Victor Scicluna.

6:30pm: Għat-tieni sena konsekuttiva se tiġi organizzata Festa Tfal mis-Soċjetà. Tibda minn Triq Birżebbuġa quddiem il-każin għall-Bajja s-Sabiħa u tintemm fi Triq Birżebbuġa quddiem il-każin. Ilkoll mistednin niġu nakkumpanjaw din il-festa ferrieħa li se tkun akkumpanjata mill-Banda Birżebbuġa li ddoqq innijiet Petrini. Ejjew, bil-flokkijiet ħodor u ġibu lil uliedkom u linneputijiet.

Il-Ħadd 27 ta' Lulju

Jum il-Ħajja

11.00am: Quddiesa li fiha ssir il-preżentazzjoni tat-trabi li twieldu mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn. Tingħata tifkira. Imexxi l-E.T. Isqof Awżiljarju Joe Galea Curmi.

12:00pm: *Green Gathering* fil-bottegin tal-każin f'atmosfera festiva mill-aqwa ma' DJ Pierre B.

7.00pm: Quddiesa animata mill-Grupp ŻAK u mmexxija minn Fr Roderick Baldacchino, viċi tal-parroċċa tal-Mosta. Mistiedna l-għaqdiet taż-żgħażagħ tal-parroċċa.

It-Tnejn 28 ta' Lulju

Ħruġ tal-Vara min-Niċċa
Jum l-Għaqdiet tal-Parroċċa

6.30pm: Quddiesa fuq iz-zuntier tal-Knisja. Imexxi il-Kappillan Fr Reuben Micallef.

7.30pm: Ħruġ tal-vara titulari ta' San Pietru Appostlu (1959) fuq iz-zuntier illi tintlaqa' b'ferħ u b'entużjażmu mill-poplu ta' Birżebbuġa. Iż-żewġ baned lokali, Banda Birżebbuġa u Banda San Pietru fil-Ktajjen, magħqudin f'banda waħda jilqgħu lil San Pietru bid-daqq tal-Innu Popolari u innijiet oħra b'tema Petrina. Tingħad il-Kurunella.

8:00pm: Kif tintemm il-funzjoni fuq iz-zuntier, iż-żewġ baned lokali jdoqqu f'banda waħda matul Misraħ il-Knisja, imbagħad il-Banda Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli tkompli l-marċ tagħha f'din ir-rotta: Triq iż-Żurrieq, Triq Profs Anton Tabone, il-Bajja s-Sabiħa, Triq Iż-Żibra, Triq San Ġwann, Triq San Vinċenz, Triq ix-Xbieki, Triq Iż-Żurrieq, Triq San Tumas, Triq Sant' Anġlu, Triq Sant' Andrija, Misraħ il-Knisja, Triq Birżebbuġa quddiem il-każin fejn jintemm il-marċ fost il-briju tal-partitarji. Fi tmiem il-marċ ikun hemm spettaklu flimkien ma' Dj Ryan Spiteri u Marco Xuereb, u wara nissuktaw niċċelebraw flimkien fil-każin.

It-Tlieta 29 ta' Lulju

Jum it-Tfal

6.30pm: Quddiesa għat-tfal bi preżentazzjoni fuq il-ħajja ta' San Pietru u tqassim tal-midalji tal-*Isports Rally.* Wara purċissjoni sal-MUSEUM fejn issir ċelebrazzjoni għat-tfal. Imexxi Fr Nicholas Dimech, viċi tal-parroċċa Santa Katarina, Żurrieq.

8:00pm: *Green Gathering* fil-bottegin tal-każin f'atmosfera festiva mill-aqwa ma' DJ Pierre B.

L-Erbgħa 30 ta' Lulju

L-Ewwel Jum tat-Tridu: Jum id-Djakonija

6.30pm: Quddiesa mmexxija minn Mons Patrick Incorvaja, viċi kanċillier tad-Djoċesi. Mistiedna speċjali l-morda, l-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali u l-familji tagħhom. Kemm dawk li joqogħdu Birżebbuġa, kif ukoll dawk li jinsabu fil-Homes. Wara il-kurunella u l-Antifona.

8:30pm: Il-Banda Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli, tibda marċ fl-inħawi tal-Papa minn Triq Wied il-Buni u tissokta fi Triq l-Imnarja, Triq Baden Powell, Triq Ir-Rizza, Triq il-Kanġu, Triq il-Borok, Triq iċ-Ċief, Triq il-Girgħien, Triq Ferdinand Struflesser II, Triq il-Barrieri, Triq il-Port Ħieles, Triq is-Sebħ, Triq Tal-Gurgier, Triq San Ġwann, Triq San Franġisk Saverju, Triq San Filippu, Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa u akkumpanjat mill-briju jitla' f'Misraħ il-Knisja fejn jintemm bid-daqq tal-Innu Popolari. Fi tmiem il-marċ ikun hemm spettaklu flimkien ma' Dj Sue, u wara nissuktaw niċċelebraw flimkien fil-każin.

Il-Ħamis 31 ta' Lulju

It-Tieni Jum tat-Tridu: ***Jum l-Familja***

8:00am: Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

12:00pm: Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

6.00pm: Għasar

6.30pm: Quddiesa. Imexxi Fr Chris Ellul Arċipriet tal-parroċċa ta' Marija Annunzjata Ħal Tarxien. Mistiedna l-familji b'mod speċjali l-koppji li qed jiċċelebraw xi anniversarju ta' żwieġ u koppji li żżewġu matul din is-sena. Wara Antifona u Barka Sagramentali.

7:00pm: L-istatwa ta' San Pietru, propjetà tas-Soċjetà (1991) titgħabba fuq il-lanċa u tibda d-dimostrazzjoni tradizzjonali mfittxija mid-dilettanti tal-festi Maltin mill-Bajja ta' San Ġorġ sal-Bajja s-Sabiħa. L-istatwa tkun akkumpanjata minn diversi dgħajjes u opri tal-baħar kif ukoll element bandistiku li jdoqq marċi brijużi.

8:30pm: Il-Banda Popolari Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli tilqa' l-wasla tal-istatwa bl-Innu Popolari u innijiet b'tema Petrina. Id-dimostrazzjoni tissokta mill-Bajja s-Sabiħa, Triq San Edwardu, Triq San Ġwann, Triq Iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja fejn quddiem il-parti l-ġdida tas-sede, jindaqq l-Innu Popolari, Triq Birżebbuġa fejn tingħata tislima denja quddiem il-każin.

9:30pm: Ħruq ta' murtali bil-logħob, sfejjer, blalen, murtali tal-kulur u kaxxa infernali tal-kulur.

Id-dimostrazzjoni tintemm fil-Bajja s-Sabiħa fejn l-istatwa tittella' fuq il-pedestall tagħha fost il-briju tal-partitarji. L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar issellem lill-istatwa ta' San Pietru bil-ħruq ta' kaxxa infernali mill-Bajja s-Sabiħa.

12:00am: Spettaklu flimkien ma' Dj Ziggy u Luca D Sax fil-Bajja s-Sabiħa li jinkludi l-feature awdjoviżiv.

Il-Ġimgħa 1 ta' Awwissu

It-Tielet Jum tat-Tridu: Jum is-Saċerdoti, Reliġjużi u Persuni ta' Ħajja Kkonsagrata.

6.00pm: Għasar

6.30pm: Quddiesa mmexxija minn Fr Andre Zaffarese, delegat tad-Djoċesi, għall-parroċċi. Mistiedna speċjali dawk kollha li għandhom għal qalbhom it-talb għall-Vokazzjonijiet. Wara t-Tqarbin jitkanta l-innu ta' ringrazzjament, it-Te Deum. Wara Antifona u Barka Sagramentali.

8:00pm: Il-Banda Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli, tibda l-marċ '*A la Veneziana'*, akkumpanjata mill-istandardi kollha tas-Soċjetà, l-istandard il-prim tar-rakkmu (2001) u l-bandalora artistika (2015). Il-marċ jibda minn Triq Birżebbuġa, Triq Santa Katarina, Triq San Mikiel, Triq Birżebbuġa u jintemm f'Misraħ il-Knisja quddiem il-planċier.

9:00pm: Il-Banda Birżebbuġa tiċċelebra l-Festa Titulari bil-kunċert vokali, korali u strumentali

annwali fuq il-planċier, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli ATCL. Flimkien mal-banda jieħdu sehem is-Soprano Karen Camilleri, it-Tenur Brian Cefai, il-kantanta Riona Degiorgio u l-kor 'Xmun Pietru', il-kor tas-Soċjetà taħt id-direzzjoni tal-assistent surmast Christopher Bonnici u Marouska Bonnici. Informazzjoni dwar is-siltiet esegwiti u l-loġistika jinsabu f'paġni oħra ta' din il-pubblikazzjoni.

Is-Sibt 2 ta' Awwissu

Lejlet il-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu

9:00am: Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

12:00pm: Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar.

12:00pm: L-ikla tradizzjonali tal-festa bejn il-ħbieb, fil-każin.

6.00pm: Quddiesa

6.45pm: Translazzjoni u Għasar immexxija minn Dun Danjel Farrugia. Nibdew mill-Knisja tad-Duluri (Triq il-Knisja).

L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar takkumpanja it-Translazzjoni b'salut, kaxxa u sett murtali.

8.00pm: Quddiesa.

8:15pm: Il-Banda Birżebbuġa, taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Bugelli, tiċċelebra Lejlet il-Festa Titulari b'marċ minn Misraħ il-Knisja u tissokta fi Triq Kurat Fenech, Misraħ il-Pajtier, Triq is-Sajjied, Triq Il-Brolli, Triq San Ġużepp, Triq Santa Rita, Triq G. Galizia, Triq San Mikiel, Triq San Pawl, Il-Bajja s-Sabiħa, Triq Birżebbuġa, u jintemm f'Misraħ il-Knisja.

9:30pm: Ħarqa spettakolari ta' Lejlet il-Festa li tibda bi ħruq ta' salut tal-lampjun, murtaletti, sfejjer, blalen, murtali bil-logħob, murtali biċ-ċentru u murtali tal-kulur. Tagħlaq il-ħarqa kaxxa infernali kbira tal-kulur.

11:30pm: PYRO COLOURS mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar. Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art artistiku u b'diversi mekkaniżmi differenti li tintemm b'tapit sinkronizzat mal-mużika. Kollox FROTT IT-TFAL TA' BIRŻEBBUĠA

Il-Ħadd 3 ta' Awwissu

Jum il-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu

Quddiesa fis-6.30am, 8.00am u fil-11.00am.

9.00am: Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Dun Danjel Farrugia, f'għeluq il-50 sena mill-anniversarju tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Jinseġ il-paniġierku Mons. Karm Refalo.

11:30am: Il-Banda Popolari Birżebbuġa tibda l-marċ il-kbir Tal-Iljun minn Triq Birżebbuġa, Il-Bajja s-Sabiħa, Triq il-Knisja, Triq id-Duluri, Triq San Mikiel, Triq Birżebbuġa, Triq San Ġużepp, Triq Santa Rita, Triq Sant' Anġlu, Triq Sant' Andrija, Misraħ il-Knisja, Triq Birżebbuġa fejn jintemm il-marċ fost il-briju tal-partitarji. Tinħaraq musketterija minn fuq il-każin. Fi tmiem il-marċ inkomplu nieħdu pjaċir flimkien fil-każin bħala familja waħda flimkien ma' Dj Sue u Daniel tat-Trumbetta .

6.00pm: Quddiesa bil-kant tal-Għasar minn Fr Matthew Sammut, saċerdot novell.

7.15pm: Purċissjoni bl-istatwa artistika u devota ta' San Pietru fil-Ktajjen, Patrun ta' Birżebbuġa mmexxija minn Fr Matthew Sammut. Jieħdu sehem il-Baned mistiedna.

(Ma ssirx il-Quddiesa tas-7.00pm)

7:30pm: Il-Banda San Pawl ta' Ħal Safi takkumpanja l-purċissjoni b'innijiet u marċi b'tema Petrina sad-dħul lura fil-knisja parrokkjali.

9:00pm: L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar takkumpanja l-purċissjoni b'salut tal-lampjun, sfejjer, murtali bil-logħob, murtaletti, u murtali tal-kulur.

9:30pm: Il-membri u l-partitarji niltaqgħu quddiem is-sede tas-Soċjetà fi Triq Birżebbuġa sabiex nagħtu merħba xierqa lill-patrun tagħna San Pietru Appostlu hekk kif jasal quddiem il-każin. Imbagħad inkomplu nakkumpanjawh sad-dħul lura fil-knisja.

10:20pm: L-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar tagħlaq il-purċissjoni solenni b'kaxxa kbira tal-kulur.

10.30pm: Dħul tal-purċissjoni lura fil-knisja parrokkjali, kant tal-antifona 'Solve Jubente Deo' ta' Mro Ray Sciberras (2016), Ċelebrazzjoni Ewkaristika, Barka Sagramentali u Bews tar-Relikwa waqt illi jitkanta l-Innu Popolari lil San Pietru. Nistennew lil sħabna tan-nar, issir talba u tislima lil San Pietru bħala

ringrazzjament illi ntemm kollox b'wiċċ il-ġid.

Il-kant tat-Tridu, Lejlet il-Festa u narha jsir mill-Kor Parrokkjali ta' Birżebbuġa taħt it-tmexxija ta' Mrs Josette Polidano.

Il-Kappillan flimkien mal-Kleru u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jagħti l-festa t-tajba lil dawk kollha li jgħinu għall-bini tal-Komunita' permezz tal-festa.

11:00pm: Il-Banda Popolari Birżebbuġa ttemm l-impenji mużikali tagħha bil-marċ tan-Nar u r-Reffiegħa. Tibda mill-Bajja s-Sabiħa, fejn l-istatwa ta' San Pietru (1991) titniżżel minn fuq il-pedestall, u akkumpanjata mill-Banda Birżebbuġa titwassal u tiddaħħal lura fil-każin. Il-marċ jissokta u jintemm f'Misraħ il-Knisja.

Inħeġġu sabiex wara dan is-servizz mużikali, il-membri u l-partitarji jagħtu daqqa ta' id fiż-żarmar tal-planċier, l-armar tal-faċċata kif ukoll l-apparat tal-briju. Napprezzaw kull għajnuna. Aktar kemm inkunu nies, indumu u nbatu inqas u nserrħu rasna li kollox jinsab merfugħ sigur għall-festa titulari 2026.

It-Tnejn 4 ta' Awwissu

L-Għada tal-Festa u x-Xalata Tradizzjonali

Inħeġġu lil kulħadd sabiex fil-jiem tal-festa titulari nattendu bi ħġarna l-funzjonijiet liturġiċi u nattendu l-attivitajiet illi se jkunu organizzati b'rispett sħiħ lejn xulxin u nakkumpanjaw lill-Banda Popolari Birżebbuġa waqt illi tterraq mat-toroq ta' raħalna.

Nappellaw sabiex nirregolaw ruħna mas-Sagramenti tal-Qrar u t-Tqarbin f'dawn il-jiem sbieħ tal-festa. Ejjew ningħaqdu madwar l-altar u madwar il-patrun tagħna sabiex nirringrazzjaw lil Alla l-Imbierek, Ommna Marija u lil San Pietru li waqfu magħna matul din is-sena.

Ejjew nuru li aħna tal-festa billi narmaw il-galleriji, il-bjut, it-twieqi u l-faċċati ta' djarna bil-kuluri tas-Soċjetà u fuq kollox b'xi statwa, inkwatru jew stampa ta' San Pietru Appostlu.

Il-Kumitat Ċentrali jirriserva d-dritt illi dan il-programm jista' jinbidel mingħajr avviż prematur skont il-ħtieġa tal-festa ta' San Pietru Appostlu.

VIVA L-APPOSTLU MISSIERNA SAN PIETRU!

Inħarsu lejn Pietru u nwettqu lil ħutna.

Kan. Reuben Micallef
Il-Kappillan u d-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà

Għeżież, ma nistax ma nibdiex dawn il-kelmiet tiegħi billi ma nagħmilx riferenza għad-diskors tant imraqqam li Papa Ljun XIV għamel nhar il-Ħamis, 8 ta' Mejju 2025, festa tal-Madonna ta' Pompei, meta għall-ewwel darba rajnieh ħiereġ fil-gallarija tal-Vatikan biex isellem lin-nies u biex jagħtina l-barka tiegħu – Urbi et Orbi.

Huwa mal-ewwel indirizzana fix-xena ta' Kristu Rxoxt bit-tislima ta' "Il-paċi magħkom." U jgħidilna,"Din hija l-paċi ta' Kristu Rxoxt, paċi bla armi u paċi li żżarma, umli u perseveranti. Ġejja minn Alla, Alla li jħobbna lkoll mingħajr kundizzjoni. Għadna nistgħu nisimgħu tidwi f'widnejna dik il-vuċi dgħajfa imma dejjem qalbiena tal-Papa Franġisku qed ibierek lil Ruma!"

Id-direzzjoni li qed jagħti lill-Knisja mal-ewwel kelmiet tiegħu hija waħda illi nevitaw il-biża' minn xulxin u nibqgħu mexjin 'il quddiem magħqudin id f'id ma' Alla u bejnietna. Iħeġġiġna biex nibnu pontijiet bid-djalogu, bil-laqgħa, billi ningħaqdu lkoll ħalli nkunu poplu wieħed dejjem fil-paċi.

Dawn kienu l-ewwel frażijiet li Papa Ljun XIV se jibqa' mfakkar għalihom fil-bidu tal-pontifikal tiegħu. Papa li bħala suċċessur tal-Prinċep tal-Appostli, Pietru, qed jieħu fuqu l-missjoni illi mal-ewwel ikun strument ta' għaqda għall-Knisja, iżda wkoll għall-umanità kollha.

Aħna li qed niċċelebraw il-Festa tal-għażiż tagħna San Pietru ma nistgħux ma nagħtux widen għal dan il-kliem li s-Suċċessur tiegħu qed jagħmlilna. Ejjew inkunu tassew nies li nħaddnu din l-attitudni ta' paċi fi kliemna u f'għemilna kull fejn inkunu. Ejjew inkunu nies illi fil-familji tagħna, fit-tfal tagħna, niżirgħu l-imħabba u mhux il-firda. Inkunu persuni li fil-postijiet tax-xogħol tagħna nimxu b'ġustizzja lejn il-kollegi tagħna, lejn dawk li rridu nirrispondu għalihom u lejn ta' taħtna. Ejjew inkunu nies illi tassew nibnu komunità magħquda!

Kristu lil Pietru jgħidlu "*Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek*." [Lq:22:33] Il-missjoni li lkoll kemm aħna għandna hi li nsaħħu lil ta' madwarna, li nkunu hemm għall-oħrajn, li nkunu nies ta' paċi u għaqda, u li kliemna jġib sens ta' apprezzament u ta' tjieba.

Jalla din il-festa tkun għalina mument fejn tassew nippruvaw napprofondixxu l-fidi. Bl-għajnuna tal-Kelma, tal-Ewkaristija u tal-Qrar, ejjew tassew inħallu lil Pietru jressaqna lejn l-Imgħallem tiegħu, Kristu Sidna, u li permezz tas-suċċessur tiegħu, Papa Ljun XIV, nagħrfu tassew li l-ħażen mhux se jirbaħ, għax Alla jħobbna u jixtiqilna l-ġid.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

Silvio Dalli
(Ta' Mundu)
Gas Distributor

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mil-4pm sa 6pm
is-Sibt mit-8am sa 12pm
(Fejn il-palazz ta'Bettina il-Gudja)

Ċemplu: 99462126

M'għandu l-Ebda konnessjoni ma' distributuri oħra

MG
CREATIVE
FACTORY

MG Signs

Plot 90- 91 X ,
Luqa Industrial Estate,
Luqa LQA 3000

T: 21696787
E: sales@mgmalta.com

SCREEN
PROFESSIONAL HAIR CARE
SALON
by ALEXIA
TRIQ IL QAQLIET
MARSASCALA
TEL :2720 0204

screenahaircare.com

Birżebbuġa: Komunità Attiva, Festa Vibranti

Scott Camilleri
Sindku Kunsill Lokali Birżebbuġa

Huwa ta' unur u pjaċir għalija, bħala s-Sindku tagħkom, li nindirizzakom f'dan iż-żmien speċjali tal-festa ta' San Pietru fil-Ktajjen. Il-festa tagħna hija ħafna aktar minn ċelebrazzjoni: hija riflessjoni ta' fidi, għaqda u identità komunitarja – elementi li jagħmlu lil Birżebbuġa lokalità vivaċi, dinamika u mimlija enerġija.

Matul is-snin riċenti, il-Kunsill Lokali ħadem b'dedikazzjoni u serjetà sabiex jitwettqu proġetti konkreti li jtejbu l-kwalità tal-ħajja ta' kuljum tar-residenti tagħna. Fost dawn, nsemmu: il-ftuħ tal-berġa tas-saħħa fi Triq Birżebbuġa, parkeġġi ġodda, ir-restawr ta' siti storiċi, u l-iżvilupp ta' spazji miftuħa għal kulħadd. Dan kollu sar biex intejbu s-servizzi, iżda wkoll biex nibnu komunità li tgħożż il-valuri tagħha u tħares 'il quddiem b'viżjoni u kuraġġ.

Matul din l-aħħar sena, bħala Kunsill, ħdimna fuq diversi proġetti li issa qed igawdu minnhom ir-residenti.

Fosthom: il-ftuħ mill-ġdid ta' Ġnien l-Indipendenza, xogħol fuq il-bandli ta' San Ġorġ, it-tħabbira tal-proġett ta' dar tal-anzjani fl-eks sit tal-gass fil-Qajjenza, kif ukoll titjib fis-servizzi tad-dawl u l-ilma, b'mod partikolari fi Triq Birżebbuġa u Triq il-Bajja s-Sabiħa. Organizzajna attivitajiet soċjo-kulturali bħall-Festa Bengħajsa u l-Island Games, u ċċelebrajna s-suċċessi ta' residenti u għaqdiet lokali.

Ftaħna outdoor gym professjonali, ħabbarna pjan għal riġenerazzjoni tal-promenade, u ressqna l-proposta għal ċentru ċiviku quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

L-impenn tagħna jibqa' li nkomplu nibnu komunità b'saħħitha, organizzata u sostenibbli – fejn kull resident iħossu parti integrali minnha.

B'mod partikolari, infaħħar il-ħidma siewja tal-każini tal-banda, l-għaqdiet volontarji, il-parroċċa u l-forzi tal-ordni. Intom il-qalba ta' Birżebbuġa, u l-festa hija xhieda ċara tal-impenn tagħkom.

F'isem il-Kunsill Lokali, nawgura lil kulħadd festa ferrieħa, mimlija ferħ, għaqda u paċi. Jalla l-ispirtu ta' San Pietru fil-Ktajjen jibqa' jmexxina fit-triq tal-progress u s-solidarjetà.

SUPERSTAR BUTCHER

Fresh & Frozen Meat

Triq is-Sajjieda, Birżebbuġa
Tel: 21653082 Mob: 99550848
FREE DELIVERY

Dove's
Pet Shop
Triq 31 ta' Marzu, B'Bugia
Tel: 21 650 943

"With Best Wishes"
Zaren Dalli Street, Birżebbuġa
Tel: 2165-3443 Mob: 7965-3443

October – June Opening Hrs:
Mon to Sat 16:00 – 20:00 Sat & Sun 08.00-12.00

July to September Opening Hrs:
Mon to Fri: 08:00 – 12:00, 16:00 – 20:00
Sat & Sun: 08:00 – 12:00

Stationery and Giftshop

Best Stationery at lowest prices
Original Gifts and Novelties
Music Books and ART Materials

http://www.facebook.com/withbestwishes

It-Tmexxija tas-Soċjetà 2025

Struttura Onorarja

President Onorarju, Fundatur u Benefattur Ewlieni
Anthony Camilleri

Fundaturi tas-Soċjetà
Anthony Camilleri, Kav. Alexander Caruana OSJ, Joseph Caruana, Angelo Cutajar, Raymond Cutajar (RIP), Jason Vella

Presidenti Onorarji Għal Għomorhom
Il-Perit Michael Schembri B.E.CA (Hons), A. C C.E., Jason Vella

Presidenti Onorarji
Peter Camilleri, Emanuel Zammit, Paul Polidano, Dr Henry Antoncich L.P., LL.D., il-Prim Imħallef Joseph Azzopardi LL.D., Lonzu Vella, Simon Micallef, Victor Schembri, Kav. Derek Mifsud Speranza, Dr Marylin Sultana LL.B., N.P., Jason Cutajar, Roderick Cachia, Charles Ellul, Steve Briffa, Francis Cassar, Guido Agius, Christopher Camilleri

Membri Onorarji
Sunny Bonnici, Paul Schembri, Carmelo Galea, Ronnie Galea, Joe Cutajar, Tarcisio Bongailas, Dennis Micallef, Emmanuel Mangion, Mikiel Schembri, Pierre Zammit, Marco Camilleri, Benji Caruana, Andrè Taylor, Thaddeo Agius, Aidan Vella, Simon Galea, Eman Farrugia, Comm. John Taylor KCHS, Daniel Cutajar, Paul Zammit

Surmastrijiet Onorarji
Mro Felicienne Paris B.Ed (Hons); L(Mus)TCL; L(Mus)LCM;
Mro Gennaro Sibilano (Rivo di Puglia);
Mro Ray Sciberras FLCM

Struttura Amministrattiva

Il-President: Kav. Alexander Caruana OSJ
Is-Segretarju Ġenerali: Henry Bonnici
It-Teżorier: Walter Pace

Il-Viċi President: Andy Mifsud Camilleri
L-Assistenti Segretarji: Jonathan Ellul Bonnici u Matthew Polidano
L-Assistenti Teżoriera: Nathaniel Debono u Nicola Bonnici Mc Intyre

Id-Direttur Ġenerali: Benji Caruana
Id-Direttur Manutenzjoni: Pierre Zammit
Id-Direttur Armar tal-Każin: Comm. John Taylor KCHS u Clint Balzan

Is-Surmast Direttur: Mro Michael Bugelli A.T.C.L.
L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, tar-Ram u tal-Perkussjoni: Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM
L-Għalliem tal-Istrumenti tal-Injam: Ludwig N. Desira

Il-Kordinatriċi tal-Kor Xmun Pietru: Marouska Bonnici B.A.(Hons)
L-Arkivisti: Andy Mifsud Camilleri, Ass Surmast Christopher Bonnici u Kristian Cassar

Id-Delegati tal-Banda: Kav. Alexander Caruana OSJ u Andy Mifsud Camilleri

Il-Kordinatur għall-Applikazzjonijiet: Nicola Bonnici Mc Intyre u Andy Mifsud Camilleri

Fund-Raising u Attivitajiet: Sue Pace u Matthew Polidano

Ir-Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni: Matthew Polidano

Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Armar Estern: Benji Caruana

Ir-Rappreżentant tal-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar: Eman Farrugia

Ir-Rappreżentant Sezzjoni Banda Birżebbuġa: Andy Mifsud Camilleri

Rappreżentant tal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar: Nathaniel De Bono

Ir-Rappreżentant tal-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin: Anthony Camilleri

Ir-Rappreżentanta tan-Nisa Petrini: Sue Pace

Id-Diretturi tal-Pubblikazzjonijiet: Nicola Bonnici Mc Intyre u Rachel Galea B.Ed (Hons)

L-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi: Jonathan Ellul Bonnici

Webmaster: Andy Mifsud Camilleri

KUMITAT EŻEKUTTIV

2025 - 2027

Bilwieqfa mix-xellug

Jonathan Ellul Bonnici, Andriy Chetcuti Theuma, Eman Farrugia, Nathaniel Debono, Andy Mifsud Camilleri, Benji Caruana, Matthew Polidano, Clint Balzan

Bilqiegħda mix-xellug

Sue Pace, Henry Bonnici, Kav. Alexander Caruana, Walter Pace, Nicola Bonnici Mc Intyre

Il-Messaġġ tal-President

Kav. Alexander Caruana OSJ

Il-President

Għaddew 35 sena minn meta wettaqna l-ħolma tagħna u tajna lil Birżebbuġa soċjetà mużikali ġdida biex tkabbar il-festa tal-Patrun tagħna San Pietru. Matul dawn il-35 sena rajna lis-soċjetà tikber b'kull qasam u llum, għalkemm xorta għadna ta' età żgħira meta mqabblin ma' soċjetajiet oħrajn, ninsabu sodisfatti bil-passi ta' ġgant li għamilna. Wieħed irid jifhem li dan ma ġiex mix-xejn, iżda dan sar għax kellna nies li minn qalbhom iddedikaw ħafna mill-ħin ta' ħajjithom biex is-soċjetà timxi 'l quddiem u biex il-festa li tant inħobbu tikber u ssir waħda mill-iktar festi popolari tal-gżejjer Maltin. Illum, il-kelma li żgur toħroġ minn fommi hija l-kelma 'Grazzi' għax bis-saħħa ta' ħafna nies, għamilna dawn is-suċċessi kollha u llum il- ġurnata, is-soċjetà tinsab miexja b'ritmu tajjeb minkejja l-isfidi li qed iħabbtu wiċċhom il-festi, il-volontarjat u s-soċjetajiet fiż-żmien tal-lum.

Għadni niftakarni nikteb l-ewwel messaġġ tiegħi għall-ewwel ktieb tal-festa, dak iż-żmien fil-kariga ta' segretarju. Messaġġ li kont ktibtu fi żmien ta' ħafna entużjażmu imma fl-istess ħin ta' ħafna biża'. Li twaqqaf soċjetà mużikali ġdida mix-xejn, mhux ħaġa faċli u l-bidu jkun iebes ħafna. Forsi nasal biex ngħid li veru qatt ma ħlomna li kellna ngħaddu minn biċċa xogħol kbira daqshekk. Però hekk kif il-banda tagħna daqqet għall-ewwel darba, propju l-Ħamis 2 ta' Awwissu, 1990, dawn il-biżgħat spiċċaw u mtlejna b'kuraġġ kbir meta rajna l-appoġġ kbir mill-komunità ta' Birżebbuġa. Il-poplu ta' dan ir-raħal kien għatxan biex ikollu soċjetà li setgħet tkabbar il-festa.

Meta nħares lura, nibda niftakar f'tant avvenimenti sbieħ u mumenti diffiċli li għaddejna minnhom. Ma nistax ninsa lil dawk il-membri, benefatturi u partitarji li llum ma għadhomx magħna u li minn qalbi insellmilhom. Barra minn hekk, inħoss ukoll is-sodisfazzjon tiegħi li għandna soċjetà magħquda li taħdem għall-istess għanijiet u għalhekk il-progress ikun jista' jibqa' miexi 'l quddiem. Hawn ma nistax ma nsemmix il-progress li għamilna bħala festa tul dan iż-żmien. Sa qabel it-twaqqif tagħna, kellna festa li kienet issir fuq tlett ijiem, li mbagħad biddilnieha għall-festa li qed nagħmlu llum il-ġurnata. Però, bla dubju, l-isbaħ ħaġa li għandha l-festa tagħna hija li tkun festa soċjali fejn il-familji u l-ħbieb jiltaqgħu u jifirħu flimkien, mingħajr ħafna piki żejda. Il-kompetizzjoni hija sabiħa u twassal għal iktar motivazzjoni, però jrid ikollha l-kontroll u għalhekk nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lill-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen li dejjem ħdimna flimkmien biex naraw li tirrenja l-għaqda fost il-Birżebbuġin, għax b'hekk biss jista' jkollna festa sabiħa li tagħmel ġieħ lir-raħal tagħna u tagħti qima lill-maħbub patrun tagħna.

Jien irrid nirringrazzja lil sħabi kollha tal-kumitat, speċjalment lis-Segretarju u lit-Teżorier li issa ilna naħdmu flimkien għal bosta snin, lis-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-soċjetà tagħna, lill-membri u partitarji tagħna, lill-W.R. Kappillan u lill-kleru kif ukoll lis-Sindku u sħabi l-kunsilliera kollha u lill-Forzi tal-Ordni. Irrid nawgura wkoll lis-Surmast tagħna Mro Michael Bugelli li qed jiċċelebra l-35 sena tiegħu bħala surmast tagħna u llum huwa l-iktar surmast li ilu fil-kariga fost is-surmastrijiet kollha tal-gżejjer Maltin bħalissa. Nirringrazzjah tax-xogħol kollu li għamel, kif ukoll nirringrazzja lill-Assistent Surmast Mro Christopher Bonnici u lill-għalliem Ludwig Desira u lill-bandisti kollha. Nirringrazzja wkoll lill-Għaqda tal-Armar 1 ta' Awwissu u lil dawk kollha li jaħdmu n-nar għall-festa tagħna, dawk li jarmaw anke l-knisja u lil kull min jagħti sehmu biex ikollna festa sabiħa. Jalla l-Mulej bl-interċessjoni ta' San Pietru jżomm idejh fuqna tul dawn il-jiem u jkompli jbierek il-parroċċa tagħna.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd imma l-iktar lil dawk li għal raġuni jew oħra ma jistgħux jingħaqdu magħna ħabba li għaddejjin minn mumenti diffiċli.

VIVA SAN PIETRU u VIVA BIRŻEBBUĠA

Jikteb is-Segretarju

Henry Bonnici
Is-Segretarju Ġenerali

Il-ħajja ta' kull soċjetà ma tiddependix biss mill-għadd tal-membri jew minn kemm tkun popolari, imma mill-ħidma li twettaq biex tkompli ssaħħaħ l-għan li għalih twaqqfet. Meta l-ħidma tbatti, l-għan jidgħajjef. Għall-grazzja t'Alla, is-Soċjeta tagħna, li tant hi għal qalbna,kompliet twettaq permezz tal-kumitat u s-sotto Kumitati ħabrieka tagħha, u qatt ma waqfet toħlom. Qatt ma sibt diffikulta li nelenka dak li s-soċjeta' tkun wettqet matul is-sena. Anzi, nażzarda ngħid li l-ispazju ma jippermetilix li nniżel fid-dettal dak li tkun wettqet. Il-laqgħa ġenerali ma twaqqafniex milli nkomplu nwettqu dak li nkunu bdejna, anzi sservi ta' stimulu biex inżidu fil-ħidma u nħarsu aktar 'il quddiem b'ottimiżmu.

Il-fondi dejjem kienu għalina ta' uġieħ ta' ras. Ma tistax tmexxi każin bħal tagħna mingħajr fondi. Kull attività li torganizza, teħtieġ il-finanzjament tagħha u l-ħidma tal-voluntieri. Inkella ssib li tkun bdejt xi ħaġa u jkollok tieqaf nofs triq, jekk mhux ukoll tabbandunaha. Is-Soċjetà tagħna ilha mwaqqfa 35 sena u meta tħares lura tinduna kemm twettqu affarijiet u tistaqsi kif irnexielha s-soċjeta' tagħmel dan kollu. Dak li twettaq iqawwilna qalbna li nistgħu nibqgħu għaddejjin anke fost diffikultajiet li niltaqgħu magħhom.

Id-dinja ta' madwarna tinbidel u aħna rridu nkunu konxji mit-tibdil li jkun qed isir. Jekk nibqgħu mwaħħlin mal-passat, nirrendu lis-Soċjeta' tagħna irrilevanti u ma tibqax tappella għan-nies. Kien dan l-ispirtu li wassalna biex jitwaqqaf l-grupp Media biex is-soċjetà ma jkolliex diffikulta tilħaq lill-poplu inġenerali. Ir-rispons kien wieħed qawwi, kważi, kważi aktar milli stennejna.

Tgħallimna kif għandna nġibu fondi, li minn żmien għall-żmien joħorġu minn diversi entitatijiet, kemm governattivi, Ewropej kif ukoll soċjali. Kien bl-għajnuna ta' dawn il-fondi li saħħaħna t-taghlim tal-mużika, li hu s-sinsla ta' kull soċjeta' mużikali bħal tagħna. L-istess fondi kienu ta' għajnuna biex jinxtraw strumenti ġodda u naraw kif l-istrumenti li għandna jibqgħu fl-aħjar kundizzjoni.

La semmejt il-mużika u l-istrumenti, nieħu l-okkażżjoni sabiex nawgura lis-Surmast Direttur Michael Bugelli li din is-sena qiegħed jagħlaq il-35 sena minn meta beda jidderiġi l-banda. Nawgura wkoll lill-Ass Surmast Christopher Bonnici, li din is-sena wkoll, jagħlaq il-5 sena mill-ħidma tiegħu mal-banda. Nawgurawlu u nirringrazzjakom tal-ħidma tagħkom.

Fil-bidu tas-sena sar programm ta' manutenzjoni għax minn żmien għal żmien ikun hemm bżonn dawra tajba. Fost affarijiet oħra saru bibien ġodda. Tlesta l-arkivju li tant kellna bżonn.

Ħdimna fuq il-koperazzjoni ma' soċjetajiet, reliġjuži u soċjali, oħrajn mill-parroċċa tagħna. Fejn kien possibli ġbidna ħabel wieħed biex hekk l-enerġija ma tinħeliex, l-aktar meta l-għanijiet kienu l-istess. Inħeġġeġ aktar persuni biex jersqu lejn il-każin tagħna u joffru l-ghajnuna tagħhom, mingħajr ma joqogħdu jistennew li navviċinawhom aħna. L-istorja ta' kull membru fis-soċjeta' u kif ġie introddot fiha, hi differenti.

Ma ninsewx l-għan primarju li għalih twaqqfet is-soċjetà: il-festa ta' Missierna San Pietru, il-Prinċep tal-Appostli. Lejh induru biex iżomm idejh fuqna u fuq il-familji tagħna. Miegħu nifirħu meta tasal il-festa li naħdmu ghaliha matul is-sena kollha.

Inħeġġeġ u nirringrazzja b'mod speċjali liż-żgħażagħ għall-ħidma u l-koperazzjoni tagħhom matul is-sena. Il-preżenza tagħhom hi bħal żiffa ħelwa li tnaddaf l-arja li tkun trabbiet matul is-snin u żżomm lis-soċjetà tagħna żagħżugħa u vibranti li tibqa' tkun ta' ġid għas-soċjeta'. Huwa veru li ż-żgħażagħ huma importanti f'kull għaqda għax dawk huma l-futur ta' kull għaqda imma ma rridx ninsa l-Kummissjonijiet kollha l-oħra li tant jaħdmu matul is-sena u jagħmlu sagrifiċċji biex jaraw is-soċjetà tagħna miexja 'l quddiem. Tajjeb li napprezzaw il-ħidma tagħhom.

Il-ħajja mhux ward u żahar. Matul din is-sena tlifna anke persuni li ħadmu min qalbhom għas-soċjetà fosthom Steven Farruġia li ħalla din id-dinja ħesrem fi żmien li kien għal qalbu: il-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-fatt kien jibda minn kmieni jikteb xi drammi dwar il-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu b'xi messaġġ li jmisslek qalbek . Din it-telfa żgur ma kinitx mistennija u mhu ser tintesa qatt.

Il-ħajja trid tkompli miexja, u għalhekk irridu nħarsu 'l quddiem sabiex flimkien ingawdu li b'tant sagrifiċċji ħadmu ta' qabilna.

Nagħlaq billi nirringrazzja minn qalbi lil sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv b'mod speċjali l-President, it-Teżorier kif ukoll l-Assistenti tiegħi Jonathan Ellul Bonnici u Matthew Polidano. Kull membru huwa utli fil-ħidma amministrattiva. Nirringrazzja wkoll lis-Sotto Kumitati kollha li tant b'ġenerożita' jaħdmu bla limitu tul is-sena kollha. Grazzi wkoll lis-soċi u l-benefatturi kollha li sibniehom ta' spalla meta kellna bżonn.

Grazzi wkoll tmur għal Wisq Reverendu Kappillan Dun Reuben Micallef, il-Wisq Rispettabli Sindku u Kunsilliera, is-Supretendent u l-korp tal-pulizija.

Nirringrazzja minn qalbi lil mara tiegħi Catherine li tant tieħu paċenza bija sabiex inkun nista' mmexxi u naqdi d-doveri tiegħi lejn is-soċjetà.

Lill-President u membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen, lill-Grupp Armar 1 ta' Awwissu, kif ukoll id-diversi għaqdiet u entitajiet oħra tal-lokal, nawgurawlkom il-festa t-tajba.

Nawgura l-festa t-tajba lin-nies kollha ta' Birżebbuġa u l-aktar lill-morda. Fejn mhux possibli li tkunu preżenti segwu permezz tal-mezzi soċjali.

Gasparell Baling Co. Ltd.

Ferrous and Non Ferrous

Scrap Metal Processing

Mob: 7965 1545

Mob: 9949 5236

Email: gasparell.b@gmail.com

HHF 601—Hal-Far Industrial Estate, Birzebbuga , BBG 3000

JASON CUTAJAR

Building Construction

Miriam Hse., Brolli Road, Birzebbuga BBG 1840

9949 0543 9945 6318 2165 1591

Email: jasonbuildingandconstruction@hotmail.com

Website: www.jasoncutajarconstruction.com

CRANE, HI-UP, MINI EXCAVATORS, ROTARY EXCAVATORS
& BOBCAT HIRE • BOAT LIFTING • SKIP HIRE
ALL KIND OF TRANSPORT • BUILDING DEMOLITION
TORBA • RAMEL • TAĦMIL BIL-GAFFA U BIL-GRAPP
BINI TAL-ĦITAN TAS-SEJJIEĦ (RUBBLE WALL) • ALTERATIONS

L-Appell tat-Teżorier

Walter Pace

It-Teżorier

Għaddiet sena oħra u b'hekk reġgħet waslet il-festa tant għażiża għalina ta' San Pietru. Kienet sena impenjattiva ħafna fejn ix-xogħol ma qata' xejn, anzi pjuttost ngħid li żdied. Ma kinitx sena faċli, il- volontarjat dejjem qiegħed jonqos u biex il-każin jibqa' għaddej jeħtieġ iktar għajnuna f'kull aspett inkluż dak finanzarju tas-soċjeta'. Il-finanzi tas-soċjeta' dejjem iridu jinżammu aġġornati u bir-reqqa, għalhekk il- kariga tiegħi bħala teżorier ta' din is-soċjeta' tant għal qalbi, tirrikjedi ħafna ħin u dedikazzjoni.

Il-każin irid ikompli jimxi 'l quddiem iżda biex dan isir hemm bżonn l-għajnuna finanzjarja. Kullħadd jaf li llum il-ġurnata l-ispejjeż żdiedu drastikament u biex tagħmel il-festa illum trid ħafna u ħafna flus. Ma nkunux qegħdin naħdmu bil-għaqal jekk nidħlu għal ċertu spejjeż biex nagħmlu festa kbira u ma jkollniex finanzi biżejjed biex dawn l-ispejjeż ikunu koperti. Iżda l-ispejjeż ma jiqfux bil-festa biss, l-ispejjeż huma s-sena kollha. Il-każin, biex jibqa' jiffunzjona kif jixraq, jeħtieġ il-manutenzjoni tiegħu li magħha ġġib spiża sostanzjali. L-attivitajiet li jsiru matul is-sena bħall-programmi tal-banda, servizzi u l-festa ta' Kristu Rxoxt ukoll hemm spejjeż kbar marbutin magħhom, iżda permezz ta' diversi sponsors, donazzjonijiet u fondi li nirċievu mill-applikazzjonijiet dejjem wasalna. Hawnhekk nixtieq nirringrazzja minn qiegħ qalbi lil kull min b' xi mod jew ieħor jgħinna mhux biss finanzjarament iżda anke volontarjament. L-għajnuna tagħkom tkompli tagħtina l-kuraġġ biex inħarsu 'l quddiem u negħlbu kull sfida li nistgħu naffaċjaw. Għalkemm xorta waħda nixtieq nappella lill qarrejja biex ikunu ġenerużi. Kull donazzjoni hija aprezzata mmens.

Din is-sena xogħli ġewwa l-każin kien jikkonsisti ukoll fil-preparamenti tad-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira. Wara ħafna snin erġajt ħadt sehem f'din ir-rappreżentazzjoni f'parti żgħira, però l-biċċa l-kbira ta' xogħli kienet wara l-kwinti, fejn flimkien ma' marti Sue, fassalna lbiesi ġodda u kif ukoll irranġajt ħafna vestwarji li kienu jeħtieġu manutenjzoni kbira. Sfortunatment din is-sena il-Ġimgha l-Kbira ġabet magħha aħbar kerha li ħasdet lil kulħadd. Propju fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira qomna għall-aħbar li Steven Farrugia, membru attiv fis-soċjeta' u tista tgħid li kien il-pijunier u l-moħħ wara din ir-rappreżentazzjoni, ħalliena għall-ħajja ta' dejjem. Hawnhekk nieħu din l-opprtunita biex nirringrazzjah tax-xogħol li għamel minn qalbu għal din is-soċjeta' u biex insellem il-memorja tiegħu. Agħtih o' Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

Nammetti li qiegħed nikber u ż-żmien ma jirbaħlu ħadd. Mhux l-ewwel darba li għaddieli minn moħħi li nieqaf iżda l-imħabba li għandi lejn is-soċjeta' dejjem sawret fija kuraġġ u detreminazzjoni kbira biex sakemm tagħtini s-saħħa nibqa' naħdem u nkun ta' għajnuna ħalli l-każin jibqa' dejjem jilħaq kull għan li jkollu filwaqt li nibqgħu nimxu b'mod għaqli u responsabbli mill-aspett finanzjajru.

Nirringrazzja lil marti Sue li hija l-mutur li jagħtini s-saħħa biex nibqa għaddej b'ħidmieti. Grazzi tal-paċenzja u s-sapport li dejjem tagħtini għażiża mara. Nirringrazzja wkoll lill-familja tiegħi, lill-kumitat, lis-sezzjonijiet kollha, lill-assistent tiegħi Nathaniel De Bono, li flimkien ma' ħuh Klein De Bono huma l-id il-leminija tiegħi, u lil bosta membri ta' din is-soċjeta' tal-għajnuna tagħhom. Nixtieq nieħu din l- opportunita biex niftakar u nirringrazzja ukoll lil Chris Camilleri li kont dejjem insibu ta' għajnuna kbira.

Nagħlaq billi nawgura l-festa t-tajba lill-partitarji lljuni u lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa.

San Pietru, żomm ħarstek fuqna.

Viva San Pietru, il-Prinċep tal-Appostli! Viva l-Banda Birżebbuġa!

TREE D

Jonathan Grech
owner

M (+356) 7944 5674
E info@treedfurniture.com
F www.facebook.com/treedfurnituremalta

Custom-made Furniture
Apertures
Restoration

Rainbow

STATIONERY

14, Misraħ il-Knisja, Birżebbuġa • Tel: 27874677

For all your stationery requirements for School, Home, Office

Services:

- -Digital Photo Copy Service
- -Digital Canvas Printing
- -Personalised Business Cards
- -Computer Repairs & Formats
- -Photo Digital Printing Up to A4 Size(Large Sizes on Request)
- -Passport Photos
- -One for all Gift Vouchers
- -Scan Service
- -Art Items
- -Laundry & Cleaning Service
- -Flowers for all Occasions
- -All kinds of watch repair, batteries & straps
- -Me to you
- -Silver Plated frames
- -Gifts for all occasions
- -Original Ink Cartridges & Toners for all printers
- -Haberdashery Items
- -Perfumes, magazines, greeting cards, toys, games, books, educational games, puzzles, craft items and much more...

All type of school bags & backpacks

All your stationery requirements for SCHOOL - OFFICE - HOME

Rainbow Stationery Gift Vouchers Available

Find us on: facebook

Rainbow Stationery Birzebbuga

Email: xmark11@hotmail.com

Chris Refrigeration Services

Automotive, Truck, Trailer, Marine, Industrial, Domestic,
Air Conditioning & Refrigeration

Specialising in Refrigeration &
Electrical Fault finding

Chris Briffa
Mob: +356 9944 2451
Email: chrisbrif@gmail.com

Savoury Snacks
and Sweet Treats.

We also accept orders
for parties.

for more information find us on Facebook

or call us **7982 6425**

BUILDING
CONSTRUCTION LTD.
VAXXELLA
(9928 1241 - 9987 7263

MONDAY TO FRIDAY 7:30 TILL 18:00 AND SATURDAY 7:30 TILL 12:00

Każin kbir u xogħol ma jieqaf qatt

Benji Caruana
Id-Direttur Ġenerali

Erġajna wasalna għal festa oħra f'ġieh San Pietru. Iltqajna għal darba oħra wara ħafna snin bħala direttur tal-każin biex nikteb fuq il-publikazzjoni tal-festa li toħroġ is-soċjeta tagħna. Bħal kull sena u wara sena ssir il-manutenzjoni tal-każin u bħal ma kulħadd jaf il-każin ma jieqaf qatt, dejjem għaddejjin l-affarijiet.

Nibdew fuq l-aspett ta' bnadar mal-arbli. Ta' kull nhar ta' Ħadd matul is sena u f'xi festi pubbliċi u tal-knisja u tal-lokal jew xi luttu, dejjem jekk it-temp jippermetti, dejjem telgħet xi bandiera skont l-okkażjoni li tkun . Dejjem kellna bnadar biex ikunu jistgħu jitgawdew. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-sinjura Annabelle Anna Gatt talli b'dedikazzjoni u sagrifiċċji kbar toqgħod tirranġalna l-bnadar u li jkun hemm bżonn biex dawn ikunu dejjem puliti. Grazzi.

Fuq l-aspett tal-arbli u fostuni hemm lill-assistenti diretturi l-com John Taylor u lis-sur Clint Balzan, li dawn, sena wara sena u ġurnata wara ġurnata, dejjem jieħdu ħsieb l-affarijiet tal-fostuni u l-arbli x'jonqoshom.

Is-sena l-oħra nħass il-bżonn li jsir arblu ġdid u b'hekk il-Kummissjoni Armar Estern tal-każin ħadet ħsieb b'mod finanzjarju li jinxtara u jkollna arblu biex inkunu nistgħu ngawduh tul is-snin li ġejjin.

Tul din is sena bdejna sistema oħra li jibda jitnaddaf il-każin b'mod regolari. Dan biex meta nilqgħu n-nies jew jinqala' xi ħaġa ta' malajr dejjem ikollna l-każin pulit u nadif. Ta' dan nirringrazzja lill-kummissjoni nisa Petrini ta' kemm jieħdu paċenzja bina u jnaddfu l-każin minn fuq s'isfel.

Il-festa tas-sena l-oħra ġie inawgurat arkivju artistiku ġos-sala tal-kunċerti biex dan tibda tintrefa' il-mużika fih.

Din is-sena inħasset il-ħtieġa u l-bżonn li s-socket outlets tad-dawl ta' madwar il-bejt u l-gallariji jiġu mibdula. Dan biex ikun hemm iktar sigurta fuq id-dawl u jkun iktar professjonali. Ta' dan nirringrazzja lil assistenti diretturi lis-Sur Pierre Zammit u lis-Sur Frans Cassar li, b'dedikazzjoni kbira, xemx u kesħa, ikunu dejjem hemm jagħmlu xoghol fuq dawn l-affarijiet. Ħadna ħsieb ukoll li l-generator tal-każin intuh is-service u nħaddmuh biex dan ma tiġrilu l-ebda ħsara.

Fil-Bar Nineteen Ninety saret manutenzjoni u tibdil fil-bibien tat-toilets. Dawn wara li nħasset il-ħtieġa biex dawn ikun iktar siguri u iktar puliti u komdi għan-nies li jżuru dan il-bar. Inbidel ukoll lock kemm tal-bibien tal-każin tas-sala, kif ukoll tal-winebar. Saret ukoll faxxa ġdida għal matul is-sena biex ikollna gallarija iktar pulita. Ta' dan nirringrazzja lis-Sur Ernest Cassar .

Din is-sena inħasset il-każin għandna lift u dan trid tieħu ħsiebu. Din is-sena beda jsir kuntratt biex jingħata service 4 darbiet fis sena biex dan ikun iktar vijabli u ta' għajnuna għal dawk li jiffrekwentaw il-każin. Dan wara li nħass il-bżonn peress li l-każin sar kbir u dan ikun ta' użu għan-nies li jkunu hemm ta' kuljum.

Sar ukoll tank fuq il-bejt u pompa tal-ilma biex inkunu nistgħu nużaw l-ilma li hemm fil-ġiebja tal-każin biex dan ikun jista' jintuża. B'hekk innaqqsu l-konsum tal-ilma u dan jintuża biex jinħaslu l-bjut u l-pannelli fuq il-bejt. Dan grazzi għall-fondi mill-Ewropa.

Inxtrat ukoll kaxxa taċ-ċwievet biex ikun hemm kopja ġo din il-kaxxa biex f'każ ta' emerġenza jkun iktar faċli biex jinstabu ċ-ċwievet. Inxtraw ukoll il-fire extinguishers biex niżguraw li meta jinqala' xi każ ta' ħruq tan-nar ikun hemm il-materjal biex tiġi evitata xi traġedja.

Saret it-tiswija fuq il-krucceti tal-istandarti.

Saru s-services fuq l-ac's tas-sala u tal-kamra tal-kumitat biex dawn ikunu jistgħu jintużaw u jkunu iktar effiċjenti lejn il-ħela tal-elettriku. Inxtrat xi affmarju biex jitpoġġa fuq il-mejda tal-kumitat biex id-dehra tal-kamra tal-kumitat tkun isbaħ u attrajenti. Grazzi lis-Sinjura Susan Pace.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-kumitat eżekuttiv u lill-assistenti tal-għajnuna, Frans Cassar, Pierre Zammit, John Taylor, Clint Balzan u lil Ernest Cassar.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi wkoll tal-Kummissjoni Armar Estern talli dejjem hemm biex ngħinu. Nirringrazzja wkoll lill-grupp Helpers tal-każin li dejjem, meta jkollna bżonn tarahom ħalli jgħinu fejn ikun hemm bżonn. Grazzi kbira wkoll lil kull sezzjoni u kull kummissjoni talli dejjem jgħinu fejn hemm bżonn.

Nirringrazzja b'mod speċjali lill-familjari tagħna tal-paċenzja u s-sagrifiċċju li dejjem jieħdu għax kieku ma jkunux huma, aħna ma nagħmlux dan ix-xogħol. Qabel kollox, nirringrazzja lil Alla l-Imbierek u lil San Pietru talli jżomm idejh fuqna.

Nawguraw il-Festa t-tajba lil kulħadd.
Viva San Pietru u
Viva ta l-Iljun.



Bilwieqfa mix-xellug: Frans Cassar, Ernest Cassar, Comm. John Taylor KCHS
Bilqieghda mix-xellug: Clint Balzan, Benji Caruana, Pierre Zammit

C & T AUTOPARTS

EUROPEAN & JAPANESE AUTO PARTS
TARA-LYN CACHIA

21441008 | 99408464
taralynn.cachia@gmail.com

BIZOL

motor oils industrial oils gear oils car care additives

Il-Festa
t-Tajba
Owen
BONNICI
www.owenbonnici.com | owen@owenbonnici.com
2180 2000

L-Arblu Prinċipali tal-Każin

Tul dawn l-aħħar snin bdejna ninnutaw ħsarat fil-parti ta' isfel tal-arblu prinċipali tal-każin u bdejna nħossu li jkun aħjar naħsbu ghal wieħed ġdid. Il-Kummissjoni Armar Estern offrew li jidħlu huma għall-ispiża tiegħu u fil-bidu tas-sena l-oħra, inxtara z-zokk ta' sittin pied, u x-xogħol fuqu beda f'Ottubru tas-sena l-oħra minn Louis Xuereb u Brian Grech. Ix-xogħol ta' stainless steel tal-galletta nħadem minn Peter Caruana li ħa ħiseb ukoll ix-xogħol neċessarju ta' ħadid biex l-arblu jintrabat mal-blokka. L-arpa saret skolpita fl-injam mill-iskultur Rennie Mizzi fuq disinn tal-artist George James Cutajar Zahra. Grazzi lill-Kummissjoni Armar Estern u lil dawk kollha li ħadmu fuq dal-proġett.

AutOmax
PANEL BEATING & SPRAY PAINTING

Call Marco Bugeja
320X, Luqa Industrial Estate, Luqa
Tel: 2166 1149 • Fax: 2166 2321 • Mob: 9947 2196
Email: automax@maltanet.net • Website: www.automaxmalta.com

For a professionally executed job in
Panel Beating • Spray Painting & Baking
Spot welding
Insurance approved • Chassis Alignment
www.automaxmalta.com

MuSIc LINK
Importers • Wholesalers • Distributors

Timpani, Drum kits, Percussion, Sticks, Cymbals, Drum Heads, Acoustic, Classical & Electric Guitars, Bass Guitars, Violins, Violas, Cellos, Strings, Euphoniums, Alto Horns, Trumpets, Saxophones, Clarinets, Flutes, Reeds, Amplifiers, Pro. Sound Systems, Mixers, Digital Pianos, Music Books, Cables & Acc., and much more...

We also hire professional sound systems & musical instruments

• Sales • Service • Repairs •

262, Triq Fleur-De-Lys, B'Kara BKR 9069
Ⓣ 2148 2796 • 2748 2796
Music Link - Malta

BAR
NINETEEN
NINETY
19 TÀ TURU 90
CISK

OPEN DAILY
FRESH LOCAL
SEASONAL
PRODUCE
SELECTION OF
TROPICAL AND ASIAN
FOOD AVAILABLE
53, TRIQ IŻ-ŻURRIEQ
BIRŻEBBUĠA
TANARDUANDMORE@GMAIL.COM
99653989
FREE DELIVERY
TA'NARDU
FRUITS VEGETABLES & MORE

FESTA 2024

Tu Es Petrus 25 sena

Joe Julian Farrugia

Kont ili noqgħod Birżebbuġa ftit snin u l-ħabib tiegħi Anthony Camilleri li dak iż-żmien kien il-President tal-banda "l-ġdida" talabni biex nikteb l-Innu l-Kbir biex jiżżanżan għall-għaxar anniversarju tal-banda. Lanqas il-każin kien għadu ma hu lest, imma l-kumitat ħass li l-Innu l-Kbir kien importanti għall-ħajja tal-banda. Birżebbuġa kont sirt inħobbha u ridt nagħti kontribut.

Niftakar konna morna għand il-kompożitur Ray Sciberras il-Ħamrun... kien il-Ħadd filgħodu... minbarra l-President "Ninu" Camilleri u jien kienu ġew xi tnejn oħra. Tkellimt sew mas-Surmast Sciberras, ftehimna xi rridu minn xulxin u mill-għada ntfajt nikteb...

Bħala biċċa xogħol twila ta' mużika klassika ma xtaqtx li jkun hemm ħafna ripetizzjoni u insistejt li jkun fiha ħafna bċejjeċ differenti. Fil-fatt qassamt il-lirika f'erba' biċċiet: parti li fiha jitkellem il-poplu ta' Birżebbuġa, parti oħra li fiha jitkellem Pietru, oħra li fiha jitkellem Kristu u finalment jerġa jitkellem il-poplu.

Għamilt riċerka tal-Kotba Mqaddsa biex dak li nikkwota jkun awtentiku, speċjalment fejn hemm jitkellmu Pietru u Kristu nnifsu. U kultant xi kliem li nafuh ilkoll tkun trid iddawru biex joqgħod fil-metru u s-sillabar tal-lirika. Imma l-importanti li ma tibdilx is-sens li qalu l-Patrun u l-Mulej innifsu. U l-Innu semmejtu TU ES PETRUS... Inti Pietru...

Kif lestejt il-lirika għaddejtha mill-ewwel lil Ray Sciberras li għoġbitu u minnha ħareġ il-kompożizzjoni tiegħu.

Ma ninsa qatt is-serata li kienet saret fis-Sala Temi Zammit fl-Università meta ndaqq l-innu għall-ewwel darba. Kwart ta' seklu ilu! Sala mimlija nies minn Malta kollha, kollha dilettanti tal-baned, kollha lesti biex jgħidu dak li jħossu. Ngħid il-verità, minkejja li kont naf li huwa innu sabiħ, xorta kont qed nistenna dawn innies jekk humiex se jikkritikaw l-innu jew le. Għal min jikteb, xi ħaġa hekk tfisser ħafna. Bħal bniedem li studja għall-eżami imma xorta anzjuż jistenna r-riżultat. Ir-riżultat wasal mal-aħħar noti tal-innu nnifsu. Sala sħiħa qamet fuq riġlejha ċċapċap. Ħassejtni emozzjonat... bħal ġenitur li jara lil xi ħadd minn uliedu jirnexxi. Dik l-emozzjoni għadni nħossha sa issa!

Niftakar ukoll kull meta l-Innu l-Kbir Tu Es Petrus indaqq fil-pjazza Lejlet il-Festa jew matul il-programm mużikali. Imma jkolli nammetti li l-aktar darba li smajtu sabiħ kien meta ndaqq fil-knisja tagħna. Dakinhar ma stajtx inkun preżenti minħabba xogħol ieħor. Rajt u smajt recording u rrid ngħid li l-emozzjoni tar-ram, l-armonija tal-injam u t-tifqigħ tal-perkussjoni nstemgħu isbaħ fil-knisja... u dak jurik li l-knisja għandha akustika tajba ħafna.

Nittama li dan ix-xogħol jibqa' jitgawda min-nies ta' Birżebbuġa kollha, tal-lum u ta' għada.

St. Mary Butcher
(Prop. Joe Vella)
For fresh & frozen meat
21, Triq Raymond Caruana, Gudja • Tel: 2167 3030

25 Sena mill-Gran Inno di Gloria 'Tu Es Petrus' (2000)
10 Snin mill-Kantata 'Petrus Princeps Apostolorum' (2015)
5 Snin mit-tlestija tal-Oratorju 'Divo Petro' (2020)

Josef Schembri

L-Innu l-Kbir 'Tu Es Petrus' jagħlaq 25 sena.

Din is-sena s-Soċjetà se tkun qed tfakkar tliet anniversarji ta' tliet opri mużikali sbieħ kollha b'dedika lil San Pietru Appostlu u fuq kollox proprjetà assoluta tas-Soċjetà tagħna. Dan il-vjaġġ mużikali beda sewwasew fis-sena 2000 meta fid-19 ta' Frar ta' dik is-sena, is-sena tal-millenju, il-Banda Birżebbuġa żanżnet opra kbira u mill-isbaħ, xogħol is-surmast bravu Ray Sciberras fuq lirika ta' Joe Julian Farrugia. Kien lejn is-sena 1997 u 1998 meta l-Kumitat ħabrieki ta' dak iż-żmien, immexxi mill-President Anthony Camilleri, wera x-xewqa mas-surmast direttur Mro Michael Bugelli li s-Soċjetà jkollha l-'Innu l-Kbir' tagħha ddedikat lil San Pietru. Dan indikalhom lil Mro Ray Sciberras bħala l-persuna li fiha kien hemm il-kapaċità li lis-Soċjetà jagħtiha teżor mużikali. Dak iż-żmien Mro Ray Sciberras kien diġa kkompona żewġ kantati ta' preġju, fosthom l-Innu l-Kbir lil San Filep tal-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ kif ukoll il-Kantata f'ġieħ San Gejtanu tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun. Kien ukoll diġà għamel isem b'numru kbir t'arranġamenti popolari bħall-famuża 'Queen in Concert'. Il-Kumitat ma ħeliex żmien u avviċina lill-bravu poeta Joe Julian Farrugia, li jgħix Birżebbuġa. Hekk kif tlestiet il-lirika, is-surmast Ray Sciberras beda jaħdem fuq il-mużika. M'għandniex xi ngħidu, fil-jiem li beda jiġi kkunċertat dan l-Innu l-Kbir, ħafna nies baqgħu mistagħġba bil-ġmiel ta' melodiji, ritmi u tessituri differenti li jagħmlu dan l-innu wieħed mill-isbaħ f'pajjiżna. Il-Preludju li jiftaħ l-innu tant kemm ħareġ sabiħ li s-surmast Sciberras irrekordjah fuq is-CD monumentali tiegħu 'Millenium Salute', CD li kien ħareġ eżatt f'dawk l-istess xhur li ndaqq l-Innu l-Kbir tagħna. Is-serata li fiha ttella' l-programm ċelebrattiv li fakkar l-ewwel deċennju mit-twaqqif tas-Soċjetà, kienet propju s-Sibt 19 ta' Frar, 2000, fl-Awditorju Sir Temi Żammit tal-Università ta' Malta. Kien programm sabiħ b'mużika mpenjattiva u tal-widna fl-istess ħin. Il-qofol intlaħaq bl-Innu l-Kbir 'Tu Es Petrus' fit-tmiem is-serata. Hemm ħafna x'tista' tgħid fuq dan l-innu. Matul dawn il-25 sena daqqejnieh diversi drabi u fis-sena 2015 konna daqqejnieh għall-ewwel darba fil-Knisja Parrokkjali. Ta' min isemmi wkoll li fil-ġita mużikali li s-Soċjetà tagħna għamlet fl-2010 fil-Belt tal-Vatikan, il-banda tagħna daqqet il-versett 'Tu Es Petrus, Inti Pietru' fil-preżenza tal-Papa Benedittu XVI fi Piazza San Pietro.

Il-kantata 'Petrus Princeps Apostolorum' tagħlaq 10 snin.

Fis-sena 2014, il-Presidenza tas-Soċjetà għaddiet mis-Sur Jason Vella għas-Sur Alexander Caruana. Is-Soċjetà kienet riesqa lejn il-25 sena tagħha. Bdew il-preparamenti u tfassal programm. Dak iż-żmien is-Soċjetà kienet għadha qed tħallas il-pagamenti tal-ispiżerija u allura ridna noqogħdu attenti x'nagħmlu. Probabbilment ukoll kienu diġà bdew il-manuvri biex is-Soċjetà tixtri wkoll propjetà oħra li tinfed mal-pjazza, allura l-kumitat ried jiċċelebra imma fl-istess ħin ried ukoll joqgħod bilgħaqal għal kull eventwalità. Madankollu minn ħaġa waħda konna ċerti, dik li fil-Knisja Parrokkjali ssir akkademja mużikali li tfakkar il-25 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà. Din l-akkademja saret nhar is-Sibt 21 ta' Frar, 2015. Dik is-sena kien hemm ukoll topera diġà l-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin. Dawn kienu sponsorjaw l-akkademja kollha huma. Kienet akkademja ta' livell għoli ħafna u fiha daqqejna mużika interessanti ħafna. Kienet serata li fiha daqqejna wkoll għall-ewwel darba fil-Knisja Parrokkjali tagħna ta' Birżebbuġa l-Innu l-Kbir 'Tu Es Petrus'. Imma fuq kollox kienet is-serata li fiha l-President Alexander Caruana rregala kantata ġdida lis-Soċjetà. Din il-kantata bl-isem 'Petrus Princeps Apostolorum' hija kantata maħduma fuq 5 movimenti bi kliem u mużika ta' Alexander Caruana stess u b'addattament għall-banda minn Mro Simon Farrugia. Din il-kantata hija għal żewġ tenuri, għal sopran u kor. Hija maqsuma f'dawn il-movimenti: Moviment 1: is-Sejħa ta' San Pietru; Moviment 2: il-Ħelsien ta' San Pietru mill-ħabs mill-Anġlu; Moviment 3: Il-Wasla ta' San Pietru f'Ruma; Moviment 4: il-Martirju; u Moviment 5: id-Dħul glorjuż ta' San Pietru Appostlu fil-ġenna.

L-Oratorju 'Divo Petro' jagħlaq 5 snin minn mindu nkiteb u tlesta.

Wara s-sena 2015, il-banda baqgħet tħares 'il quddiem. Fis-snin li kienet ilha mwaqqfa, is-Soċjetà stagħniet b'diversi tipi ta' mużika. Ġew irregalati bosta innijiet iddedikati lil San Pietru, li mhuwiex possibbli nidħlu fihom kollha llum. Fis-snin ta' wara li nkiteb l-Innu l-Kbir, xi dilettanti tal-mużika tagħna baqgħu jsegwu l-iżvilupp mużikali u t-talent ta' Mro Ray Sciberras. Wara li kiteb l-innu l-kbir tagħna kien kiteb ukoll l-innu l-kbir ta' Ħal Safi bl-isem 'is-Sejħa'. Peress li s-surmast tagħna kien ukoll is-surmast tal-Banda San Pawl ta' Ħal Safi, bla ma trid, konna żammejna ruħna infurmati dwar dan l-innu sabiħ li s-surmast Sciberras kien kiteb għall-komunità Ħal Safija. Illum, dan l-innu qed iddoqqu l-banda tagħna f'nhar il-festa ta' San Pawl ta' Ħal Safi. Kien ukoll kiteb Oratorju l-ġmiel tiegħu lill-Banda Vittoria tan-Naxxar bl-isem 'Bi Twelidek Rebbaħtna'. Kien jidher ċar li t-teknika ta' Mro Ray Sciberras aktar ma beda jgħaddi ż-żmien aktar bdiet tiżviluppa. Fis-sena

Triq San Ġwann
Gianluca Mob 99518257

Il-kunsillier
Alexander Caruana
flimkien mal-familja
tiegħu jixtiequ jawguraw
il-festa t-tajba lill-poplu
kollu ta' Birżebbuġa

E: alexbirzebbuga@gmail.com
M: 7970 4903

alfqatt autoparts

18, Luqa Road, Qormi QRM 9073
Mob: 9949 0044, 9986 8411
Email: maquilina@isg.com.mt

2005, Mro Sciberras kiteb Oratorju mill-isbaħ lill-Banda Beland bl-isem 'Dawl fuq is-Sinaj', imbagħad ftit wara kiteb ieħor għall-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Għaddew is-snin u wara bosta kompożizzjonijiet sbieħ, fis-sena 2012, biex tfakkar il-150 sena mit-twaqqif tagħha, il-Banda Pinto tellgħet Oratorju ta' Mro Ray Sciberras bl-isem 'Sebastianus Christianus'. Din tista' tgħid kienet xi ħaġa ġdida min-naħa tas-surmast Sciberras. Dan kien Oratorju drammatiku u reliġjuż b'tul ta' siegħa u nofs. Il-pinna tas-surmast Sciberras kienet evolviet ħafna. L-Innu l-kbir 'Tu Es Petrus' huwa minnu nnifsu diġà kapulavur, b'passaġġi reliġjużi profondi bi 'Preludio' mill-isbaħ; b'Danza' mill-iktar versatili fin-nofs tiegħu u b'final li jqabbdek il-bard, però huwa nieqes minn passaġġi drammatiċi bħalma kien qed jikkomponi dik il-ħabta s-surmast Sciberras. Allura fina d-dilettanti bdiet tinbet ix-xewqa li s-surmast Sciberras jiktbilna Oratorju li fih stajna nsibu passaġġi drammatiċi, kif verament tixraq tiġi deskritta l-ħajja ta' San Pietru. Kemm-il darba kont inkellem lil Alex biex is-Soċjetà jkollha Oratorju fuq temi drammatiċi bbażati fuq il-ħajja ta' San Pietru. Konna nitkellmu ħafna flimkien u l-President Alexander kien jaqbel ħafna ma' din il-viżjoni. Ovvjament, proġett bħal dan kien jirrikjedi eluf kbar ta' flus. Il-President beda jaħdem minnufih biex japplika għall-fondi. Sabiex inkun qed ngħid il-verità kollha, dan ma kienx l-ewwel tentattiv sabiex nagħmlu oratorju. Kien hemm tentattiv ieħor qabel imma forsi għalissa mhux il-waqt li nitkellem fuqu. Meta ngħatajna l-fondi, avviċinajna lill-poeta Qormi Sebastian Saliba biex jiktbilna l-versi. Nistgħu ngħidu li daqskemm hu sabiħ l-oratorju daqshekk huwa sabiħ u monumentali x-xogħol li għamlilna Sebastian. Dan ix-xogħol kellna ndoqquh fis-sena 2020, fl-okkażjoni tat-tletin sena mit-twaqqif tas-Soċjetà, imma, kif kulħadd jaf, dik is-sena kienet immarkata mill-pandemija Covid-19 u għalhekk ma seta' jsir xejn. Iddeċidejna li jekk ir-restrizzjonijiet jiġu llaxkati xi ftit, nippruvaw nagħmluh fis-sena 2021 u hekk ġara. L-Oratorju tellajnieh nhar is-Sibt 24 ta' Lulju, 2021 fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina, taħt restrizzjonijiet partikolari. Kulħadd kellu jkun vaċċinat u bil-maskra. Minkejja l-pandemija, xorta waħda kellna attendenza tajba ħafna. Din kienet it-tieni darba għalina li daqqejna ġewwa l-Katidral Metropolitan tal-Imdina u dakinhar konna l-ewwel banda f'Malta li tellajna programm ta' livell daqshekk għoli fi żmien il-Pandemija. Allura kif qed taraw mid-data li tajtkom hawn fuq, din is-sena qed niċċelebraw il-5 sena minn mindu dan ix-xogħol kien tlesta u mhux meta ndaqq għall-ewwel darba. M'hemmx kliem biex tiddeskrivi s-sbuħija ta' dan l-Oratorju. Għandu stil ta' mużika meditattiva u profondament spiritwali b'temi u melodiji profondi immens. Hemm ukoll passaġġ fejn tinstema' 'Marcia Romana' li ddaħħalna ftit ftit għal xena drammatika ta' Battalja, ta' ġlied, ta' taqtigħa bejn l-Insara li kienu qed jiġu maqbuda minn Neruni fuq l-akkuża falza li taw in-nar il-Belt ta' Ruma. Fl-aħħar qtajna xewqitna li jkollna opra mużikali b'taħlita ta' mużika meditattiva u mużika drammatika. Dan l-Oratorju konna sussegwentament daqqejnieh darb'oħra fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa nhar is-Sibt 25 ta' Frar, 2023, fejn intlaqa' b'ċapċip u ovazzjoni kbira.

Konklużjoni

Dawn huma teżori kbar li s-Soċjetà tagħna mhux biss għandha żżomm b'għożża kbira fl-arkivji tagħha imma li l-Kumitat Eżekuttiv huwa fid-dmir li kull tant snin isemma' u jdewwaq mill-ġdid kemm lill-partitarji u anke lin-nies kollha inġenerali. Wieħed ma jridx jinsa li dawn huma kollha xogħlijiet oriġinali u li mkien fid-dinja m'inti se ssib kopja tagħhom. Id-drittijiet huma kollha tas-Soċjetà u allura dawn jistgħu jitqiesu patrimonju uniku li tippossjedi biss is-Soċjetà tagħna. Immur oltrè minn hekk u nisħaq li s-Soċjetà għandha tkompli f'din il-linja, dik li taħseb u tkompli tkun ambizzjuża f'proġetti simili bħal dawn sabiex is-Soċjetà tkompli tistagħna mużikalment u tibqa' żżomm id-devozzjoni u l-lealtà kemm lejn il-Patrun tagħha, l-Appostlu San Pietru, u anke lejn isem ir-raħal tagħna ta' Birżebbuġa.



Mro Michael Bugelli
35 Sena Surmast Direttur

Il-Kumitat u s-Soċjetà jixtiequ jirringrazzjaw lis-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli tad-dedikazzjoni kbira li biha ilu jmexxi l-banda tas-Soċjetà tagħna sa mill-bidu tagħha, jiġifieri għal dawn il-35 sena sħaħ. Matul dawn is-snin kollha, Mro Bugelli għallem numru enormi ta' tfal u studenti minn Birżebbuġa, b'uħud minnhom ħarriġhom ukoll fil-mużika bħala bandisti tas-Soċjetà tagħna. Mro Bugelli dderieġa numru kbir ta' programmi mużikali kemm dawk li jsiru annwalment fil-festi prinċipali ta' matul is-sena u anke f'mumenti kbar u speċjali bħal dawk meta daqqejna fl-awditorjum tal-Università ta' Malta, 25 sena ilu, u mbagħad darbtejn fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina, u darba fil-Katidral Anglikan tal-Belt. Ma nistgħux ukoll ninsew l-Akkademji sbieħ u kbar li għamilna fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa bħall-Akkademja tal-25 Sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u l-Oratorju 'Divo Petro' aktar reċentament, kif ukoll f'programmi ta' livell fis-Sala Prinċipali tal-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa bħal dak tal-15-il sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u l-Programm tar-Rebħ tax-*Shield* tal-Gara Mużikali bi sħab mal-Għaqda Każini tal-Banda. Mro Bugelli mexxa wkoll b'abbiltà kbira lill-banda tagħna f'diversi mawriet li għamilna barra minn xtutna fosthom f'Port El Kantaoui; f'Ruma u fil-Vatikan kif ukoll fil-Belt ta' Riposto fi Sqallija fejn il-banda anke tellgħet programmi mużikali impenjattivi. Mro Bugelli rregala lis-Soċjetà diversi komposizzjonijiet fosthom: l-Innu tal-Banda, l-Innu tal-Għaqda tan-Nar, l-Innu Marċ 'Ġawhra tal-Iljun', l-Innu Marċ 'Inti l-Patrun tagħna' u l-Innu devozzjonali 'Sliem Għalik Għażiż San Pietru'. Kiteb ukoll għalina diversi marċi brijużi li huma sinonimi biss mas-Soċjetà tagħna kif ukoll żewġ marċi funebri. Mro Bugelli kiteb għas-Soċjetà Romanza b'dedika lil San Pietru bl-isem 'Insellmulek' kif ukoll numru ta' Marċi Sinfoniċi li kellna ċ-ċans indoqquhom diversi drabi f'programmi mużikali. Nirringrazzjaw lis-Surmast Michael Bugelli talli matul dawn is-snin kollha kien u għadu 'wieħed minnha', Surmast Direttur u Partitarju kbir tas-Soċjetà. Nirringrazzjawh tax-xogħol kbir li jagħmel, ġieli anke b'xogħol li jmur lil hinn minn dak li hu mistenni minnu bħala Surmast Direttur u ta' dan nirringrazzjawh ħafna. F'isem il-Poplu ta' Birżebbuġa nirringrazzjawh tax-xogħol li qed jagħmel fis-Soċjetà u fit-tagħlim edukattiv tiegħu mal-allievi u l-bandisti tal-post tagħna.

Mro Christopher Bonnici
Ħames Snin Assistant Surmast

Il-Kumitat jirringrazzja wkoll lil Mro Christopher Bonnici f'għeluq il-ħames sena tiegħu bħala Assistant Surmast tal-Banda. Mro Bonnici beda mas-Soċjetà tagħna bħala għalliem fuq it-teorija mużikali. Illum qed jgħallem diversi studenti fuq diversi dixxiplini mużikali. Taħt it-tagħlim tiegħu fit-teorija tal-mużika, bosta studenti ġabu riżultati tajbin ħafna. Mro Bonnici għen lis-Soċjetà fuq diversi oqsma oħra kulturali. Huwa kiteb il-ktieb tal-istorja tas-Soċjetà; kien editur tal-annwal tas-Soċjetà 'Minn Qalb l-Iljuni'; kellu sehem kbir ukoll fl-internet radio tas-Soċjetà u anke ġieli kien parteċipi fid-dramm tal-passjoni tas-Soċjetà. Fix-xena mużikali, huwa qiegħed attwalment jieħu ħsieb numru ta' koristi lokali fil-Kor Xmun Pietru. Mro Bonnici jieħu ħsieb ukoll li jtella' l-Programm annwali tal-Milied bil-bandisti u l-allievi tas-Soċjetà. Huwa rregala diversi marċi brijużi, marċi funebri u anke siltiet mużikali fuq kompożizzjoni jew arranġament tiegħu lis-Soċjetà.

IVCS
LIFTS
7960 2353
ivcslifts@gmail.com

Permezz ta' Fondi Apposta Nissoktaw bil-Ħidma

Andy Mifsud Camilleri
Il-Vici-President u Responsabbli mill-Applikazzjonijiet tal-Fondi

Mill-festa tas-sena 2024 sa llum, is-soċjetà bbenefikat minn diversi fondi Ewropej u fondi oħra li ppermettewlna nkomplu nsaħħu l-operat tagħna u nwessgħu l-kontribuzzjoni li nagħtu lill-membri, lill-istudenti u lill-komunità inġenerali.

Fond għall-Kawżi Soċjali
[Arkivju għall-mużika]

Tliet snin ilu, bil-finanzjament tal-Fond għall-Kawżi Soċjali tal-Gvern ta' Malta, ġie mwaqqaf arkivju biex jinġabru, jiġu katalogati u ppreservati sistematikament il-kompożizzjonijiet kollha tas-soċjetà. Għalkemm is-soċjetà għandha biss 35 sena, u għaldaqstant għadha relattivament żgħażugħa meta mqabbla ma' oħrajn, xorta kburin b'kollezzjoni sinifikanti ta' biċċiet mużikali - kemm xogħlijiet oriġinali miktuba esklussivament għalina kif ukoll kompożizzjonijiet mixtrija.

Barra minn dan il-valur kulturali, l-arkivju nnifsu jservi bħala biċċa għamara artistika li tarrikkixxi s-Sala tal-Kunċerti u l-każin. Bħala estensjoni tal-proġett, l-artist Rennie Mizzi ħoloq skultura integrata li tinkludi kolonni, l-arma tas-soċjetà u erba' busti mqiegħda fil-parti ta' fuq tal-arkivju, sabiex il-proġett ikun komplut. L-arkivju ġie inawgurat nhar il-5 ta' Diċembru 2024 u jinsab fis-Sala tal-Mużika fit-tieni sular.

LEADER Programme
Rural Development Programme for Malta 2014-2020
Part financed by the European Union
Co-financing Rate:
75% European Union; 25% Government of Malta
The European Agricultural Fund for Rural Development: Europe investing in rural areas
SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ
Fondi tal-UE ghal Malta 2014-2020

Gal Xlokk
Measure 3: Promotion of the Cultural Heritage
[ONLINE PUBLICATION OF OUR HISTORY]

Permezz tal-fondi Ewropej taħt l-iskema GAL Xlokk, tliet snin ilu ġiet imħejjija u ppubblikata l-istorja tas-soċjetà, mit-twaqqif tagħha mill-bidu sal-31 anniversarju. Il-ktieb jiġbor l-avvenimenti kollha li wasslu għall-ħolqien tas-soċjetà u l-passi li saru biex wasalna fejn ninsabu llum.

Bl-appoġġ tal-istess skema, din il-pubblikazzjoni ġiet tradotta għall-Ingliż u, flimkien mal-verżjoni oriġinali bil-Malti, hija disponibbli f'format diġitali. Iż-żewġ edizzjonijiet huma disponibbli permezz tal-QR codes hawn taħt.

BENNIENA MUŻIKALI TAL-BIRŻEBBUĠIN (1990-2021)

A MUSICAL CRADLE FOR THE BIRŻEBBUĠA LOCALS (1990-2023)

Skema Wirt Artistiku 2024
[Insaħħu l-wirt artistiku għall-Banda Birżebbuġa]

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI



Permezz ta' din l-iskema amministrata mill-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, bbenefikajna minn fondi li ppermettewlna nkomplu nsaħħu l-kultura mużikali u nippreservaw u nkomplu nħeġġu t-tradizzjonijiet kulturali f'pajjiżna.

Bħala soċjetà mużikali, investejna fid-dawl għall-banda waqt il-programmi mużikali, kemm fi spazji interni kif ukoll f'attivitajiet barra. Dan id-dawl mhux biss jgħin lill-bandisti jaraw aħjar il-partituri, iżda joħloq ukoll atmosfera b'effetti u kuluri meta jkun il-bżonn. L-apparat intuża għall-ewwel darba waqt il-programm annwali Mill-Bandisti għall-Membri li sar fil-15 ta' Frar 2025 fl-Iskola Primarja ta' Birżebbuġa, kif ukoll waqt il-programm ta' Mużika Sagra u Marċi Funebri li sar fit-8 ta' April fil-Kappella ta' San Ġorġ.

Fl-istess waqt, ħadna miżuri biex intejbu s-saħħa u s-sikurezza fil-kamra tan-nar, partikolarment waqt il-ħruq tan-nar, b'installazzjoni ta' kanen ġodda u apparat elettroniku biex ikun ikkontrollat aħjar il-proċess tal-ħruq u jitnaqqas ir-riskju ta' perikli jew inċidenti.

Apparti minn hekk, ffukajna wkoll fuq it-tkattir tal-parteċipazzjoni tat-tfal fil-festa ta' San Pietru, billi organizzajna l-ewwel Festa Tfal, attività ddedikata kompletament għalihom. Din l-attività, li kienet tinkludi purċissjoni b'ritratt ta' San Pietru, kienet milqugħa b'entużjażmu kemm mit-tfal kif ukoll mill-ġenituri. Fid-dawl tas-suċċess tagħha, permezz tal-istess fondi, nħadmet statwa żgħira ta' San Pietru biex it-tfal ikunu jistgħu jerfgħuha u jagħmlu purċissjoni fit-toroq ta' Birżebbuġa waqt din l-attività li ser tibda ssir kull sena.

Skema Wirt Artistiku 2025

[Inkomplu nsaħħu l-festa ta' Birżebbuġa]

Ukoll, grazzi għal din l-iskema li applikajna għaliha din is-sena, ser inkunu qegħdin nieħdu fondi sabiex ninvestu f'diversi aspetti importanti għall-operat u t-tisħiħ tas-Soċjetà tagħna speċifikament fil-festa. Il-fondi se jintużaw biex jinxtraw siġġijiet ġodda u komdi għall-mużiċisti u l-koristi tagħna, sabiex dawn ikunu f'ambjent aktar adattat u komdu. Barra minn hekk, se jkun installat dawl apposta li jgħin lill-bandisti jaqraw b'mod aktar ċar il-partituri mużikali waqt l-eżekuzzjonijiet tagħhom. Qed nippjanaw ukoll il-ħolqien ta' uniformi ġdida għall-bandisti tagħna li mhux biss se tkun aktar estetikament attraenti, iżda wkoll aktar komda kemm waqt il-programmi mużikali kif ukoll waqt il-marċi. Investiment ieħor se jsir f'sistema ta' mikrofoni għall-kor tagħna sabiex il-preżentazzjonijiet vokali jkunu jistgħu jinstemgħu b'mod aktar ċar u professjonali.

Fl-istess ħin, se tinxtara magna speċjalizzata li tgħin fil-proċess tax-xogħol tal-pirotekniċi tagħna, mhux biss biex tiżdied is-sigurtà, iżda wkoll biex titjieb il-produttività, billi tissostitwixxi parti mix-xogħol manwali.

Permezz tal-istess proġett, ser isir ukoll restawr fuq il-pedestall li fuqu titqiegħed l-istatwa ta' San Pietru - propjetà tas-Soċjetà – wara d-dimostrazzjoni tradizzjonali li ssir fil-ġimgħa tal-festa. Dan il-pedestall, li kien inħadem bejn l-1998 u l-2000, issa jeħtieġ manutenzjoni sabiex ikun jista' jkompli jservi għall-użu tiegħu b'mod sikur u dekorattiv għal bosta snin oħra

COMMUNITY DEVELOPMENT AND INNOVATION SCHEME
[USAGE OF RAIN WATER]

GOVERNMENT OF MALTA
PARLIAMENTARY SECRETARIAT
FOR YOUTH, RESEARCH
AND INNOVATION

Permezz ta' din l-iskema, setgħu jitwettqu xogħlijiet ta' tindif u tiswija fuq il-ġiebja li tifforma parti mill-estensjoni l-ġdida tal-każin, li kienet inxtrat mis-Soċjetà fl-2016. Din il-ġiebja storika, li x'aktarx inbniet aktar minn mitt sena ilu, hija msaqqfa b'arkati u xoroq kbar, iżda kienet ilha snin ma tintuża minħabba l-ħmieġ li kien akkumulat fiha.

Il-proġett serva sabiex il-ġiebja tkun restawrata u reġgħet ġiet magħmula funzjonali. L-ilma tneħħa kompletament, sar tindif fil-fond, ġew irrappurtati u rranġati ħsarat strutturali, u ġie msaħħa ċertu tinqix tagħha bħala miżura ta' sigurtà.

Biex jinkiseb l-aħjar użu minnha u ma jintilifx ilma tax-xita, saru tibdiliet fil-katusi tal-każin sabiex l-ilma jinġabar direttament fil-ġiebja. Barra minn hekk, ġiet installata pompa li titħaddem awtomatikament biex ittella' l-ilma fit-tankijiet għall-użu intern, u li tidħol fis-seħħ b'mod awtomatiku meta l-livell tal-ilma jilħaq punt kritiku, sabiex jitnaqqas ir-riskju li l-ilma jispiċċa fit-triq

It-Taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-Każini tal-Banda

GĦAQDA KAŻINI TAL-BANDA

Aġenzija Żgħażagħ

Permezz tal-fond amministrat mill-Aġenzija Żgħażagħ fi ħdan is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji, u bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, is-Soċjetà ser tkun qiegħda tinvesti fix-xiri ta' strumenti mużikali ġodda, fosthom trumpet, clarinet u althorn. Għalkemm bħalissa għandna 25 alliev, l-għadd ta' strumenti disponibbli mhuwiex biżżejjed biex jissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom.

L-istudenti li ser jingħataw dawn l-istrumenti se jibbenefikaw minn lezzjonijiet individwali aktar frekwenti, sabiex ikunu jistgħu javvanzaw b'mod aktar effiċjenti fl-istudju tal-istrument tagħhom. Dawn l-allievi diġà qed jitħarrġu fit-teorija tal-mużika fi ħdan is-Soċjetà u qed juru potenzjal tajjeb u attitudni serja lejn l-istudju tal-mużika. Għaldaqstant, huwa xieraq li ninvestu fihom permezz ta' strumenti ġodda li jkomplu jsaħħu t-tagħlim u l-progress tagħhom.

Il-Kumitat jixtieq jesprimi l-ikbar ringrazzjament tiegħu lil kull min b'xi mod jew ieħor ta' sehem fil-ħidma u l-ġbir tal-informazzjoni meħtieġa biex dawn il-proġetti setgħu jitwettqu, kif ukoll lil dawk kollha li taw l-appoġġ tagħhom fl-applikazzjoni għal dawn il-fondi. Ringrazzjament speċjali lill-President tas-Soċjetà, Kav. Alexander Caruana OSJ, lis-Segretarju Ġenerali, is-Sur Henry Bonnici, lill-Kaxxier, is-Sur Walter Pace, lill-Viċi President, is-Sur Andy Mifsud Camilleri, lis-Sur Jonathan Ellul Bonnici, u tifkira sinċiera lill-mibki Steven Farrugia għall-għajnuna prezzjuża tiegħu.

Arkivju

Kav. Alexander Caruana OSJ

Il-President

Fis-sena 1995, Joe Cutajar kien beda jaħdem arkivju għall-mużika tal-banda tagħna. Dan kellu jitpoġġa fis-sala tal-kunċerti, u ftit wara kien avviċinani Johan Briffa, li dak iż-żmien kien segretarju, biex nittawwal naqra u nara x- xogħol li kien qed isir. Min-naħa tiegħi, kont issuġġerejt li jsir ikbar għax kont naf li mal-medda taż-żmien, il-mużika ħa tiżdied ħafna. Allura kont erġajt tkellimt ma' Johan u talabni nagħmel disinn jien. Id-disinn lestejtu u ġie approvat mill-kumitat u bdejt infittex min seta' jaħdem il-kolonni u l-iskultura għall-kolonni. Dak iż-żmien kont kellimt lil ċertu wieħed Oscar minn Ħal Tarxien u għall-iskultura, wara li kont tkellimt mal-mibki u qatt minsi, l-artist Renzo Gauci, kien issuġġerieli nkellem lill-iskultur Rennie Mizzi ta' Ħal Għaxaq, għax Renzo kien qalli li hu kien mgħobbi b'ħafna xogħol. Imma hekk kif konna ħa nibdew, l-istess Johan kien qalli biex għalissa nieqaf għax hemm pjan ta xi ħaġa iktar ta' prijorità mingħajr ma kien qalli x'inhi. Però, ftit ġimgħat wara, proprju fil-festa ta' dik is-sena, il-president ta' dak iż-żmien, is-Sur Simon Micallef, kien ħabbar li s-soċjetà qiegħda fil-proċess biex tixtri dik li sa dak iż-żmien kienet spiżerija li kienet tiġi taħt parti mill-każin. U ħabba f'hekk dal-progett baqa' fuq l-ixkaffa.

Meta lħaqt president, f'Marzu, 2014, mill-ewwel xtaqt li nara li jsir imma kien hemm ħafna prijoritajiet oħra u ftit wara s-soċjetà xtrat il-post 29, Misraħ il-knisja u allura l-ispejjeż kibru, però bqajt nara minn fejn nistgħu nġibu l-fondi għalih sakemm fl-aħħar, permezz tal-fond tal-Kawżi Soċjali, ingħatajna l-flus biex stajna nwettqu dil-ħolma. Bħala mastrudaxxa konna tkellimna ma' Joseph Schembri, wara li ġibna stimi oħra u dan beda x-xogħol fl-injam li kien tlesta fis-sena 2021. Imbagħad bdejna naħsbu għall-iskultura. L-iskultur Rennie Mizzi qalli li hu kien lest li anke jaħdem il-kolonni u l-busti tiegħu. Il-busti, fuq suġġeriment tal-ex Teżorier il-qatt minsi Grezzju Pullicino, saru ta' kompożituri Maltin, mhux kif naraw ta' xi każini oħrajn, u jien kont issuġġerejt dawn ikunu kompożituri li b'xi mod ikkomponew xogħlijiet ad unur San Pietru. Fil-fatt, dawn huma: Carlo Diacono, li kien ikkompona l- antifona 'Solve Jubente Deo', li sfortunatament ma setgħetx tibqa' tindaqq fil-knisja tagħna wara li fi żmien il- Kappillan Dun Karm Frendo, fis-sena 1979, ma baqax iġib lill-Cappella Diacono. Kompożitur ieħor huwa Carmelo Pace li kkompona l-innu popolari lil San Pietru. Insibu wkoll lil Mro Ray Sciberras, li huwa wkoll surmast onorarju tal-banda tagħna, u li fost l-oħrajn ikkompona l-antifona l-ġdida 'Solve Jubente Deo' fi żmien il-Kappillan Dun Anton Galea Scannura fis-sena 2014, l-innu l-kbir 'Tu Es Petrus', l-innu 'Inhobbuk bħalma Niesna Ħabbewk' u fl-aħħar u mhux l-inqas, l-oratorju 'Divo Petro'. Ir-raba' bust hu dak tal-Prof. Joseph Vella li kkompona għas-soċjetà l-innu 'Baħar ta' Fidi', proprju ftit xhur qabel ħalla din id-dinja. Dawn l-erba' busti ġew skolpiti fl-injam kif inhi l-iskultura kollha u l-kolonni. Il-folios tal-arkivju fejn hemm merfugħa l-mużika saru bil-fond SIS mill-Kunsill Malti tal- volontarjat. L-arkivju kien lest u ġie inawgurat fil-5 ta' Diċembru, 2024 u tbierek mill-Kappillan Dun Reuben Micallef f'għeluq il-35 sena mit-tnissil tas-soċjetà.

Anthony Azzopardi
Florist for all occasions
Importer of fresh flowers and plants
Mob: 9985 3254, 9923 0255
jarma quddiem id-daħla
taċ-ċimiterju tan-naħa t'isfel

Matul is-Sena

Il-laqgħa Ġenerali Annwali fejn l-membri u l-uffiċjali jiddiskutu s-sena preċidenti u dik li ġejja.

Ġurnata Sqallija organizzata mill-Membri tal Kumitat Ċentrali fis-17 ta' Mejju, 2025.

Quddiesa fil-Festa ta' Santa Ċeċilja, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-11 ta' Novembru, 2024.

Mill-Bandisti għall-Membri, il-programm annwali mill-Banda Birżebbuġa.

A & A BLASTING SERVICES

USING THE LATEST TECHNOLOGIES FOR FASTER SERVICE & BETTER QUALITY RESULT

MICRO BLASTING

BLASTING

GALVANISING

SODA BLASTING

POWDER COATING

LIQUID SPRAY PAINTING

KW009B, INDUSTRIAL ZONE, KORDIN, PAOLA - PLA3000
EMAIL: A_ABLAST@LIVE.COM
MOBILE: 77060013 / 99443699 / 77001206
WWW.ALEXBLASTING.COM

WE ALSO DO FIRE RESISTANCE PAINTING!!

Find us on Facebook & Google maps!

Marċ Ċelebrazzjonijiet – Marċ ġdid fejn iċċelebrajna s-suċċessi lokali.

Festa Bengħajsa – Jum mimli attivitajiet fil-pjazza ta' Bengħajsa mill-għaqdiet Lokali.

Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali ta' Birżebbuġa f'Jum il-Katedra ta' San Pietru minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna.

Maratona tal-Billjard organizzata mill-Membri tal Kumitat Ċentrali fit-8 ta' Marzu, 2025.

Il-Fjakkolata tradizzjonali li ssir nhar Ħamis ix-Xirka.



Bank tad-demm f'Birżebbuġa organizzat mill-Banda Birżebbuġa fit-2 ta Marzu, 2025.

Tarcisio Caruana Ltd.

4-8, St. Catherine Str, Birzebbugia, BBG1669 Malta
Email: info@tarcisiocaruana.com www.tarcisiocaruana.com
Tel: (+356) 21651179

Bottega San Pietro
Bar tal-Każin tal-Banda Birżebbuġa - Mob 99298886

Arkivju ġdid ġie inawgurat fil-5 ta' Diċembru, 2024.

Peter Paul Caruana rrapreżenta l-każin tagħna f'Jum il-Katedra billi mar jagħti donazzjoni tad-demm.

D NAIL BAR
by Ramona
Birżebbuġa Road, Birżebbuġa
Mob: 7945 9171
Tel:2765 7281

PUMA

EMBRACE
THE
FUTURE

7's

THE SEVEN'S®
Household Goods

735 - 736, St. Joseph High Road,
Hamrun - HMR 1014, Malta.

Tel: (00356) - 2122 5760
Mob: (00356) - 9949 3252
Fax: (00356) - 2122 3450
Email: ebltd@euroweb.net.mt

Agent of: WÜSTHOF Knives · Milliken Carpet Tiles

Roc-A-Go
Crane Services

• Crane & Lifting Specialists
• Skips Hire & Scrap Dealers
• 24 Hour Towing & Lifting Services
• Second hand parts for all types of cars and vehicles

Tal-Barrani Road, Żejtun ZTN 9023
Tel: 2169 7766 • Fax: 2166 1449
Mob: 9949 4545, 9949 2829
e-mail: rocago@maltanet.net

Directors:
V. Micallef & Sons

the Bubbleshop
DISCOUNT STORE

• DETERGENT
• TOILETRIES
• MILK
• BREAD
• FOODS
• SWEETS
• WINES

UNBEATABLE PRICES!! & FREE DELIVERY

1, Misraħ ir-Repubblika, Birżebbuġa
TEL: 21653445 I MOB: 99234440

FARRUGIA
FRANCINE
Ħidma - Enerġija - Viżjoni

Il-festa t-tajba!

Kandidata għall-Elezzjoni Ġenerali
fuq il-5 u 6 Distrett

MANUEL GARAGE

Panel Beating
Spray Painting
Towing Service

Żejtun Road, Birżebbuġa
Mob: 9947 3095
Email: manuelgarage18@gmail.com

Siġra fl-okkażjoni tal-35 sena Anniversarju

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Ġunju, festa tal-Martirju tal-Appostli San Pietru u San Pawl ġiet imħawla siġra mill-President Alexander Caruana flimkien mal-membri f'għeluq il-35 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà fil-Ġnien ta' San Ġorġ, ġnien li għandu rabta kbira mas-Soċjetà tagħna peress li l-ewwel każin kien propju f'dawn l-inħawi u barra minn hekk, fl-istess ġnien kienu jsiru l-ewwel kunċerti u l-ewwel attivitajiet tas-soċjetà tagħna. Nirringrazzjaw lis-Sindku u lill-Kunsill Lokali li laqgħu t-talba tagħna sabiex stajna nħawlu din is-siġra fi Ġnien Prof. Anton Tabone.

Super 5 National Lottery MT

DREAM BIG!

GET THAT SUPER5 FEELING!

BIGGER AND BETTER JACKPOTS

DRAWN ON WEDNESDAY & FRIDAY

Play Online | lottery.mt

ORGANIZZAT MINN 222

12 / 13 SETTEMBRU

nostalġija

FESTA TA' KULTURA

ĠNIEN L-INDIPENDENZA
BIRŻEBBUĠA

B'KOLLABORAZZJONI MA'

GĦALL-GĦAN TA'

hospicemalta

Il-Kunsill Malti għas-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

inklużjoni

Festa Tfal 2024

Fis-sena 2024 ħarġet l-idea sabiex is-Soċjetà tibda torganizza Festa Tfal. Diversi diskussjonijiet li wasslu sabiex nhar is-Sibt 27 ta' Lulju ttellgħet l-ewwel Festa Tfal organizzata mis-Soċjetà. Għas-sena 2024 intuża inkwatru bix-xbieha ta' San Pietru. Saret bradella apposta li setgħet tinġarr mit-tfal li attendew din l-attività. It-tfal flimkien ippreparaw armar tal-briju li kompla jsawwar dan il-marċ li kien akkumpanjat mill-Banda Birżebbuġa. Il-marċ beda minn fuq il-promenade n-naħa ta' Wied il-Buni fejn segwa madwar ix-Xatt ta' Birżebbuġa. Il-marċ spiċċa quddiem is-sede tas-Soċjetà fost il-briju tat-tfal Iljuni.

B'ħeġġa nħarsu lejn Festa Tfal 2025 li se tkun qed tittella' s-Sibt 26 ta' Lulju. Għal din is-sena se jkollna sorpiża sabiħa li se tkun qed titgawda kemm mit-tfal, kif ukoll mill-poplu kollu ta' Birżebbuġa. Apparti minnhekk it-Tfal Petrini qed iħejju armar ta' briju apposta għall-Festa Tfal. Għal darb' oħra se tkun qed tagħti sehemha l-Banda Birżebbuġa. Inħeġġukom sabiex tingħaqdu magħna.

securevision

Total Vision in Security

Wignacourt street, Birkrikara. Tel 21444398

Alarms

CCTV

Intercoms

www.securevision.com.mt

OUR BUSINESS PARTNERS

ALNET SYSTEMS · roger · Sensormatic · V-TEK · JABLOTRON · DNAKE · UniPOS · HS · SHARP

Gold Lady Jewellery

Goldsmith & Silversmith
Manufacturers & Repairs

Now also available a large selection of trophies

Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun - Tel: 21673928/27673928

Open Hours: 08.30 - 12.00 16.00 - 19.00

Min-Noti tas-Sezzjoni Banda

Kristian Kurt Cassar

Jiena Kristian Kurt Cassar, għandi 40 sena u ilni bandist ma' din is-soċjetà 27 sena. Dħalt membru ma' din is-sezzjoni din is-sena, li hija t-tielet sena tiegħi bis-saħħa tal-assistent surmast Christopher Bonnici. Dħalt ma' din is-sezzjoni għax hemm ħafna xogħol li lili jinteressani u fl-istess ħin inkun qiegħed ngħin lill-banda tagħna fl-irwol tagħha.

Reġa' wasal Awwissu, ix-xahar li fih niċċelebraw il-festa tal-Patrun il-kbir u maħbub tagħna SAN PIETRU. Għalkemm il-festa tgħaddi, ix- xogħol ma jiqafx. Is-sezzjoni banda, apparti li tkompli bis-servizzi mużikali tagħha ġewwa rħula oħra naħdmu għall-festa u servizzi mużikali tas-sena ta' wara.

Din is-sena bdejna bil-programm Mill-Bandisti għall-Membri fil-15 ta' Frar 2025 ġewwa Birżebbuġa fis-sala l-kbira tal-iskola primarja San Benedittu. Komplejna b'servizz ieħor ġewwa Birżebbuġa stess bi programm tal-festa tad-Duluri ġewwa l-kappella ta' San Ġorġ fit-8 t'April 2025. Din is-sena peress li seħibna Steven Farrugia ħalliena fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira, b'rispett, l-Irxoxt kellna nħassruh.

Din is-sena bdejna bis-servizz barra mir-raħal tagħna ġewwa l-Furjana għall-festa tal-Patrun ta' Malta San Publiju nhar l-4 ta' Mejju 2025.

Din is-sena, fit-18 ta' Mejju, kellna festa Marjana ġewwa Bengħajsa u ppartečipaw iż -żewġ baned ta' Birzebbuġa. Aħna, bħala Soċjeta Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa 1990, kellna stand bl-uniformi l-antika u bl-uniformi l-ġdida ppakkjata fil-pockets. Kellna l-formoli biex min ikun interessat jidħol jistudja u jitgħallem xi instrument u teorija tal-mużika.

Fil-15 ta' Ġunju 2025 kellna servizz ieħor ta' Santa Katarina ġewwa ż-Żejtun.

Il-Festa Tfal saret nhar 26 ta' Lulju 2025.

Din is-sena l-ħruġ ta' SAN PIETRU se jkun fit- 28 ta' Lulju 2025. Inkomplu niċċelebraw il-ġimgħa tal-festa tagħna u tal- Patrun tagħna SAN PIETRU.

Barra mir-raħal tagħna se jkollna erba' servizzi oħra maqsumin fix-xahar t'Awwissu u Settembru.

Fit- 12 t'Awwissu 2025 se jkollna servizz ġewwa l-Qrendi fil-festa ta' Santa Marija.

Fit-30 t'Awwissu 2025 se jkollna servizz ġewwa l-Marsa fil-festa ta' Marija Reġina.

Fil-31 t'Awwissu 2025 se jkollna servizz, marċ u programm ġewwa Ħal Safi fil-festa ta' San Pawl.

Fis-7 ta' Settembru 2025 se jkollna servizz ġewwa l-Isla fil-festa ta' Marija Bambina.

L-irwol tas-sezzjoni banda hemm ħafna affarijiet xi jsiru li diġa saru. Pereżempju fl-2023, jiena (Kristian Cassar) u Andy Mifsud, bħala 25 sena bandisti f'din is-soċjetà, ppreżentajna pockets għall-uniformijiet biex ikunu iktar puliti, preżentabbli u li zgur ma tintilifx xi uniformi.

Din is-sena s-soċjetà għalqet 35 sena soċjetà, allura jiena, min-naħa tiegħi personalment, se nirregala marċ ġdid li jismu 35 sena Soċjetà, mingħand is-surmast bravu Mro Dominic Darmanin.

JULIA
FARRUGIA

AWGURI

+356 **7999 9936**

**Selling Bluray/DVD/3D,
HiFi, TV, Radios, Games, Watches,
Alarm Clocks, Calculators, Airconditioners,
DVD/Bluray and Game Console. MP4s,
mobile phones, car stereos
and surround systems. All kinds of Repairs on
Mobiles, Hi-Fi, TV etc...**

*Transfer from Video Tapes, Audio Tapes, 8mm etc
to DVD*

**48, Pretty Bay, Birżebbuġa
Mob: 7997 9714 Tel: 2165 0346
Prop. Joe & Marthese Celeste**

Patrick Cellars Ltd.
WINES & SPIRITS

164, Birżebbuġa Road, Birżebbuġa
T: 2165 0810 • **M:** 9947 8708 • **E:** patrickcellars@euroweb.net.mt
www.patrickcellars.com

Bookings call on
27 112 776 or **77 11 27 76**

Ukoll din is-sena tajna ċans lil xi wħud li setgħu jagħtu marċ ġdid.

Proġett li komplejna naħdmu iktar fuqu din is-sena, li qiegħed għal qalb is-sezzjoni, huwa dak tal-arkivju. F'ħamsa u tletin sena kemm ilha mwaqqfa s-soċjeta, l-ammont ta' muzika dejjem kibret u għalhekk jeħtieġ li din il-mużika jkolhna post għaliha u merfugħa kif xieraq. Jiena (Kristian Cassar) bħala arkivist fis-sezzjoni, flimkien ma' Andy Mifsud Camilleri, qegħdin naħdmu id f'id biex inkunu ċerti li din il-mużika tkun f'postha kif xieraq ġol-arkivju. B'hekk il-mużika rikka li għandha s-soċjetà, li tinkludi wkoll il-mużika komposta minn bandisti tal-post stess, kif ukoll mis-surmast Mro Michael Bugelli u l-assistent surmast Mro Christopher Bonnici.

Din is-sena proġett ieħor li għamilna bħala sezzjoni banda huwa l-librett il-ġdid li huwa mimli b'marċi ta' kompożituri u bandisti tal-post stess.

Ta' dan nixtieq ngħidilhom grazzi u nispera li fil-futur ikollna iktar marċi b'kompożituri tal-post u jalla jkollna iktar bandisti tal-post li jkunu kapaċi jiktbu marċ kif xieraq lis-soċjetà tagħna.

Parti kruċjali mill-irwol tas-Sezzjoni Banda kif ukoll huma tant għal qalbna, huma l-allievi li dawn huma ta' mportanza biex il-banda tagħna tkompli tikber. L-iskola tal-mużika hija maqsuma fi tlieta, fejn l-ewwel l-alliev jibda jitgħallem it-teorija li twasslu biex imbagħad jagħżel liema stument li jkun jixtieq. It-Teorija jgħallimha l- Mro Christopher Bonnici, allievi tal-instrument tar-ram Mro Michael Bugelli u allievi tal-instrumenti tal-qasba mingħand is-Sur Ludwig Desira. Tajjeb illi ngħidu li t-tagħlim kif ukoll l-instrument huwa kompletament b'xejn. Bħalissa għandna numru sabiħ t'allievi.

Proġett ieħor ta' Sezzjoni Banda kien ilu jberren f'moħħna u li kienet qegħda tiġi diskussa wkoll f'sezzjonijiet oħra, hija dik li norganizzaw Festa Tfal. Bdejnieha s-sena l-oħra fl- 2024 u din is-sena saret b'suċċess ieħor għat-tieni sena konsekuttiva. Din il-festa nagħmluha biex inħeġġu iktar tfal u biex iktar ġenituri jħajjru lit-tfal jagħtu sehemhom fil-festa tar-raħal. Din il-festa tinkludi statwa żgħira ta' SAN PIETRU merfugħa mit-tfal tas-soċjetà, akkumpanjata bil-banda tas-soċjetà iddoqq marċi brijużi.

Is-sezzjoni għandha ħafna aktar proġetti li tixtieq twettaq fis-snin li ġejjin, però dan jirrikjedi ħin u finanzi. Għalhekk nitlob lilkom il-qarrejja li jekk tistgħu tkunu b'xi mod ta' għajnuna kemm finanzjarjament u kif ukoll min jixtieq jingħaqad magħna fis-sezzjoni.

Fuq nota oħra, jekk hemm xi tfal li jixtiequ jitgħallmu xi instrument tistgħu tavviċinaw lil xi membru tal-kumitat biex jiggwidawkom. Tibżgħux, kull bidu huwa iebes

pero l-mużika tista tiftaħlek bibien kbar kif fetħet lil xi wħud mill-bandisti tal-post tas-Soċjetà tagħna.

Nirringrazzja lill sħabi tas-Sezzjoni Banda talli fdawni nikteb dan l-artiklu. Għalkemm dejjem insibu xi ntopp, flimkien jirnexxielna negħlbu l-ostakli u nwasslu l-messaġġ tagħna. Grazzi wkoll lill-isponsors li dejjem jgħinuna kif ukoll lil min jattendi għall-attivitajiet li nagħmlu matul is-sena biex b'hekk inkunu nistgħu dejjem ngħinu u ngħollu l-livell tal-banda tagħna. Nirringrazzja wkoll lill-bandisti, kemm tal-post u kif ukoll dawk barranin, tas-servizz u l-lealtà kontinwa tagħhom. Fl-aħħar, grazzi lilkom membri li tagħtu s-sapport lejn il-banda u s-soċjetà.

Viva San Pietru u Viva l-Banda tagħna tal-lljun!

Bilwieqfa mix-xellug:
Nicola Bonnici Mc Intyre, Andy Mifsud Camilleri, Kristian Cassar, Brian Abdilla, Melicent Abela
Bilqiegħda mix-xellug:
Michaela Chircop, Mro Michael Bugelli, Mario Chircop, Mro Christopher Bonnici, Marouska Bonnici

DSJ

WE DO IT RIGHT TO YOUR IMAGINATION

Tarxien Road, Gudja
GDJ 1907

99102787 (Dickson)
99043681 (Scott)
99453142 (Joe)
21696669

dsjpacefurniture@gmail.com

AUDIO IMAGES

Zaren Dalli Street, Birżebbuga
Tel: 2165 8754 • Mob: 7959 1927

Wide selection of Mobile Phones
LCD TVs, Hi-Fi, Sport Cameras & Accessories
GO Services, Mobile Repairs & much more

Chris Bonello

Peter Paul Caruana B.A. Maltese Hons; MTL in Maltese; PG in MFL

Proprju nhar it-13 ta' Diċembru, 2024, kellu jkun jum ta' sfortuna għall-ħabib tagħna Chris Bonello. Sfortunatament, Chris spiċċa vittma ta' inċident xejn sabiħ li ġab miegħu xi konsegwenzi.

Chris Bonello, għalkemm proprjament Żabbari, dejjem kellu konnessjoni mar-raħal ta' Birżebbuġa, tant li hu dilettant sew u kemm-il darba daqq mal-banda tagħna, flimkien ma' missieru Victor Bonello. Żewġ bandisti li dejjem taw is-sehem tagħhom u daqqew bl-ikbar lealtà lejn is-soċjetà. Lil Chris bosta jafuh bħala bniedem attiv, sew fil-festi kif ukoll f'għaqdiet oħrajn.

Madankollu, in-nies jafu lil Chris bħala bniedem pożittiv u dejjem jitbissem. Ilkoll naqblu ma' din l-istqarrija għax fuq kollox Chris huwa ta' ispirazzjoni għal bosta nies. Minkejja l-ostakli kollha li qed jaffaċja, xorta waħda jibqa' pożittiv, kuraġġuż u motivat. Xejn ma jaqtagħlu qalbu! Min-naħa tagħna nawguraw li jibqa' pożittiv u nawgurawlu iktar fejqan u saħħa.

Grazzi Chris!

The Right Spot
NIKE
De Fonseca
26, Pretty Bay, Birżebbuġa
Tel: 2165 1215 • Mob: 99846117
godmar@go.net.mt
rider SANDALS
Men's & Ladies' Footwear

Cardiff Butcher
Fresh & Frozen Meat
Frozen Foods
1, Żurrieq Road, Birżebbuġa • Tel: 2765 2746 • Mob: 7932 7285

Free Deliveries

THE CATHEDRAL GROUP LTD.
Gardjola Gate, Mimosa Street (St. Luke's Road), G'Mangia PTA 1045
Tel: 2122 6020-3 **Fax:** 2124 2644

Nisa Petrini

Sue Pace

Helpers Nisa Petrini

Għeżież Parrucċani ta' Birżebbuġa,

Għal sena oħra reġgħet waslet il-festa tant għażiża għalina u għalhekk reġà wasal iż-żmien li nitkellmu magħkom permezz ta' din il-pubblikazzjoni annwali li tippubblika s-soċjetà taghna.

Bħalma kien l-għan tagħna sa mit-twaqqif tas-soċjetà fl-1990, bħala nisa Petrini, dejjem kien li naħdmu id f'id mal-Kumitat Ċentrali tas-soċjetà tagħna.

Ghal sena oħra kellna sena ta' ħidma u tajna s-sehem tagħna f'attivitajiet li organizzaw is-sezzjonijiet tas-soċjetà tagħna. Aħna dejjem lesti li nagħtu l-għajnuna tagħna fl-attivitajiet soċjali li jsiru fil-każin speċjalment f'dawk li jkunu jinvolvu l-preparamenti t'ikel għall-festini, il-'mulled wine' fi żmien il-Milied u anke t-tqassim tal-ikel fl-istess festini.

Matul is-sena jiġu organizzati xi lotteriji u hawnhekk ukoll nagħtu s-sehem tagħna billi nbiegħu l-biljetti.

Il-grupp tagħna jagħti sehemu wkoll fit-tindif tal-każin biex b'hekk il-każin tagħna jkun dejjem nadif u armat kif inhu xieraq għal kull okkażjoni, speċjalment meta tkun walset l-festa titulari tagħna ta' San Pietru.

Bħala grupp nattendu wkoll għall-funzjonijiet speċjali li jsiru fil-Knisja bħal meta tiġi ċċelebrata l-Katedra ta' San Pietru.

Fil-ġimgħa tal-festa żgur se tiltaqgħu magħna waqt li nkunu qed inqassmu din il-publikazzjoni. Nirringrazzjawkom għad-donazzjonijiet li tagħtuna waqt it-tqassim ta' din il-publikazzjoni. Anke, bħal ma nagħmlu kull sena, se nbiegħu l-flokkijiet tal-festa.

Il-grupp preżenti bħalissa huwa magħmul minn Sue Pace, Mary Taylor, Rita Calafato u Carmen Theuma.

Minn qalbna nixtiequ nawguraw il-festa t-tajba lil Birżebbuġin kollha u lil dawk li jaħdmu qatigħ għall-festa tagħna u għas-soċjetà tant għażiża għalina.

Viva San Pietru!

Rita Calafato, Carmen Theuma, Mary Taylor, Sue Pace

MONTEBELLO
Your One-Stop Shop for all your Car Needs!
RANGE ROVER
Tal-Barrani Road, Bir id-Deheb Place,
Zejtun MALTA ZTN 9029
21673766 / 21690555 / 21661550
info@montebellogroup.com
www.montebellogroup.com

Nawgura l-festa t-tajba
lill-Birżebbuġin kollha!
JOSETTE BUSUTTIL
VIĊI SINDKU BIRŻEBBUĠA
9811 2532

MIRIAM DALLI
NAWGURALKOM
IL-FESTA
T-TAJBA
9900 0809
info@miriamdalli.com

Ħolma żagħżugħa ta' 35 sena ilu li ssawret f'realtà ta' suċċess

Matthew Polidano
Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni

Għal sena oħra qiegħed nerġa' nħarbex kelmtejn fuq il-pubblikazzjoni annwali, 'Minn Qalb l-Iljuni', pubblikazzjoni li din is-sena qed tiċċelebra il-35 sena tagħha.

Hekk kif qed insemmi l-anniversarji ma nistax ma nibdiex billi nsellem lis-soċjetá li tant inħobb – is-Soċjeta Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa, li din is-sena qed tiċċelebra l-35 sena mit-twaqqif storiku tagħha, twaqqif li biddel l-istorja ta' raħalna għal dejjem.

Intant din is-sena, is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni A.D. 1990 fi ħdan l-istess soċjetá, wkoll qed tiċċelebra l-35 anniversarju tagħha, hekk kif propju f'jum il-Festa tal-Katedra ta' San Pietru, it-22 ta' Frar tal-1990 saret l-ewwel laqgħa tas-Sotto Kumitat Żgħażagħ li aktar tard imbgħad fil-bidu tas-sena elfejn saret is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni A.D. 1990, b'arma simbolika li għadna sal-lum nilbsuha fuq qalba flimkien mal-arma tas-Soċjeta tagħna.

Din is-sena kienet waħda li żgur ser nibqgħu ngħożżuha għal dejjem hekk kif kellna l-opportunita li ngħixu ż-żminijiet li sawru din l-istess sezzjoni. Dan hekk kif din is-sena ħdima fuq dokumentarju li sellem l-istorja tas-Soċjetà u tas-Sezzjoni tagħna ż-żgħażagħ – dokumentarju li ġie ppreżentat f'riċeviment li organizzajna. Minn hawn nixtieq nieħu l-opportunità nirringrazzja lin-Nisa Petrini li għenuna fit-tqassim tal-ikel f'dan ir-riċeviment. Dan apparti ringrazzjamenti lill-ġenituri tagħna u lill-isponsors kollha li għenuna u qed ikomplu jgħinuna nibqgħu nesebixxu s-sabiħ tal-festa Maltija. Peró ma nistax ma nirringrazzjax lill-membri u l-partitarji l-oħra li attendejtu u flimkien magħna ġeddidtu bosta memorji sbieħ. Ringrazzjament speċjali jmur ukoll għal Daniel Buhagiar li ħadem fuq il-muntaġġ ta' dan id-dokumentarju – dan apparti ringrazzjament kbir lil Franklin Cachia li ħa ħsieb il-vidjografija. Fl-aħħar nett is-sodisfazzjoni tagħna kien li ddokumentajna kif stajna l-istorja sabiħa ta' din is-sezzjoni fi ħdan soċjetà ħajja, attiva u ambizzjuża – storja ta' ħolma li nibtet f'realtá ta' suċċess.

Apparti min hekk, din is-sena ħdima kemm stajna sabiex din il-festa tiġi ċċelebrata bil-kbir u kif jixraq. Kien għalhekk li matul din is-sena tellajna għexieren ta' attivitajiet fosthom bake sales fil-Milied, fil-Halloween u anke fil-Mother's Day, car washes, lotterija tal-prima, festini tat-tfal, Christmas Party, Halloween Party u anke l-famuż Boogie Night, li kellna rispons tajjeb ħafna. Apparti minn hekk erġajna tellajna wkoll flimkien mal-Kummissjoni Armar Estern Banda Birżebbuġa, il-Pasta Night annwali ta' xahar qabel il-festa li għalih din is-sena rajna attendenza rekord – fost divertiment u ikel bnin.

Din is-sena għal darb'oħra erġajna nedejna sensiela ta' sessjonijiet mat-tfal. Il-Lion Cub Kids Club li ntlaqa' tajjeb ferm mat-tfal ta' Birżebbuġa – fejn b'mod speċjali qabel il-festa, it-tfal jingħaqdu magħna bi ħġarhom sabiex flimkien jaħdmu fuq affarjiet li joħorġu huma stess fil-Festa ta' San Pietru, fosthom bnadar żgħar, banners, posters u anke tpinġijiet.

Kburi ngħid ukoll li s-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni, hija kontinwament parteċipi fi ħdan is-Soċjeta u fir-raħal ta' Birżebbuġa. Matul din is-sena Birżebbuġa resqu lejha bosta unuri u bħala Birżebbuġin għexna dawn iż-żminijiet sbieħ – għalhekk f'isem sħabi nixtieq nifraħ kemm lil Klabb Regatta Birżebbuġa għar-rebħa tax-Shield f'kategorija B fir-regatta ta' Jum il-Ħelsien, nifraħ ukoll lill-Birżebbuġa Saint Peter's FC li ġew promossi għal Kampjonat Challenge League bir-rebħ tal-Kampjonat National Amateur League u bir-rebħ tal-BOV Amateur Super Cup, li anke bħala żgħażagħ minn Birżebbuġa konna qed nagħtu s-sapport fil-ground. Ma nistax ma nifraħx ukoll lil Jamie Cardona għar-rebħ tal-Konkors 'Mużika Mużika', żgħażugħ minn Birżebbuġa li hu wkoll partitarju tal-banda tagħna. Proset u grazzi tal-unuri li ġibtu lejn raħalna.

Apparti minn hekk din is-sena komplejna naħdmu flimkien mal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar sabiex ngħinuhom fil-produzzjoni annwali tal-Ġimgħa Mqaddsa – produzzjoni bl-Isem ta' 'L-Id Imdemmija'. Bħala żgħażagħ ippartecipajna bi sħiħ fejn jidħol reċtar u anke teknika, fuq kollox fi sħab għal għan wieħed, li ntellgħu xogħol mill-aqwa sabiex nibqgħu nkabbru isem is-Soċjeta li hi tant għażiża għalina lkoll.

Madanakollu, bħal sajjetta f'nofs il-bnazzi, din is-sena ħalliena ħabta u sabta l-ħabib tagħna Steven Farrugia, id-direttur u l-kittieb tal-istess produzzjoni. Apparti minn hekk, ħabib li kellu għal qalbu din is-sezzjoni, li kien ukoll membru attiv tagħha fis-snin disgħin. Dan kien ovvjament xokk għalina wkoll, anke minħabba l-fatt li ħalliena propju fil-Jum tal-Ġimgħa l-Kbira, jum tant għażiż għas-Soċjeta u għal Steve. Għalhekk nixtieq nerġa', f'ismi u f'isem sħabi, insellem il-memorja ta' Steven Farrugia – persuna li kien dejjem pilastru għalina lkoll. Bħala żgħażagħ konna nserrħu fuqu. Għalhekk, b'sogħba kbira, insellimlek ħabib. Is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni li tant kont tħobb tirringrazzjak!



FRESH FRUIT & VEGETABLES
FREE DELIVERY
7777 4707

Marco Camilleri

Għal kull xogħol ta' tqegħid ta' madum tal-art u tal-ħajt.

Mob: 99406418

Il-Festa t-Tajba!

Stanley Zammit

In . Stanley Zammit
Membru Parlamentari
Shadow Minister - Ippjanar u Artijiet
79420956 I stanley.zammit@gmail.com

NAWGURA L-FESTA T-TAJBA
LILL- BIRZEBBUĠIN KOLLHA!
JOHANN BORG
KUNSILLIER LOKALI BIRŻEBBUGA U MINORITY LEADER.
MOB: 79256985 EMAIL: JOHANNBORG77@GMAIL.COM

mangion brothers zurrieq ltd
Valletta Road, Zurrieq ZRQ 9010
Tel: 21649590 – 21642649
Mob: 79492624/5
e-mail: mangionbrothers@gmail.com
• Building Construction • Concrete Mix • Concrete Blocks
• Concrete Pump Hire • Excavation Works

Apparti min hekk, din is-sena għamilna wkoll bandiera ġdida għall- marċi – bandiera bl-arma tas-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni, li kien iddisinja l-mibki Steven Farrugia ftit qabel ħalla din id-dinja u mar jiltaqa' ma' San Pietru li tant kien iħobb.

Intant din il-ħidma fl-aħħar mill-aħħar tissarraf bl-aqwa mod fil-ġimgħa li twassal għall-ewwel Ħadd t'Awwissu. Bħala Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni A.D. 1990, din is-sena ser inkunu qegħdin intellgħu żewġ marċi. Il-Marċ tal-Pjazza u l-Marċ tal-Istatwa – żewġ marċi li qegħdin stampati f'qalb id-dilettanti Birżebbuġin u tal-Partitarji Iljuni. Inħeġġu lil kulħadd li bħal kull sena tingħaqdu magħna sabiex niċċelebraw is-suċċessi, ngħixu u niktbu flimkien memorji ġodda li ser ikomplu jsawru il-festa tagħna.

Dan, għalhekk, ifisser li l-ħidma ta' matul is-sena importanti li tkun waħda konsistenti sabiex intellgħu l-aħjar festa possibli u nibqgħu nġibu ġieħ lil-Patrun tagħna San Pietru – il-Prinċep tagħna, li d-devozzjoni lejh tmur lil hinn minn raħalna – devozzjoni li din is-sena għexnieha bl-aqwa mod, anke wara li għexna l-mewt tal-Papa Franġisku u bħala kattoliċi segwejna l-għażla tal-Qdusija Tiegħu Papa Ljun XIV li hu propju l-267 suċċessur ta' San Pietru.

Din l-imħabba lejn il-Prinċep tal-Appostli tkompli tqawwilna qalbna sabiex naħdmu bla heda u nagħmlulu l-isbaħ festa. Minn hawn nieħu l-opportunità nirringrazzja l-għaqdiet u l-kummisjonijiet fi ħdan is-soċjeta tagħna, li bħalna jagħtu sehemhom bl-aqwa mod possibli sabiex

il-festa tagħna tkompli tikber. Nixtieq ukoll, f'isem is-Sezzjoni tagħna ż-Żgħażagħ, nawgura lill-Kummisjoni Armar Estern li, f'ħidma konġunta mal-Kumitat Ċentrali, ħadmu sabiex din is-sena qed ingawdu arblu maġġur ġdid li l-Birżebbuġin kollha ser jibqgħu jgawdu għas-snin li ġejjin. Nitolbu wkoll b'mod speċjali lil San Pietru sabiex iħares il-pirotekniċi tagħna li fil-ġimgħa tal-festa jixegħlu s-sema f'dawn il-jiem festivi.

L-aħwa, l-għaqda bejnietna lkoll kompliet issaħħaħna f'ħidmietna u qed ngawdu r-riżultati!

Nagħlaq għalhekk, billi l-ewwel nett nirringrazzja lil dawk kollha li għenuna ntellgħu l-attivitajiet din is-sena, kif ukoll lil dawk kollha li jiġu flimkien magħna fi żmien il-festa sabiex imiddu idejhom u jagħtu l-għajnuna imprezzabli tagħhom. F'isem is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni A.D. 1990 nirringrazzjaw ukoll l-isponsors li għenuna ntellgħu l-marċi tagħna din is-sena. Dan anke minħabba li din is-sena is-Sezzjoni, bħal ma semmejt qabel, qed timpenja ruħha tieħu f'idejha żewġ marċi ewlenin, kemm dak tal-Pjazza, kif ukoll il-marċ għażiż tal-Istatwa, li jġorr miegħu storja ta' tradizzjoni unika.

Ma nistax ma nirringrazzjax peró lill-familjari tagħna u lil sħabi tas-Sezzjoni li mingħajr il-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom, dan kollu ma kienx ikun possibli.

Grazzi ħbieb ta' dawn l-esperjenzi flimkien – flimkien immexxija mill-imħabba li għandna lejn dan il-Każin, din is-Soċjeta, din il-festa. Verament li ż-Żgħażagħ Iljuni huma l-qalb tal-festa ta' Birżebbuġa!

Għalhekk nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Birżebbuġin kollha u sabiex flimkien ngħixu ġimgħa sabiħa li fiha, bħala raħal wieħed, niċċelebraw bl-aqwa mod possibli. Kburi li jien minn Birżebbuġa, kburi li mgħammed taħt Pietru l-Prinċep tal-Appostli, kburi li nifforma parti mis-Soċjeta Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990.

Viva Żgħażagħ Iljuni!
Viva l-Banda Birżebbuġa!
Viva San Pietru!

Bilwieqfa mix-xellug: Jodie Debono, Samuel Calleja, Jodie Cardona, Chrizana Mizzi, Daniel Buhagiar, Kaya Micallef, Jade Camilleri, Jade Zammit, Casey Micallef
Bilqiegħda mix-xellug: Clarice Borg, Leon Briffa, Reyhan Vella, Matthew Polidano, Elishia Attard, Petrice Vella, Andriy Chetcuti Theuma
Neqsin mir-ritratt: Ryan Micallef, Aidan Vella, Andrea Camilleri, Rachela Borg, Claire Zahra

Angolina
RESTAURANT
Angolina Restaurant | _angolina_ | 2712 0953

FRESH FISH DAILY

10 SNIN ANNIVERSARJU

2015 - 2025

Faċċata Artistika, Bandiera Sekondarja, u
Bandiera ta' San Ġorġ.

Anniversarju bil-kbir u bl-aqwa armar

Benji Caruana
Kummissjoni Armar Estern

Għeżież Iljuni Birżebbuġin ,

Għal darb'oħra reġgħet waslet il-festa u għalhekk ġejt mitlub nikteb dan l-artiklu li fih ħa nagħti rendikont tax-xogħol li sar tul din is-sena speċjali.

Din is-sena hija t-tlettax-il sena tiegħi li ġejt elett għall-kariga ta' chairperson tal-Kummissjoni Armar. Nirringrazzja b'mod speċjali lill-familja tiegħi tas-sagrifiċċju u l-paċenzja li jieħdu bija tul is-sena kollha. Nirringrazzja wkoll lill-familji tal-membri ta' din il-kummissjoni tas-sapport u għajnuna kbira li nsibu s-sena kollha. Ħadd ma jobsor, biex tagħmel sena sħiħa tiġbor il-flus biex tagħmel festa u tkompli żżid l-armar, kemm trid tagħmel sagrifiċji u homework sewwa. Bis-serjetà kbira ngħid u kuntenti ħafna li għal din is-sena tal-anniversarju ħa jkun hemm ħafna sorpriżi.

Nibdew bis-suċċess li kellna fil-festa tas-sena l-oħra li bqajna għaddejin bħal romblu daqs kemm aħna kbar, kulħadd kelma waħda, kemm intom kbar tal-Iljun li tagħmlu ġimgħa festa minn Sibt qabel sat-Tnejn ta' wara. Dan mhux mertu ta' ftit nies imma ta' ħafna nies li bl-'ups and downs' ta' kulħadd jirnexxilna nitilgħu u nagħmlu festa bil-kbir li naqtgħu nifs il-ġirien.

Saret diska ddedikata lill-patrun tagħna San Pietru bl-isem B'Ħarsitna 'l Fuq. Din tkantat minn Melicent Fenech u Nedved Galea. B'kitba tal-bravu Stephen Baldacchino u mużika ta' Aldo Spiteri. Ġiet imnedija għall-ewwel darba fil-bbq ta' ġimgħa qabel il-festa u tkompliet tindaqq matul il-ġimgħa tal-festa.

Wara l-festa bdejna naħsbu biex nagħmlu l-homework u x'ħa jiġri għas- sena tant speċjali tal-35 sena anniversarju. Bdejna billi komplejna fuq il-ħsibijiet u l-pjanijiet li kellna qabel il-festa.

Din is-sena erġajna bdejna billi f'Novembru għamilna l-għadam tal-ħelu fejn erġajna kellna konkorrenza qawwija mingħand in-nies.

F'Diċembru reġa' sar il-bejgħ tal-ponsjetti u din is-sena veru kellna record qawwi ta' domanda għalihom. Ta' dan ngħidulkom grazzi. Bħal kull sena, il-kunsill jgħinna biex narmaw it-toroq għal żmien il-Milied imma din is-sena kienet pjuttost naqra kwieta. Din is-sena ma tantx kellna involviment qawwi fuq l-armar tal-Milied għax ħa ħsieb kollox il-kunsill. Iżda l-każin xorta ħa ħsieb li jara li jintramaw l-faċċati tal-każini tal-pjazza u kif ukoll ta' Triq Birżebbuġa kif ukoll armajna Triq Birżebbuġa u Misrah il-Knisja.

Fi żmien il-Milied sar ukoll il-festin tat-tfal ġewwa l-każin Ġawhra San Pietru. Festin li sar mistenni minn ħafna. It-tqassim tar-rigali wkoll kienet ta' suċċess minn sena għal sena għax kellna erbat ijiem mimlijin. Nixtieq li f'ismi u f'isem il-kummissjoni ngħidu grazzi kbira talli temmnu fina.

Komplejna għal żmien Jannar. Dan iġib xahar li trid terġa' terfa' kollox tal-Milied u terġa' taħseb għalih għas-sena d-dieħla u tagħmel il-pjanijiet għalih. Wara li ntrefa kollox, lestejna għall-ftuħ tal-35 sena anniversarju fejn armajna l-każin għal din l-okkażjoni.

Frar huwa magħruf magħna l-Birżebbuġin li hija l-festa tal-Kattedra ta' San Pietru u ġew armati ż-żewġ faċċati tal-każin, kif ukoll il-bjut bil-fostuni sbieħ.

Għal żmien il-Karnival sar il-bejgħ tal-prinjolati.

Għal żmien ir-Randan erġajna begħna il-kwareżimal li kellna konkorenza qawwija ta' bejgħ. Għal żmien ir-

NINETEEN
NINETY

NINETEEN
NINETY

NINETEEN
NINETY

BIM

HOT DIP ***GALVANIZING***

PROTECTS YOUR STRUCTURE

BIM LTD, HHF075B, Hal-Far Industrial Estate | T. 2123 6658 | bim.com.mt |

In-Nutar Ruth Antoncich

tixtieq tawgura l-festa t-tajba lir-residenti kollha ta' Birżebbuġa.

99280609

2, Triq G. Galizia, Birżebbuġa.

ruthantoncich@gmail.com

Randan inxtara dawl ġdid biex ikun jista' jintuża għal kull festa bħar-Randan u xahar qabel il-festa. Għal żmien id-Duluri, il-Ġimgħa l-Kbira u l-Ġimgħa Mqaddsa intramaw il-pavaljuni u bandalori tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn jintramaw f'Misraħ il-Knisja u fi Triq Birżebbuġa .

F'Ħamis ix-Xirka reġgħu saru l-famużi fjakkoli. Ta' dan ngħid grazzi tal-ġenerożità tal-membri għax seta' kellna ambjent mill-isbaħ fi żmien Ħamis ix-Xirka.

Għal żmien l-Għid iżżanżan pavaljun ġdid biex ikun jista' jintuża għall-okkażjonijiet bħall-Għid il-Kbir, Corpus, il-Qalb ta' Ġesù u San Pietru fi Frar. Dan sar ħjata tas-Sur Stefan Duca u disinn u sfumar tas-Sur Clifford Vella Dingli. Jum l-Għid kien daqxejn differenti mis-soltu għax tlifna lill-ħabib tagħna Steven Farrugia. It-triq u l-armar kienu ftit ridotti mis-soltu.

F'Mejju kien imiss il-Kummissjoni Armar biex tagħmel il-ġabra annwali tal-bieb bieb. Din is-sena sibna konkorrenza tajba u l-ġbir kien sabiħ ħafna. Ta' dan ngħidu grazzi kbira lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa.

Din is-sena qed isir arblu maġġur ġdid għal quddiem fuq il-bejt tal- każin. Dan tħallas kollu mill-Kummissjoni. Dan sar għand is-sur Louis Xuereb u Brian Grech. L-arpa maħduma mis- Sur Rennie Mizzi, iż-żebgħa min-nies tal-Kummissjoni stess u l-ħadid blokka ġdida mis-Sur Peter Caruana. Dan se jiġi mżanżan ftit jiem qabel il-festa, il-Ħadd 13 ta' Lulju.

Din is-sena wkoll se jkollna sorpriża sabiħa għall-Festa Tfal. Din is-sorpiża ġiet imħallsa wkoll mill-Kummissjoni Armar bl-għajnuna tal-fondi.

Din is-sena erġajna qegħdin nieħdu ħsieb il-marċ tat-Tnejn. Bħal kull sena se jkollna lid-dj popolari Ryan Spiteri flimkien mal-mużiċist Marco Xuereb fejn wara l-marċ ħa jerġgħu jallegrawna bil-mużika sabiħa fost il-briju u n-nar.

Nixtieq qabel nagħlaq insellem żewġt iħbieb tiegħi li din is-sena għaddew għall-ħajja ta' dejjem. Is-Sur Steven Farrugia, li ħadem ħafna ħafna għall-każin u l-kummissjoni. Meta kellna bżonn dejjem sibnieh hemm, speċjalment fir-riklami. Din is-sena ħa nimmisjawk ħafna Steve u ħu ħsiebna minn hemm fuq. Insellem ħabib ieħor, is-Sur Brian Tirchett. Dan kien bniedem li lili b'mod speċjali kien jagħmilli ħafna kuraġġ u dejjem hemm biex meta jkolli bżonn xi ħaġa, kemm finanzjarjament u kemm parir, dejjem sibtu. Grazzi kbira u nittama li flimkien ma' San Pietru tgawdu l-festa magħna.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil Alla u lil San Pietru talli żamm idejh fuqna tul is-sena kollha biex inkomplu mexjin. Nirringrazzja b'mod speċjali lil-familja tiegħi u lill-mara tiegħi tal- paċenzja li tieħu bija s-sena kollha u lill-familjari tagħna. Biex ittella' festa kompluta minn 'a to z' trid taħdem minn Ħadd sa Ħadd. Nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat eżekuttiv u lill-kummissjonijiet u lill-membri tal-każin talli dejjem insibuhom hemm għas-sapport u l-għajnuna.

Jalla jasal bħal-lum sena u nkunu qgħadna hawn u b'wiċċna minn quddiem nerġgħu nagħtu rendikont ta' dak kollu li sar u li ġara.

Kelma waħda: GRAZZI!
Viva San Pietru u Viva tal-Iljun!
Benji Caruana

Bilwieqfa mix-xellug:
Jonathan Ellul Bonnici, Frans Cassar, Ernest Cassar, Comm. John Taylor KCHS
Bilqiegħda mix-xellug:
Clint Balzan, Benji Caruana, Paul Gafa

Mario Baldacchino

Il-Kummissjoni Armar Estern Banda Birżebbuġa, tixtieq issellem il-memorija ta' Mario Baldacchino.

Tlifna pittur kbir u ta' kapaċità kbira. Aħna d-dilettanti tal-armar tal-festi tlifna raġel li ma tmurx festa u ma tarax biċċa xogħol minn tiegħu. Dan huwa l-Qormi Mario Baldacchino. Dan ir-raġel għamlina ħafna xogħol, kemm għas-soċjetà fil-festa, kif ukoll lill-għaqda tal-armar tal-festa 1 ta' Awwissu. Mario għamel xogħol u sebbaħ ħafna mill-armar tal-każin. Fosthom il-pavaljun tas-sular tas-sala fejn għamel wiċċ San Pietru fis-sena 2015. Din kienet parti mill-faċċata artistika. Wiċċ San Pietru fuq il-bandalora li tkun wara l-banda li kienet saret miż-żgħażagħ fis-sena 2015. Mario għamel ukoll il-pavaljun tal-gallarija tal-Bar Nineteen Ninety li tinsab ġewwa Misraħ il-Knisja. Dan il-pavaljun kien inawgurat fl-2017. F'din il-pittura nsibu l-ħarba ta' San Pietru mill-ħabs. Il-festa li aħna l-Birżebbuġin niċċelebraw.

Mario Baldacchino mar jiltaqa' mal-Mulej u ma' San Pietru fil-31 t'Awwissu, fl-età ta' 55 sena.

Il-Kummissjoni Armar Estern Banda Birżebbuġa tixtieq tirringrazzja u ssellem il-memorja ta' Mario Baldaccino għax-xogħol sabiħ li għamel fuq il-pitturi għall-festa tagħna.

Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem, id-dawl ta' dejjem jiddi fuqu. Ammen.

MUSCAT 1970 TRADING LTD

son of Anthony Muscat marbles

355, MDINA RD QORMI
QRM 9012, MALTA

Bradley: 99899673
Charlene: 79048204

Web:www.muscatmarbleworks.com
E:muscat1970trading@gmail.com

SPECIALIST IN:
MONUMENTS
MEMORIALS
PHOTO CERAMIC
AND MORE....

Il-Kor Xmun Pietru
Inkantaw, Nieħdu u Nagħtu Gost Flimkien

Marouska Bonnici B.A. (Hons)
Kor tas-Soċjetà, Xmun Pietru

Għeżież Petrini

Sena ilu konna qed niċċelebraw il-festa ta' San Pietru Appostlu, u f'tebqa ta' għajn qed nerġgħu nippreparaw għal din il-festa kbira, waħda mill-ewlenin fl-istaġun tal-festi sajfin ta' pajjiżna. Għalhekk, bħalma drajt nagħmel matul dawn l-aħħar snin, qed nerġa' ningħaqad magħkom sabiex nagħmlu elenku ta' x'għamilna, fejn wasalna u fejn għandna l-għan illi naslu.

Il-fatt illi fis-Soċjetà twaqqaf kor lura fis-sena 2006 huwa pass pożittiv u li juri kemm is-Soċjetà tiftaħ il-bibien tagħha għal kulħadd, mhux biss għal min jibni jew iżejjen jew jirreċta jew jarma jew jaħdem in-nar, imma qed tkompli taqdi l-għan prinċipali tagħha, dak filarmoniku jew fi kliem sempliċi, mużikali.

Sfortunatament, minħabba raġunijiet diversi, il-kor miet mewta naturali, madankollu bil-ħsieb tiegħi u ta' Chris, bl-appoġġ morali tal-Kumitat Ċentrali, erġajna waqqafnieh. Wasalna xi mkien? Żgur illi le! Lanqas bdejna? Lanqas! Mela fejn ninsabu? Ninsabu f'nofs ta' triq, parti tgħidilna nissoktaw, parti oħra tgħidilna nieqfu.

Esperjenza Personali

L-esperjenza tiegħi fil-kant issa ilha aktar minn għaxar snin u kantajt ma' korijiet stabbiliti, fosthom il-kor Belcanto ta' Hermann u Stephania Farrugia Frantz, il-kor Anacrusis ta' Mark Agius u Karen Darmenia. Illum inkanta wkoll fil-kor tal-Cappella Bugeja taħt id-direzzjoni ta' Silvio Zammit, kif ukoll f'diversi korijiet tal-parroċċi li jkollhom bżonn is-servizz tiegħi. Ninsab mimlija – għall-grazzja ta' Alla; imma dan il-kor jagħtini ċertu sodisfazzjon, għax ngħiduha kif inhi, ftit huma l-każini li għandhom xi kor tagħhom. Uħud minhom bdew u qatt ma komplew, għax ma jafux x'dedikazzjoni trid sabiex tirnexxi fl-aspett vokali.

Apparti minn hekk, illum għandna l-kor privat tagħna, il-kor Exultet, illi taħt id-direzzjoni ta' żewġi Chris qed nanimaw ukoll bosta festi. Propju l-ġimagħtejn ta' qabel il-festa ta' San Pietru nanimaw il-mużika fil-

festa tal-Madonna tad-Duttrina, Ħal Tarxien u ġimgħa qabel il-festa ta' Birżebbuġa nkunu Ħaż-Żebbuġ għall-festa ta' San Ġużepp. Hekk kif jgħaddi San Pietru nimbarkaw fil-ħidma għall-festa tal-Assunta f'Ħ'Attard u immedjatament wara, Marija Reġina fil-Marsa. Din is-sena ħadna sehem ukoll f'recording ta' innijiet. Għaliex qed ngħid dan? Żgur mhux b'xi sens ta' ftaħir, imma biex nuri li bil-volontarjat titgħallem iktar kif tmexxi lilek innifsek u lill-oħrajn.

Minn Wara l-Festa 2024

U dak l-għan tal-kor tagħna. Li kieku ma kellix l-ewwel esperjenza ta' tmexxija hawn, propju fil-kor Xmun Pietru, żgur ma qed nagħmel xejn minn dawn il-ħafna pjanijiet. Il-vuċi hija l-istrument naturali, u fil-verità kulħadd jużah. Permezz tal-Kor Xmun Pietru, dan it-talent mhux biss nesprimuh imma ntejbuh u kull vuċi individwali tingħaqad sabiex toħroġ ħoss unit u kollettiv.

Bħas-sena l-oħra, erġajna kellna l-opportunità li ningħaqdu flimkien aktar mis-soltu. Erġajna ħadna sehem fil-Christmas Home Concert taħt id-direzzjoni tal-Assistent Surmast Christopher Bonnici. Dan inżamm fis-sala prinċipali, Anthony Camilleri. Apparti l-innijiet tradizzjonali tas-Soċjetà, kienet okkażjoni mill-isbaħ għax kantajna kanzunetti Maltin: 'Bambin Iswed' ta' David Azzopardi, 'Tini, Tini Żmien il-Milied' tal-Xtend u 'Christmas Father Ġibli Pupa' tal-Xtend ukoll. F'din l-aħħar silta kellna ż-żjara sorpriża tal-Father Christmas illi qassam il-ħelu lit-tfal illi ħadu sehem f'dan il-programm leġġer u sabiħ. Matul din l-aħħar silta wkoll, it-tfal tas-Soċjetà daqqew u kantaw flimkien mal-kor. Bla dubju, l-udjenza ppartečipat u ħadet gost bl-għażla mużikali.

Għal sena oħra morna wkoll inferħu lill-anzjani fl-isptar Karen Grech u flimkien ma' element mill-Banda Birżebbuġa kantajna għażla ta' għanjiet tal-Milied. Madwar ġimagħtejn wara erġajna ħadna sehem, u kantajna, din id-darba akkumpanjati mill-orgni li ndaqq minn Marija Daniela Farrugia, fil-quddiesa tradizzjonali li ssir fis-sala Anthony Camilleri fl-okkażjoni tal-fondazzjoni tas-Soċjetà. Kienet okkażjoni fejn morna tajjeb ferm ukoll u l-membri li attendew ħadu pjaċir bis-sehem tal-kor.

Beda joqrob żmien il-Ġimgħa Mqaddsa u din is-sena, il-programm annwali ta' marċi funebri u mużika sagra sar għal darba oħra fil-kappella Medjevali ta' San Ġorġ Martri. Is-sena l-oħra, l-inizjattiva li nkantaw a cappella ntlaqgħet tajjeb ferm, u hekk erġajna għamilna. U erġajna nqsamna f'żewġ vuċijiet. Ma nistgħux ninqasmu f'iktar għax irġiel ma għandniex, għax kieku ninqasmu mqar fi tliet vuċijiet, imma donnhom l-irġiel jistħu xi naqra jingħaqdu magħna. Ċajt apparti, nixtiequ li jkollna mqar żewġ ilħna maskili. Lura għall-programm tal-Ġimgħa Mqaddsa. Esegwejna l-'Miserere Mei' ta' Monsinjur Marco Frisina flimkien mal-'Ave Verum Corpus' ta' Don Lorenzo Perosi.

Il-kor kellu għall-ewwel darba wkoll, ikanta fil-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta nhar is-Sibt 8 ta' Mejju f'quddiesa organizzata mis-Soċjetà f'għeluq il-35 sena mill-fondazzjoni tal-Banda Birżebbuġa. Sfortunatament, din ġiet ikkanċellata fl-aħħar ħin minħabba li bosta membri u partitarji kienu Ruma għall-Konklavi.

Lejn il-Festa Titulari

F'lejla pjuttost xitwija, milli jidher kien waqt xi seduta tal-Kumitat Ċentrali daqq it-telefown ta' Chris u kien il-President, Alexander Caruana. Is-soltu l-Kor Xmun Pietru jingħaqad mal-kor maqlugħ mis-Soċjetà sabiex ikanta fil-kunċert mużikali li jittella' fuq il-planċier. Din is-sena dan se jsir il-Ġimgħa 1 ta' Awwissu, propju fil-jum liturġiku ta' San Pietru fil-Ktajjen. Din is-sena, is-Soċjetà investiet sabiex il-Kor Xmun Pietru jkun hu li jkanta fuq il-planċier. Naturalment, minħabba l-kobor tal-pjazza u l-kobor tal-banda kellna nżidu xi membri tal-kor Exultet u se ningħaqdu flimkien sabiex minbarra l-innijiet popolari, inkantaw fil-kantata 'Tu Es Petrus' u xi siltiet oħra. Inħeġġukom tkunu preżenti għal din l-okkażjoni.

Għandi Xewqa...

Nixtieq aktar membri u partitarji jissieħbu ma' dan il-kor. Aħna lkoll volontarji u ħadd minna ma huwa xi kantant professjonali. Bil-laqgħat tagħna nitgħallmu minn xulxin. Tgħidx 'ma nafx', 'stunat'. Ejja u pprova u tara kif se tħossok komdu jew komda. Issa li qegħdin ninqasmu f'żewġt ilħna, sabiħ illi nkomplu niżdiedu u hekk tiżdied anke l-varjetà. Għandna bżonn l-irġiel! Nixtiequ mqar żewġt irġiel, jekk jista' jkun Tenur u Baxx aħjar, ħalli nkantaw f'erba' vuċijiet, għalkemm naċċettaw lil kulħadd, anzi, irridu lil kulħadd! Aktar kemm inkunu, iktar inżidu l-varjetà għax nibdew inkantaw fuq bażi ta' tliet jew erba' vuċijiet. Il-bieb miftuħ għal kulħadd, fil-provi, Chris jispjega bosta drabi u nkunu ċerti flimkien, apparti li nibagħtu r-recordings sabiex nistudjaw magħhom.

Min jixtieq jingħaqad magħna jista' jkellem lili, lil Chris jew xi membru tas-Soċjetà u jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Petrini kollha!

Mix-Xellug:
Marouska Bonnici, Amy Briffa, Josephine Spiteri, Mro Christopher Bonnici, Marisa Cutajar, Anna Scicluna

Mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar Xi Sbuħija b'Dik id-Dija

Eman Farrugia
Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar



Għeżież membri / soċji,

Għal sena oħra, qed nikteb dan il-messaġġ biex bħal kull sena nagħtikom rendikont tal-ħidma li saret fis-sezzjoni tagħna sabiex inkunu nistgħu ntellgħu spettaklu sabiħ fil-ġimgħa tal-festa.

Hekk kif tgħaddi l-ġimgħa tal-festa, il-membri jibdew mal-ewwel bit-tindif tal-għelieqi tal-ħruq sabiex inżommu l-postijiet nodfa u ħielsa minn kull periklu.

Din is-sena l-għaqda tagħna ħasbet sabiex nagħmlu arma uffiċjali tal-għaqda tagħna. Avviċinajna lis-Sur Redrian Micallef sabiex, b'mod professjonali, issir sketch tal-arma. Din l-arma se tiġi varata fil-jiem li ġejjin.

Hekk kif jgħaddu l-jiem tal-festa, jibda x-xogħol tal-brim tal-karti u tal-kartun sabiex insibuhom lesti għal żmien il-festa.

Il-ħidma fil-kamra tan-nar, tissokta fil-post tan-nar fejn din is-sena sar xogħol ta' renovazzjoni sħiħa fil-kamra fejn nistivaw ix-xogħol lest, kif ukoll xogħol ta' xkaffi ġodda biex nistivaw il-materjal.

Biex jinxtara l-materjal, irid ikun hemm idejn sodi fil-finanzi peress li dan jiswa ħafna flus.

Din is-sena l-għaqda tagħna reġgħet kisbet fondi maħruġin mill-Arts Council fejn sar investiment fis-sistema ta' ħruq u nxtraw xi kanni tal-kaxxa ġodda.

Il-ħidma ġol-garaxx ma taqta' xejn, dan sabiex bħal snin oħrajn id-delettanti tagħna jkollhom irdieden ġodda sabiex f'lejliet il-festa intellgħu ħarqa kif nafu nagħmlu aħna l-Iljuni.

Bħal snin preċedenti l-għaqda tagħna ġiet avviċinata minn irħula sabiex naħdmulhom xi xogħolijiet tan-nar għall-festa tagħhom. Dawn huma:

Festa Sacro Coure, Sliema
Festa tal-Karmnu, Valletta
Festa San Ġużepp, Kalkara

Festa tal-Karmnu, Fgura
Festa Santa Venera, St. Venera
Festa San Lawrenz, Birgu
Festa San Girgor, Sliema

Din is-sena f'April, bħal ma nagħmlu kull sena, ħadna sehem fil-Malta International Fireworks Festival fejn tellajna spettaklu flimkien ma' sħabna mill-Kamra tan-Nar Madonna taċ-Ċintura, Gudja u l-Għaqda tan-nar San Ġużepp Kalkara.

Minn hawn nixtieq nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-membri tal-Kamra tan-Nar Madonna taċ-Ċintura immexxija mil-licencee is-Sur Marlon Mangion, li reġgħu laqgħuna ġol-post tagħhom sabiex naħdmu n-nar.

Nirringrazzjaw ukoll lil Jason Cutajar u lil Dennis Micallef li dejjem insibuhom ta' għajnuna kbira matul is-sena, lil Peter Camilleri (il-Pajju) li jġorr dak kollu li jkollna bżonn u kif ukoll lil Sunny Bonnici għax-xogħol li jagħmel fl-injam u f'dak li jkollna bżonn. Nixtiequ nirringrazzjaw ukoll lil dawk kollha li jipprovdulna l-garaxxijiet fejn inkunu nistgħu naħdmu, lill-volontiera kollha kif ukoll lill-familjari tagħna tas-sapport tagħhom.

Viva San Pietru.










Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
Make your most important day of your life a memorable day!
A wide range of
• Wedding Cars for Hire • Mini Bus Service • Taxi Service
Opening Hours: Monday - Saturday: 9.00am - 12:00 • 5.00pm - 8.00pm Sunday: 9.00am - 12.00 am
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun • 5, Triq is-Santwarju, Ħaż-Żabbar
Tel: (+356) 2169 3247 • 2169 4212/1 • Mob: (+356) 9949 8829 • newwesgarage01@gmail.com

Mill-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar Ħidma, Żviluppi u Telfa Kbira

Luca Galea
Grupp Teatrali 14 ta' Jannar

Din is-sena, għall-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar kienet waħda impenjattiva u sena li ġabet magħha bidla kbira. Kien propju wara r-rappreżentazzjonijet tas-sena l-oħra, kif ukoll wara l-festa li għaddiet li l-Grupp Teatrali kiber fil-membri, dejjem taħt id-direzzjoni ta' Steven Farrugia biex b'hekk inkunu nistgħu nkabbru l-livell u l-kapaċità ta' dan il-grupp.

Kien Diċembru fejn beda x-xogħol fil-kamra fis-Sede tas-Soċjetà, mogħtija lilna biex ikollna post addattat fejn inżommu l-kostumi u apparat ieħor li nużaw waqt ir-rappreżentazzjonijiet. Xogħol li baqa' għaddej biex bħalissa nistgħu ngħidu li għandna kollox organizzat u ppreparat għall-futur. F'Jannar wasal id-dawl professjonali li tant kien ilu mistenni grazzi għall-fondi mill-Unjoni Ewropea. Niftakar lil Steven jgħid li kien qed iħossu qisu tifel żgħir dakinhar tal-Milied, hu u jiftaħ il-kaxxi bl-apparat differenti tad-dawl ġo fihom għall-ewwel darba. Sistemà avvanzata li żżanżnet fil-programm mużikali 'Mill-Bandisti għall-Membri' li ttella' mis-Soċjetà għall-Katedra ta' San Pietru.

Minn hemm bdiet it-triq għall-Ġimgħa Mqaddsa li hija l-qofol tax-xogħol li jwettaq dan il-grupp. Saru ħafna props ġodda kif ukoll ilbies u aċċessorji oħra biex ikomplu jsebbħu l-karattri fuq il-palk. Grazzi speċjali lil Walter u Sue Pace tal-kontribut tagħhom f'dan il-qasam. Sfortunatament, ma stajniex intellgħu l-iscript li tant kien għall-qalb Steven u li tant kien kburi bih minħabba l-ammont kbir ta' atturi li jirrikjedi. Minkejja dan l-ostaklu, xorta waħda komplejna għaddejjin u minflok iddeċidejna li ntellgħu l-iscript tal-2024 b'xi tibdiliet. L-isem magħżul minn Steven għad-dramm kien 'L-Id Imdemmija'. Il-provi mxew tajjeb u s-sala trasformajniha f'teatru biex bejn it-13 u s-17 t'April tellajna tlett rappreżentazzjonijet ta' livell għoli li ntlaqgħu tajjeb ħafna mill-poplu ta' Birżebbuġa. Dan grazzi għad-direttur, il-membri tal-grupp, l-atturi, is-sezzjonijet diversi tas-Socjeta, l-isponsors u dawk kollha li tawna kwalunkwe għajnuna li kellna bżonn biex tellajna dan id-dramm tal-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

Sfortunament, fit-18 t'April, propju fil-jum tal-mewt tal-Mulej u qabel l-aħħar rappreżentazzjoni, qomna għall-aħbar kerha li d-direttur, kif ukoll il-moħħ u l-enerġija wara kollox li kien iwettaq dan il-grupp, u aktar minn hekk il-ħabib taghna, Steven, kien ħalla din id-dinja. Xokk kbir li ħasadna lkoll. Steven... li kull idea ta' dan il-grupp kienet toħroġ mingħandu u li ħafna mid-drabi kien iwettaqha hu b'idejh stess. Steven... li kien bniedem ġenwin u ta' kapacità f'kull aspett fejn tidħol direzzjoni, reċtar, mużika u dawl, xogħol bil-għodda kif ukoll editing fuq il-kompjuter. Steven... li kulma kien iwettaq kien jagħmlu b'determinazzjoni kbira, kollox b'imħabba lejn is-Soċjetà, tant li kellu l-ħila jgħaqqad il-membri varji tal-każin biex jaħdmu flimkien għall-għan wieħed.

Dakinhar stess ingħatajna ħafna għajnuna biex iżżarma l-palk, u apparti l-kliem ta' konsolazzjoni li rċevejna, il-fraži fuq fomm kulħadd kienet waħda: "Issa tridu tibqgħu għaddejjin għax hekk ikun irid Steven". Bla dubju, it-triq 'il quddiem se tkun ħafna aktar diffiċli mingħajr Steven imma aħna ċerti li se nibqgħu għaddejjin. Żewġ ħolmiet ta' Steven, li anke semma' fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra, kienu d-dawl u li jkollna palk tagħna li jiżżarma. Il-ħolma tad-dawl intlaħqet u jekk Alla jrid, sas-sena li ġejja nittamaw li jkollna l-palk tagħna. Apparti minn hekk, diġà bdew il-preparamenti biex fil-Ġimgħa Mqaddsa tal-2026, tittella' l-iscript li hu l-aħħar kitba ta' Steven u li tant xtaq li jidderiġi hu stess. Sfortunament, la laħaq iddereġi dan id-dramm u lanqas rah iseħħ fuq il-palk. Aħna se nagħmlu ħilitna kollha biex intellgħu dan l-iscript ad unur Steven u għalhekk minn issa qed nagħmlu sejħa lill-atturi biex meta jasal iż-żmien insibu l-appoġġ tagħhom biex dan ikun possibli.

Il-ħidma se tkompli. Il-grupp baqa' jikber fil-membri kif ukoll fl-iscripts ġodda, kitba tad-diretttur suċċessur Klein De Bono. F'moħħna għandna wkoll biex fil-ġejjieni ntellgħu xi rappreżentazzjonijiet oħrajn barra fi żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa. Dan kollu bis-saħħa tal-għaqda u l-ħbiberija ta' bejnietna, u b'imħabba lejn is-Soċjetà u l-Patrun tagħna San Pietru, u bl-ispirazzjoni tal-eks direttur li ħalliena imma li żgur qatt mhu se jkun minsi. Għalik Steven...

Reyhan Vella, Andre Galea, Nathaniel De Bono, Steven Farrugia (+) Klein De Bono, Luca Galea

Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

BABYSKY

Birzebbugia Rd, Birzebbugia
21650407
Notary Zarb Street Attard
27445565

SPICE OF INDIA

Address: 174, Birzebbuga Road.
Birzebbuga.

Mobile: 9900 4280

MARIO TA' BUĠIA

Panel Beating and Spray Painting
Insurance Approved
Triq Bir id-Deheb, Hal Ghaxaq
(near Art il-Missier)

Contact:
9925 6765

HOME IMPROVEMENT
Charlie's
DIY & CONSTRUCTION

TRIQ IL-GĦODDA, BIRŻEBBUĠA
TEL. 2165 0021 MOB. 7965 0021
Find us on

STYLING STATION BY MARIO

Mario Theuma
Hair Stylist

59, Zaren Dalli Street,
Birzebbuga BBG 1523, Malta
Tel:(356) 79653981 / (356) 27653986
Email: styling59@gmail.com

B2M

The lowest prices on the island!!!

Tombla Tickets • Tal-Prima
Cloakroom Tickets •
Tal-Fiera X2 X3 X5

Mob: 9944 1246

Tislima lill-Ħabib Tagħna Steven

Klein De Bono

Għadni ma nistax nemmen. Aħbar li ħasditni u xxukjatni. Li nitlef ħabib kbir bħal Steven hija xi ħaġa li qatt ma mmaġinajt li naffaċċja, u l-uġiegħ ta' qalb, għax naf li qatt mhu ser nerġa' narah, huwa kbir u diffiċli taċċettah.

Steven ma kienx sempliċiment ħabib biss. Kien il-persuna li għen lili u lil ħija niskopru l-imħabba tagħna għar-reċtar fuq il-palk. Kellna tmien snin biss meta rreċtajna flimkien miegħu għall-ewwel darba. Hija memorja li ma ninsa qatt; Steven, is-soltu fil-parti ta' Ġuda li tant kienet għal qalbu. Il-passjoni tiegħu għall-palk u l-gwida tiegħu sawru mhux biss l-imħabba tagħna għar-reċtar imma ta' ħafna oħrajn ukoll. Kien bniedem li l-kapaċitajiet u l-ambizonijiet tiegħu fejn jidħol il-palk kienu ħafna, wieħed ma jistax ma jsemmix li hu kien wieħed mill-imħuħ ewlenin li jibda' jittella dramm fuq il-passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu ġewwa l-każin tagħna. Idea li twieldet minn diskursata bejn erbat iħbieb, fosthom Steven, fil-bottegin tal-każin stess. Idea li l-każin għadu jwettaq sal-lum. Steven dejjem sab mod kif dan id-dramm iżewqu b' ideat u bi ħsibijiet ġodda kull sena, biex b'hekk l-interess u l-kwalità jibqgħu dejjem konsistenti. Dan jidher biċ-ċar mill-ħafna skripts li kiteb hu, li b'xi mod jew ieħor kollha kienu differenti minn xulxin u kif ukoll minn ideat bħal meta kien idderieġa l-filming tad-dramm tal-passjoni ta' Kristu f'diversi postijiet madwar Malta b'kollaborazzjoni ma' atturi u bosta nies oħrajn mill-każin stess li b'xi mod jew ieħor għenu u kienu importanti biex din tkun tista' ssir.

Il-kapaċitajiet tiegħu fejn jidħol il-palk wasslu biex Steven iwettaq ħolma oħra minn tiegħu. Din kienet li jitwaqqaf grupp fil-każin li jkun iffukat fuq dan l-għan. Wara li tkellem ma' xi ħbieb minn tiegħu, flimkien iddeċidew li din isir u bejniethom waqqfu l-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar. Steven kien iddeċieda li l-grupp jieħu dan l-isem minħabba li l-każin kien twaqqaf fl-14 ta' Jannar

1990. L-ewwel produzzjoni li dderieġa Steven f'isem dan il-grupp kien id-dramm Filumena Marturano, kitba ta' Eduardo De Filippo. Proġett ambizzjuż u diffiċli però kienet xewqa oħra ta' Steven li saret realta bil-kapaċita tiegħu u ta' kull min għamel il-parti tiegħu, kemm bħala attur u kif ukoll f'irwoli oħra importanti wara l-kwinti.

Lil hinn mill-palk, Steven kellu mħabba profonda għall-każin tal-banda Soċjeta' Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990. Il-każin tal-banda kien it-tieni familja tiegħu. Kien wieħed mill-membri tal-bidu li ra l-każin jikber u ħadem f'diversi sezzjonijiet biex il-każin ikompli jifjorixxi. Kien ukoll fil-Kumitat Eżekuttiv u għal xi żmien serva bħala PRO tas-soċjeta'. Mit-tfassil ta' posters, gears u t-shirts li kien jagħmel għall-festa, Steven ta ruħu u qalbu għal dak kollu li kien jagħmel, dejjem b'passjoni inkredibbli. Ġieli għen ukoll fil-BBQ li jsir fit-triq quddiem il-każin annwalment fi żmien il-festa. L-imħabba tiegħu lejn il-każin kienet imqabbla biss mad-devozzjoni tiegħu lejn San Pietru l-Patrun tagħna u l-Madonna tal-Karmnu, li kien iqimhom ħafna, kif ukoll mal-imħabba li kellu għal raħal twelidu, Birżebbuġa. Dawn kienu affarijiet li għamluh il-persuna li bosta tant kienu jgħożżu fil-ħbiberija li kellhom miegħu.

It-telfa ta' Steven hija waħda li l-każin se jħoss għas-snin li ġejjin. Huwa diffiċli li timmaġina tixrob u tidħak fil-każin mingħajru hemmhekk, u jkanta waqt il-karaoke. Il-festa mhux ħa tkun l-istess mingħajru u lanqas id-dramm tal-passjoni fil-Ġimgħa Mqaddsa. Għadni nara wiċċu, mimli enerġija, jgħin fil-preparazzjoni għad-dramm ta' din is-sena, jorganizza props, u jiżgura li kollox ikun perfett. Dawk is-Sibtijiet filgħodu li jien, flimkien ma' sħabi tal-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar, qattajna miegħu, nidħku, nagħmlu l-kostumi, u ngħaqqdu kollox flimkien għad-dramm tal-Ġimgħa l-Kbira, huma memorji li nżomm qrib għal dejjem. Kien bniedem kreattiv ħafna u dedikat immens f'dak kollu li kien jidħol għalih u xejn ma kien jaqtagħlu qalbu. Dik kienet ħaġa li dejjem ammirajt fih.

Apparti minn hekk Steven kien karattru uniku, kellu personalità ferriħija u dejjem kien jaf kif jagħmel biex kulħadd iħossu inkluż, partikolament atturi ġodda li bdew jirreċtaw miegħu riċentament. Moħħu dejjem kien jaħseb għal futur u dejjem kien jara kif ħa jrawwem nies ġodda fejn jidħol il-palk bil-għan li l-ħolma tiegħu u tal-Grupp Teatrali tkompli tul is-snin.

Tinkwieta xejn ħabib, il-ħolma tiegħek mhux ser tieqaf hawn, ser tkompli. Id-determinazzoni kbira li kellek se ttina l-enerġija biex dan ikun jista' jseħħ. Dan huwa l-isbaħ mod kif nistgħu nsellmu u nonoraw il-memorja tiegħek u l-ġid li wettaqt. Anke jekk m'għadekx hawn, il-memorji li ħallejt warajk qatt mhu se jisparixxu. Memorji li jgħaddi kemm jgħaddi żmien ħadd ma jista' jneħħihom. Id-daħk tiegħek, il-kreattività tiegħek u l-imħabba tiegħek għad-drama, għall-każin u għall-festa se jibqgħu magħna għal dejjem. Tassew kont bniedem li l-preżenza tiegħek qatt ma tista' tiġi sostitwita.

M'għadekx magħna imma qatt mhu ħa tkun minsi. Sakemm nerġgħu niltaqgħu. Grazzi Steven... Grazzi ħabib, ta' kollox.



WATER'S EDGE
MALTA

WATER'S EDGE HOTEL
SUMMIT SQUARE,
BIRŻEBBUGA BBG2310, MALTA

T: +356 2165 0036
E: paul.vella@polidano-group.co
www.watersedge.com

IL-FESTA T-TAJBA
GAWDI L-FESTA U ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK

EVITA S-SĦANA
Ibqa' ġewwa u oqgħod f'post għall-frisk fl-iktar parti sħuna tal-ġurnata.

IXROB TA' SPISS
Ixrob ilma b'mod regolari, anki meta ma tkunx bil-għatx. Evita l-alkoħol u l-kaffeina.

KUL IKEL ĦAFIF U FRISK
Kul ikel ħafif u b'kontenut għoli ta' ilma, bħall-insalati u l-frott.

ŻOMM DAREK FRISKA
Agħlaq it-twieqi u l-blinds/purtieri matul il-jum u iftaħhom meta x-xemx tkun inqas qawwija.

IPPROTEĠI RUĦEK MIX-XEMX
Ilbes ħafif, imxi fid-dell, indilek b'sunscreen, u ilbes kappell jekk se toħroġ barra.

EŻERĊIZZJU FIL-FRISK
L-eżerċizzju fiżiku ippjanah minn qabel u agħżel ħinijiet li fihom ix-xemx tkun inqas qalila. Evita li tagħmel l-eżerċizzju bejn il-11 AM u l-4 PM meta x-xemx tkun fl-aqwa tagħha.

NIEĦDU ĦSIEB XULXIN
Niftakru fl-anzjani, it-tfal, u f'dawk li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi.

FITTEX GĦAJNUNA MEDIKA
Jekk kawża tas-sħana qed thoss sintomi bħal sturdament, dardir, tirremetti u uġigħ fil-muskoli, ċempel fuq 21 231 231.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA
U L-ANZJANITÀ ATTIVA

BEAT THE HEAT

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

Casual 78

Casual wear, Underwear & Sportswear

Prop. Raymond Brincat

NIKE rider grendha

www.grendene.com.br
export@gredene.com.br

Pretty Bay, Birżebbuġa

T: 2165 8447
M: 9942 4570

Charlie's
MOTORING SCHOOL

WHITE LODGE, TRIQ TAL-QATTUS, GHAXAQ

TEL: 2180 9397 • TEL: 9947 2808

Inkomplu Nsebbħu l-Ġawhra tal-Patrun

Simon Micallef
Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin

Bl-għajnuna t'Alla waslet festa oħra għad unur il-Patrun tagħna San Pietru. Il-Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin għal darba oħra kellha sena ta ħidma, ħidma biex, meta jkun il-waqt, dak li nkunu daħħalna mill-Coffee Mornings u attivitajiet oħra jissarraf f'xi ħaġa li biha nkomplu nsebbħu l-każin. Għal din il-festa mhux se ninawguraw xejn, imma diġà għandna l-pjanijiet lesti biex għall-festa oħra jkollna lest il-proġett li jmiss. Bħalissa għadna fil-fazi inizjali tiegħu u meta jkollna kollox ikonfermat aħna inwegħdukom illi inħabbrulkom, b'kollox iddettaljat.

Matul din is-sena il-Kummissjoni tat is-sehem tagħha kull meta kien hemm il-bżonn u anki rrappreżentat lis-Soċjetà diversi drabi permezz taċ-Chairman Anthony Camilleri u xi membri oħra tal-Kummissjoni għal xi stediniet li din ikollha matul is-sena.

Kummissjoni Tisbiħ tal-Kazin din is-sena għalqet 10 snin, f'dawn l-għaxar snin komplejna nsebbħu s-sede tagħna, b'mod partikolari is-Sala Anthony Camilleri b'sett ta pitturi mill-ħajja ta' San Pietru.

Oriġinarjament din il-Kummissjoni twaqqfet biex tieħu hsieb l-attivitajiet li kienu saru għall- okkażjoni tal-25 sena anniversarju, iżda meta għadda dan l-avveniment, il-Membri tal-Kummissjoni kienu qablu li nkomplu u nħolqot din il-Kummissjoni.

Il-kummissjoni Tisbiħ tal-Każin tirringrazzja lill-Kumitat Ċentrali illi għal tul dawn l-10 snin dejjem wera fiduċja fina, lil dawk kollha li jattendu l-Coffee Mornings u l-attivitajiet li nagħmlu, lis-Sinjura Yvonne Galea illi dejjem kienet disponibbli bl-għajnuna tagħha u lil dawk kollha li xi darba jew oħra kienu ta għajnuna, kemm manwali, finanzjara jew ta' konsulenza.

Kif ilkoll tafu aħna m'aħniex żgħar, pero inwegħdukom li sakem il-Mulej u San Pietru jagħtuna s-saħħa aħna ser inkomplu naħdmu biex inkomplu nsebbħu din il-Ġawhra ta' Każin li għandna.

Viva San Pietru u l-festa it-tajba lil kulħadd.
Kummissjoni Tisbiħ tal-Każin

Bilwieqfa mix-Xellug għal-Lemin: Desmond Kind, Charlie Theuma, Emmanuel Mangion
Bilqiegħda mix-Xellug għal-Lemin: Simon Micallef, Anthony Camilleri, Paul Zammit
Nieqes mir-ritratt: Emanuel Ebejer

Messaġġ mis-Surmast Direttur tal-Banda

Mro Michael Bugelli A.T.C.L.

Is-Surmast Direttur

Reġgħet waslet festa oħra. Din hija l-35 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà u tiegħi bħala direttur mużikali ta' din il-banda. Tiskanta kif igerbeb iż-żmien. Matul dawn is-snin is-Soċjetà u l-banda tagħna għamlet affarijiet kbar. Dejjem ikun fadal x'tagħmel u fejn wieħed javvanza, imma għall- grazzja tal-ħanin Alla, is-Soċjetà tagħna baqgħet għaddejja u dejjem baqgħet tiġbed nies ġodda.

Bħal kull sena s-Soċjetà qed torganizza l-festa tagħha, b'marċi sbieħ u żgur mhux se ninsa nsemmi l-programm mużikali li ta' kull sena ntellgħu f'Misraħ il-Knisja. Inħeġġiġkom tattendu u ttikkonfermaw postkom. Se jkollna programm sabiħ b'mużika interessanti li għandha tolqot il- gosti ta' kulħadd. Fost il-mużika sabiħa li se nippreżentawlkom, hemm ukoll l-Innu l-Kbir 'Tu Es Petrus', innu wisq maħbub u mistenni mill-partitarji tagħna. Din is-sena, barra li qed infakkru l- 35 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà tagħna, qed infakkru wkoll il-25 sena minn mindu daqqejna dan l-Innu l-Kbir għall-ewwel darba fi Frar 2000 fl-Awditorjum Sir Temi Żammit fl-Università ta' Malta, wieħed mill-mumenti l-aktar storiċi u importanti fl-istorja tas-Soċjetà tagħna.

Mill-aħħar festa sal-lum tellgħajna diversi marċi u programmi. Apparti s-servizzi ta' Ħal Safi fejn daqqejna l-Innu l-Kbir 'Is-Sejħa', fil-Milied, tellgħajna wkoll il-programm annwali tal-Milied, u mbagħad fi Frar tellgħajna l-Programm annwali 'Mill-Bandisti Għall-Membri'. Fi żmien ir-Randan tellgħajna wkoll il-programm annwali sabiħ tal-Ġimgħa Mqaddsa 'Virgini Perdolenti' fil-Kappella antika ta' San Ġorġ u fil-ftuħ tal-istaġun tal-festi għamilna marċ u programm il-Furjana fl- okkażjoni tal-festa ta' San Publju. Dan apparti sensiela twila ta' servizzi mużikali f'numru sabiħ ta' festi fl-irħula Maltin.

Ħafna baned jidhru li rpiljaw sew mill-COVID 19 'l hawn. Dan huwa sinjal tajjeb ħafna. In-nies għadha interessata fil-festi. In-nies għadha interessata li tidentifika ruħha ma' għaqda mużikali. Bħalma jiġri dejjem, fil-każini ssib diversi oqsma u kulħadd jara biss il-qasam li jogħġob lilu. Hija r-responsabbilta ta' kull Kumitat Eżekuttiv li jiġbed ir-riedni u jeduka lill-membri tiegħu li l-banda tibqa' dejjem l-ewwel priorita, bil-bandisti tal-post li jiffurmaw it-tim uffiċċjali tas-Soċjetà, bħalma klabb tal-futbol ikollu t-tim uffiċjali tal-plejers. Kull Kumitat irid jifhem li taħt idu għandu r-responsabbiltà ta' mużiċisti tfal u żgħażagħ b'uħud minnhom b'talent kbir. Nispera li n-nies tal- Kumitat jifhmu x'responsabbiltà kbira għandhom, għax xi kultant meta wieħed jidħol fil-Kumitat ħsibijietu jkunu biss fil-festa. Il-banda hija xi ħaġa delikata. Żball wieħed; deċiżjoni ħażina; jew attitudni għal kollox żbaljata, u dak li tkun bnejt fuq numru ta' snin, jisfaxxa f'sekonda. Il-banda titlob investiment. M'hemmx triq tan-nofs. Fil-banda, jew tagħmel l-affarijiet kif suppost jew inkella tagħmel xejn. Jekk l-affarijiet ma jsirux b'serjetà u b'investiment kif suppost, din titkisser, u mbagħad trid tibki biex terġa' ġġibha lura kif kienet. Taħsbux li qed nivvinta jew ngħaġġibhom. Hekk jiġri jekk il-baned ma joqogħdux attenti. Il-konsegwenzi huma koroh ħafna.

Nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nappella lin-nies ta' Birżebbuġa biex jiġu u jakkumpanjaw il- banda kull fejn din tkun qed iddoqq. Inħeġġiġkom biex iġġibu magħkom lill-uliedkom ħalli b'hekk inħajru aktar tfal u żgħażagħ jersqu lejn it-tagħlim tal-mużika li tipprovdi s-Soċjetà tagħna. Kull min huwa interessat li jitgħallem jew li jibgħat lill-uliedu jitgħallmu, javviċina lil xi ħadd minn tal- Kumitat jew mis-Sezzjoni Banda. Nawgura l-festa t-tajba lill-Birżebbuġin kollha u nitlob lil San Pietru jeħlisna minn kull tiġrib.



Il-Mużika: Beneficċji Biss

Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM
L-Assistent Surmast Direttur u Għalliem tat-Teorija u l-Prattika Mużikali

Għeżież Petrini Birżebbuġin u Qarrejja

Iż-żmien kompla jgerbeb u għal darba oħra wasalna għall-festa tal-Appostlu Missierna San Pietru, patrun u protettur ewlieni tagħna, ulied Birżebbuġa. Minn din is-sena ma ninsabx fl-ewwel paġni ta' din il-pubblikazzjoni wara deċiżjoni li kont kostrett nieħu għall-ġid tiegħi personali, imma fuq kollox għall-ġid tas-Soċjetà li tant inħobb. F'temp ta' sentejn, żdiedu diversi l-impenji mużikali, u aktar kmieni din is-sena komplejt ninħatar Surmast Direttur ta' aktar knejjes u issa anke banda ta' raħal ieħor; flimkien ma' dawn l-impenji hemm ix-xogħol, l-impenji tal-familja, l-istudju, kollox ma' kollox. Ġejt kostrett u għalhekk fi tmiem April, b'responsabbiltà fhimt illi aħjar jekk minn rajja nagħti spazju lil ħaddieħor, l-ewwel nett sabiex ma nkunx iffullat bl-impenji fl-aktar xahar illi nkun impenjat, Lulju u aktar minn hekk sabiex is-Soċjetà ma jkollhiex editur illi ma jkunx jista' jaqdi dmiru bl-aħjar mod. Nemmen illi kif jgħid il-Malti, 'imut Papa, jilħaq ieħor', u minkejja li warrabt ftit, ma jfissirx illi m'iniex se nagħti aktar sehmi fis-Soċjetà jew li għandi xi differenzi mas-Soċjetà. Tutt'altro!

Nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor ħadem miegħi. Naf illi kont esiġenti ħafna, speċjalment fejn kienu involuti deadlines. Dan qatt ma għamiltu b'nuqqas ta' rispett, imma tant kemm kelli x-xewqa li s-Soċjetà jkollha l-aqwa pubblikazzjoni, illi b'wiċċi minn quddiem ngħid illi f'Birżebbuġa dejjem kellna l-aħjar pubblikazzjoni... u ninsab ċert illi hekk se tibqa'!

Tagħlim ta' Kwalità

Issa ili ngħallem fi ħdan is-Soċjetà mis-sena 2018 u ili nokkupa wkoll il-kariga ta' Assistent Surmast mis-sena 2020, ħames snin diġà! Matul dawn is-snin għallimna u qed ngħallmu u llum bi kburija ngħid illi għandi 27 alliev, kollha jekk Alla jrid bandisti futuri tas-Soċjetà tagħna. Jekk Alla jrid ukoll, matul din is-sena aktar allievi se jkunu qegħdin jitressqu għall-eżamijiet tal-London College of Music, imma dan se jkun qed isir f'Novembru li ġej. Mhux minn Birżebbuġa biss qegħdin jattendu grupp sabiħ ta' beginners. Dawn jiġu mgħallma fuq is-sillabu ta' Orff u l-pedagoġija ta' Kodàly bl-istil ta' Music is Fun. Fl-istess waqt qegħdin jagħmlu s-sillabu tal-Grad Preliminari tal-Medina College of Music.

B'ferħ kbir, din is-sena se jkun qed jingħaqad mal-banda tagħna Liam Braden Desira bil-kurunetta. Merħba Liam u grazzi lilek u lill-familja tiegħek illi għażiltu s-Soċjetà tagħna sabiex tistudjaw l-arti sabiħa tal-mużika.

Nappella

Illum illi jien edukatur u ili f'dan is-settur tat-tagħlim tmintax-il sena, inħossni f'pożizzjoni li b'mod ġenerali nappella lill-għaqdiet mużikali ta' pajjiżna sabiex jieħdu ħsieb it-tagħlim mużikali. Qatt ma huwa biżżejjed! Qed nagħmel dan l-appell tant kemm għandi għal qalbi t-tagħlim u l-bandisti tal-post. Kultant nidher illi jien antikwat, għax kull meta nitkellem dwar il-każini tal-baned nibqa' nsostni kemm l-ewwel punt ta' kull soċjetà mużikali hija t-tagħlim tal-mużika. Fil-każ tas-Soċjetà tagħna, b'wiċċna minn quddiem ngħidu li mhux kull każin f'Malta u Għawdex għandu l-unur illi jkollu daqstant allievi, jiġifieri l-metodi tat-tagħlim tagħna qed jingħoġbu. U dan huwa l-appell tiegħi lil kull soċjetà mużikali. Lill-allievi ejjew nesponuhom, ejjew inpoġġuhom fil-banda meta naraw illi qed joqorbu. Billi nħalluhom jitgħallmu u jitgħallmu mingħajr ma nesponuhom inkunu qegħdin nitilfuhom. U iva, billi jagħmlu xi żbalji? Mhux kulħadd irid jibda minn xi mkien? Ili 33 sena ndoqq u għadni nagħmel l-iżbalji! Ili 18-il sena ngħallem u għad fadalli x'nitgħallem! Ejjew inħalluhom jiżbaljaw! Dejjem nikkoreġu, għax il-korrezzjoni hija parti mit-tagħlim, imma nikkoreġu dejjem bir-rispett. Ejjew nisimgħuhom, ejjew nagħtuhom iċ-ċans. L-aktar illi nitgħallem huwa mill-istudenti tiegħi, kull fejn ngħallem u kull fejn immexxi. Tiskanta, kultant tifel joħroġlok b'mistoqsija jew bi proposta li tibqa' ċċassat. Billi nisimgħuhom u nistaqsuhom nuru kemm qegħdin nagħtu kashom u jħosshom importanti għas-soċjetà li jkunu qegħdin jistudjaw magħha.

X'suġġerimenti għandhom għat-tagħlim? X'suġġerimenti għandhom għall-banda? Fejn jistgħu jgħinu? Min jista' jgħin ħalli norganizzaw xi attività soċjali flimkien? Inkunu qegħdin nisimgħuhom u nagħtu kashom. Waħda mill-inizjattivi li nħobb nuża hija li nqabbad lil kull student jikteb biċċa mużika qasira, ritmu biss. Kulħadd jikteb hu, waħdu, jesplora. Imbagħad ilkoll naqbdu strument tal-perkussjoni, aħna l-kbar ukoll u ndoqqu dak ir-ritmu li kitbu.

U b'hekk jiżdied u jikber it-tagħlim. Tpaxxejt meta fil-Milied ngħaqdu magħna l-allievi kważi kollha tas-Soċjetà. Xtaqt ukoll illi f'Mejju jew Ġunju nerġgħu ntellgħu l-kunċertin tal-allievi, imma għal xi raġunijiet ma rnexxilniex. Jekk Alla jrid, dan se jkun qed isir il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru. Kull membru u partitarju għandu jara li jkun preżenti sabiex jagħti l-appoġġ lill-allievi tagħna li qed jistudjaw il-mużika.

Għaliex Nistudjaw il-Mużika?

L-ewwel ħaġa li nistaqsi lill-allievi, jekk ikollhom ċerta età hija propju din il-mistoqsija. Tiskanta kemm joħorġu bi tweġibiet interessanti. Min għax irid iġib l-O Level jew l-A Level; min għax irid idoqq mal-banda, min għax irid idoqq fil-marċ, min għax irid jaqla' l-flus, min għax iħobb l-arti, min għax iħobb il-mużika u l-bqija... Xi tweġiba bħal 'għax hekk tridni l-mummy' ġieli kelli wkoll. Mistoqsija li qatt ma ninsa hija meta kont ngħallem f'soċjetà oħra u missier tifel ġie biex jibda jitgħallem it-trumbun u qalli: 'Għall-Ġimgħa l-Kbira joħroġ?' Għedtlu jekk Alla jrid, għall-Ġimgħa l-Kbira joħroġ, imma mhux tas-sena d-dieħla. M'hemmx bżonn ngħidilkom illi t-trumbun baqa' fil-bagalja fil-kamra tat-tagħlim... għall-moffa.

Imma fil-verità, x'hemm fil-mużika li jiġbidna tant? Faċli! Ir-ritmu, il-melodija, is-sentiment, l-emozzjoni, il-lingwa. Hija l-lingwa li kulħadd jifhem imma mhux kulħadd kapaċi jitkellimha. Apparti bil-Malti u bl-Ingliż, inġaħġaħ naqra bil-Latin u bit-Taljan ma nifhem xejn, imma l-mużika għandha dak l-effett, illi għalkemm ma nafx nitkellimha (ma nafx indoqq, ma nafx it-teorija tagħha), kapaċi tħallili dak l-effett f'moħħi, iżda fuq kollox, f'qalbi.

Saru bosta studji matul is-snin dwar il-benefiċċji mużikali. Sir Simon Hornby (1934-2010) jisħaq illi l-wild li jiġi espost għall-mużika minn età tenera jiżviluppa l-konċentrazzjoni u l-fehim tal-forma u l-istruttura fil-lingwi u xjenzi. Hekk ukoll Sir Richard Greenbury (1936-2017) jemmen illi d-dmir tagħna l-kbar huwa li nesponu lil uliedna għall-arti mużikali kemm jista' jkun kmieni fil-ħajja għax l-edukazzjoni fl-arti liberali u immaġinattiva tgħin fil-kreattività u immaġinazzjoni. Dawn kienu biss żewġ individwi. Jekk immorru lura għall-filosfu Platun, dan kien jemmen illi jekk l-individwu jkun imħarreġ tajjeb, il-mużika, bir-ritmu u l-armonija tagħha tieħu l-kontroll ta' ruħ il-persuna u tagħniha bil-ferħ u l-grazzji.

U mhux dak illi jwassalna sabiex nibqgħu ngħallmu fis-Soċjetà u naraw illi l-allievi tagħna ma jkun jonqoshom xejn?

Lejn il-Festa Titulari

Issa ejjew inħarsu lejn il-festa titulari ta' Missierna San Pietru Appostlu. Minn qalbi nawgura kull suċċess mhux biss lill-Banda Birżebbuġa, imma lil kull kummissjoni, lil kull membru u lil kull partitarju. Ejja ma ninsewx illi aħna, naħdmu f'liema qasam naħdmu fis-Soċjetà, aħna ulied l-istess soċjetà, u għalhekk irridu napprezzaw il-ħidma ta' kulħadd! Ejjew nattendu bi ħġarna għall-marċi brijuži u l-wirjiet piroteknici, id-diskows u kull ħaġa li norganizzaw bħala Soċjetà. Imma ejjew ukoll naraw illi nkunu preżenti għall-kunċert annwali fuq il-planċier, aktar u aktar din is-sena, għeluq il-35 sena tas-Soċjetà u se jindaqq ukoll l-innu l-kbir Tu Es Petrus, opra lirika tal-poeta Joe Julian Farrugia u monument mużikali tas-surmast Ray Sciberras. Din is-sena, dan l-innu qed jagħlaq 25 sena minn meta kien esegwit l-ewwel darba fl-Università ta' Malta, fis-sena 2000.

Għeluq

Grazzi lilkom ilkoll, mill-President, il-Kumitat kollu, il-Kummissjoni Banda, id-Delegati tal-Banda, is-Sezzjonijiet, intom il-membri, partitarji, bandisti, allievi u l-familji tagħkom. Grazzi lill-ġenituri li jġibu lil uliedhom jitgħallmu u tal-paċenzja li tieħdu bina. Ibqgħu ejjew u ħeġġu lil min jiġi. Hawn issibu familja li tilqagħkom, tifhimkom, tgħallimkom u tieħu gost magħkom.

Grazzi lilek ukoll, Surmast Michael Bugelli u awguri għal dawn il-35 sena fit-tmexxija tal-Banda Birżebbuġa. Grazzi ta' kollox Surmast! Inti Ilum parti intrinsika mill-ħajja tas-Soċjetà tagħna.

Minn qalbi nawguralkom l-isbaħ xewqat għal festa mill-isbaħ f'ġieħ l-Appostlu Missierna San Pietru, l-għaxqa ta' qalbna. Ejjew infaħħruh għax hekk jixraqlu. Il-festa t-tajba lil kulħadd!

Viva l-Appostlu Missierna San Pietru!
Viva s-Soċjetà Filarmonika San Pietru!
Viva l-Banda Birżebbuġa – tal-Iljun!

Man-Noti tal-Għalliem tal-Allievi

Ludwig N. Desira

Għaddiet sena oħra fejn l-impenn fil-qasam mużikali ma waqaf xejn. Kellna sena impenjattiva minn fejn bdejna fil-Milied b'kunċert bl-allievi u bandisti tal-post għal dan iż-żmien ferrieħ. Kif ukoll għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa bi programm mużikali ġewwa l-kappella ta' San Ġorġ.

Inħeġġeġ lill-familji ta' Birżebbuġa sabiex jinkoraġġixxu lit-tfal jitgħallmu strument. Dan isir ġewwa s-Sede tal-Banda Birżebbuġa matul is-sena kollha. It-tagħlim professjonali tal-mużika jsir bla ħlas fit-teorija kif ukoll fuq l-istrumenti tal-qasba u tar-ramm minn surmastrijiet kwalifikati. Dawn l-istudenti anke tressqu għall-eżamijiet barranin fejn anke kisbu riżultati sodisfaċenti ħafna. Għal min hu interessat, kull ma tridu tagħmlu huwa li tersqu lejn xi membru tal-kumitat.

Nixtieq li nawgura l-festa t-tajba lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa

Viva San Pietru



Programm Mużikali, Vokali, Korali u Strumentali Banda Birżebbuġa Festa 2025

Innu – Innu Popolari lil San Pietru – Carmelo Pace - Dun Frans Camilleri.
(Ikanta l-Kor Xmun Pietru)

L-**Innu Popolari lil San Pietru Appostlu** ġie kompost minn **Mro. Carmelo Pace** fl-1962, fuq kummissjoni tal-kappillan ta' Birżebbuġa ta' dak iż-żmien Dun Ġużeppi Minuri, b'versi miktuba minn **Dun Frans Camilleri**. Dan l-innu huwa parti integrali mill-festa tagħna ta' **San Pietru fil-Ktajjen**, il-qaddis patrun ta' **Birżebbuġa**.




Overture (Pop) - The Barber of Seville – Rossini arr. Jirka Kadlec

L-opra komika "Il Barbiere di Siviglia" hija waħda mill-aktar opri magħrufa u maħbuba tal-kompożitur Taljan Gioachino Rossini. L-arranġament ta' Jirka Kadlec għall-banda jgħaqqad brillanza klassika ma' vitalità ritmika li tiġbed l-attenzjoni tal-udjenza minnufih. Il-biċċa tibda b'introduzzjoni drammatika, iżda malajr tinbidel f'mużika dinamika, b'pass mgħaġġel, u frażijiet melodiċi allegri u medorni li jirriflettu l-personalità vivaċi ta' Figaro, il-barbier ħabrieki u għaqli tal-istorja. F'din is-silta naraw il-kapaċità tal-arranġatur li jgħaqqad temi klassiċi ma' idjoma moderna. L-istess jingħad għall-banda tagħna, li se turi l-kapaċita li tinterpreta overture ta' opra klassika f'libsa u tessitura moderna, ħaġa li titlob teknika tajba fir-reġistri għoljin tal-istrumenti tar-ramm u interpretazzjoni tajba ta' tqassim mużikali modern u sinkupat.

Pop Overture – Odilia – Jacob de Haan

"Odilia" hija overture moderna f'forma ta' stil pop, miktuba speċifikament għall-banda minn **Jacob de Haan**, wieħed mill-aktar kompożituri kontemporanji rinomati fid-dinja tal-baned. Din il-biċċa tgħaqqad elementi mużikali moderni ma' melodiji armonjużi u strutturi tradizzjonali biex b'hekk tinħoloq taħlita ta' mużika elaborata u sabiħa fl-istess ħin. Il-kompożitur jispira ruħu minn figura leġġendarja Ġermanika: **Santa Odilia**, il-qaddisa protettriċi tal-għomja u dawk b'problemi fl-għajnejn. Għalkemm il-biċċa mhix narrazzjoni diretta tal-ħajja tagħha, il-melodiji sereni, is-sezzjonijiet riflessivi, u partijiet mużikali li jesprimu tama, kuraġġ, u spiritwalità, jitfgħu dawl fuq it-tema ta' tama ġdida u tiġdid spiritwali. B'passaġġi ritmiċi moderni u użu espressiv tal-kuluri li taf tipproduċi l-banda, "Odilia" tiġbed lil min jismagħha fi vjaġġ emozzjonali, mill-ħsieb u l-kontemplazzjoni spiritwali sa temi solenni ta' tama u glorja. Il-biċċa hi eżempju tajjeb ta' kif il-mużika għall-banda tista' tkun relevanti, artistika, u li tilħaq udjenzi kontemporanji.

Marcia Brillante – PierPaolo – Walter Farina

Il-marċ PierPaolo ta' Walter Farina huwa marċ brillanti għall-banda, magħruf għall-istil ritmiku tiegħu. It-ton allegruż u tekniku tiegħu jagħmlu ideali għal-okkażjonijiet bħall-festi, marċi u programmi mużikali. Dan il-marċ ġie interpretat minn diversi baned Taljani: kemm ċivili kif ukoll militari, fosthom il-Banda Ċentrali tal-Aeronautica waqt il-bidla tal-gwardja fil-Palazz tal-President f'Ruma. Riċentement ġie esegwit ukoll mill-Banda Gerolamo Cariglia ta' Vieste. Dan il-marċ jaqa' taħt is-sezzjoni ta' "Marcia Brillante", li tenfasizza n-natura virtwuża u ferrieħa ta' xogħlijiet bħal dawn. Għalkemm m'hemmx ħafna tagħrif formali dwar it-tifsira tat-titlu PierPaolo, huwa possibbli li l-kompożitur Farina iddedikah lil xi ħadd b'dak l-isem, kif jiġri spiss f'dan il-ġeneru. Dan il-marċ, bħall-kompożitur li kitbu, jgawdi rispett partikolari fil-komunità mużikali bandistika.

Soundtrack – Theme from 'Alexander' – Vangelis arr. Karel Chudy.



Din is-silta tinkludi dawn il-partijiet mużikali mill-istess film: Titans; Introduction; Young Alexander; Eternal Alexander; Across The Mountains.

Din is-silta estratta mill-film epiku **"Alexander"** (2004), b'mużika oriġinali miktuba minn **Vangelis**, tirrifletti l-grandezza, id-dilemmi u l-ħsieb profonda li kienu jikkaratterizzaw lill-**Alessandru Manju jew Alessandru l-Kbir**, wieħed mill-aktar strateġisti militari u mexxejja influwenti fl-istorja. Dan l-arranġament ta' **Karel Chudy** għall-banda jinkludi ħames partijiet mużikali distinti mill-istess soundtrack. Dan l-arranġament jiftaħ bit-track '**Titans'** fejn nisimgħu passaġġ b'mużika grandjuża u epika li turi s-saħħa u s-sens ta' kburija tal-imperu li jmexxi Alessandru. Imbagħad fit-track '**Introduction' il-banda tgħaddi għall-**pass aktar kontemplattiv, li jdaħħal lit-telespettatur (u lis-semmiegħ) fid-dinja storika u mistika tal-film. Fit-tielet track, li jismha '**Young Alexander'**, il-banda taqleb għal tema melodika u ħelwa li tpinġi l-innoċenza u l-ħolm ta' Alexander żagħżugħ. Fir-raba' track, '**Eternal Alexander'**, il-banda tgħaddi għall-mużika pass li tpinġi sens ta' immortalità u glorja eterna. L-aħħar track f'din is-siltta hija '**Across the Mountains'**, fejn bil-mużika movimentata u ritmika tagħha, il-banda tirrakkonta l-vjaġġi diffiċli u l-konkwisti ta' Alessandru matul il-kampanji militari tiegħu. B'din il-biċċa, Vangelis u Chudy joffru mhux biss mużika għall-film, imma esperjenza emozzjonali li tgħaqqad it-traġedja u l-kobor ta' figura storika leġġendarja bħalma huwa 'Alessandru Manju'.

Pop Song - Gimme! Gimme! Gimme! (A Man After Midnight) – Abba arr. L.Bocci.
Ikanta l-Kor Xmun Pietru.

Maħruġa fl-1979 mill-grupp ikoniku **ABBA**, **"Gimme! Gimme! Gimme!"** hija waħda mill-kanzunetti l-aktar popolari tagħhom, magħrufa speċjalment għar-ritmi enerġetiċi tagħha u l-melodija prinċipali li mill-ewwel tolqot il-widna. Din is-silta tirrappreżenta l-istil *disco-pop* li għamel lil ABBA grupp mużikali b'timbru u stil uniku minnu nnifsu. F'dan l-arranġament ta' **Lorenzo Bocci**, il-Banda Birżebbuġa se tkun akkumpanjata mill-**Kor Xmun Pietru taħt id-direzzjoni ta' Maestro Christopher Bonnici**. Din il-kanzunetta titkellem dwar xewqa għal iktar imħabba u kumpanija, magħmula f'ton movimentat iżda emozzjonalment sinċier. Il-mużika ta' ABBA, minkejja li hija b'karattru ħafif u divertenti, ħafna drabi ġġorr temi universali li jolqtu lil kulħadd u dan jagħmilha perfetta għall-eżekuzzjoni diretta lill-pubbliku. B'dan l-arranġament, il-pubbliku mhux biss jisma' mużika li jaf u jħobb, imma jesperjenzaha b'mod ġdid, b'forza, b'ħoss u b'emozzjoni li huma karatteristiċi kemm tal-banda kif ukoll tal-kor.

Medley - ABBA in Concert – Abba arr. Heinz Briegel.
Tkanta l-kantanta Riona Degiorgio.



Din is-silta tinkludi dawn il-kanzunetti: S.O.S.; Gimme! Gimme! Gimme! (A Man After Midnight); I Have A Dream; Money, Money, Money; Thank You For The Music.

"ABBA in Concert" hija silta **medley spettakolari** li tiġbor fiha wħud mill-aktar kanzunetti ikoniċi li ħallew marka fid-dinja tal-mużika pop. Arranġat b'ħila kbira minn **Heinz Briegel** għall-banda, din il-biċċa tirrappreżenta ċelebrazzjoni tal-legat mużikali li ħalla l-grupp **ABBA**, grupp Żvediż li baqa' jispira ġenerazzjonijiet sħaħ b'kanzunetti li huma kemm melodikament tal-widna. Il-medley tinkludi dawn il-kanzunetti: '**S.O.S.'**, li hija ballad b'saħħitha dwar relazzjoni li qed tfalli; '**Gimme! Gimme! Gimme! (A Man After Midnight)'** kanzunetta li tesprimi xewqa għall-imħabba f'nofs il-lejl, b'ritmu *disco* b'saħħtu; '**I Have A Dream'**, kanzunetta li tieħu forma ta' innu li jesprimi tama u ottimiżmu; '**Money, Money, Money'**, kanzunetta b'riflessjoni ironika u teatrali dwar l-importanza tal-flus fid-dinja moderna tal-lum; u l-għeluq jasal bil-kanzunetta '**Thank You For The Music' li tagħti** ġieħ l-irwol tal-mużika fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Mal-Banda Birżebbuġa se tingħaqad il-kantanta żagħżugħa **Riona Degiorgio**, li bil-vuċi espressiva u ċara tagħha se tagħti ħajja ġdida lil dawn il-kanzunetti.

Song - Il Canto Della Terra – Sartori-Quarantotto. Arr. Ray Sciberras.
Ikantaw it-Tenur Brian Cefai; is-Sopran Karen Camilleri u l-Kor Xmun Pietru.

"Il Canto Della Terra", li tfisser "Il-Kant tad-Dinja", hija ballad fil-forma epika u passjonata li tgħaqqad il-mużika klassika mal-ġeneru *popera (pop-opera)*, stil magħruf b'mod speċjali grazzi għall-interpretazzjonijiet uniċi ta' **Andrea Bocelli**. Din is-silta, b'mużika ta' **Francesco Sartori** u kliem ta' **Lucio Quarantotto**, hija espressjoni intensa tal-imħabba, tan-natura, u tat-tama. B'dan l-arranġament għall-banda, għall-vuċijiet u għall-kor, magħmul b'sengħa kbira mill-kompożitur bravu Malti **Ray Sciberras**, il-kanzunetta tieħu dimensjoni ġdida, fejn il-ħoss sinfoniku tal-banda jingħaqad ma' żewġ vuċijiet klassiċi; dik qawwija u emozzjonanti tat-tenur **Brian Cefai**, u dik ċara u melodjuża tas-sopran **Karen Camilleri**. Il-preżenza tal-**Kor Xmun Pietru** tagħti lill-biċċa sens

ikbar ta' kobor, ġmiel spiritwali u profondità kollettiva. Il-kanzunetta tibda b'mużika kontemplattiva u tintensifika gradwalment fejn tilħaq kulminazzjoni emozzjonali li tirrifletti l-imħabba personali u universali, għad-dinja, għall-ħajja, u għall-ħolqien kollu. Hija silta li tmiss il-qalb u żżomm postha fost waħda mill-aktar kanzunetti profondi u spiritwali tal-kantant Andrea Bocelli.

Gran Inno di Gloria - Tu Es Petrus – Ray Sciberras-Joe Julian Farrugia
Ikantaw it-Tenur Brian Cefai, is-Sopran Karen Camilleri u l-Kor Xmun Pietru.

Din is-sena li fiha s-Soċjeta tagħna qed tiċċelebra l-35 sena mit-twaqqif tagħha, qegħda wkoll tiċċelebra l-25 sena minn mindu daqqet għall-ewwel darba dan l-innu kbir tant maħbub u tant mistenni mill-benjamini tas-Soċjetà tagħna. M'hemmx partitarju wieħed, sew jekk iħobb il-briju jew in-nar li ma jafx b'dan l-innu u japprezzah għas-sbuħija tiegħu. Ikkummissjonat bejn is-snin 1998-1999 għand is-surmast ċelebri u bravu Ray Sciberras, liema surmast ġie onorat mis-Soċjetà tagħna bħala Surmast Onorarju, dan l-innu kien lest biex jindaqq għas-serata tas-Sibt 19 ta' Frar 2000 fl-awditorjum Sir Temi Żammit tal-Università ta' Malta. Is-sena 2000 mhux biss kienet is-sena li fiha konna qed niċċelebraw l-għaxar snin mit-twaqqif tas-Soċjetà imma wkoll is-sena li fiha d-dinja kienet qed tiċċelebra b'festi kbar it-tieni millenju. Kienet serata memorabbli għall-aħħar fejn is-Soċjetà tagħna kitbet l-istorja u saret sinonima ma' Innu Kbir ta' valur mużikali enormi, b'melodiji u passaġġi mużikali b'saħħithom u tal-widna. Wieħed isemmi l-'Preludio', li tant kemm ħareġ sabiħ, li s-surmast Sciberras għoġbu jinkludieh fis-CD tiegħu 'Millenium Salute'. Insemmu wkoll id-danza sabiħa li hemm lejn in-nofs tal-innu kif ukoll l-għeluq grandjuż bil-kliem jidwi 'Tu es Petrus'. Ma nistgħux inħallu barra l-poeta li kiteb il-versi qawwija u uniċi ta' dan l-innu, bravura u ġenjalità kbira tal-bravu Joe Julian Farrugia, poeta u kittieb li għex u għadu jgħix fir-raħal sabiħ tagħna ta' Birżebbuġa. Dan l-innu huwa teżor kbir li għandu jħajjar lis-Soċjetà tagħna tibqa' miexja fuq l-istess ambizzjoni li tkompli tkattar teżori bħal dawn fl-arkivju mużikali tagħha. Għal dan l-Innu l-Kbir, se jingħaqdu mal-Banda Birżebbuġa t-tenur Brian Cefai, is-Sopran Karen Camilleri u l-Kor Xmun Pietru.

Innu tal-Banda - Innu Banda Birżebbuġa – Michael Bugelli-Joe Julian Farrugia
Ikantaw it-Tenur Brian Cefai, is-Sopran Karen Camilleri u l-Kor Xmun Pietru.

Anke l-innu tal-Banda, din is-sena qed jagħlaq 35 sena minn mindu nkiteb u żżanżan. L-innu tal-Banda Birżebbuġa, li huwa innu popolari ferm mal-partitarji tas-Soċjetà tagħna, inkiteb eżatt fl-istess sena li twaqqfet il-banda tagħna. Inkiteb mis-surmast direttur bravu tagħna, Mro Michael Bugelli fl-ewwel sena tiegħu bħala surmast direttur. Nirringrazzjaw lis-Surmast tagħna għad-dedikazzjoni kbira tiegħu lejn il-banda tagħna tul dawn il-35 sena li ilu fil-kariga tagħha.

Il-Kumitat Ċentrali flimkien mas-Surmast Direttur, l-Assistant Surmast, il-Bandisti, il-Koristi u s-Sezzjoni Banda ppreparaw kunċert illi għandu jolqot il-gosti ta' kulħadd. Inħeġġu lill-membri u lill-partitarji sabiex jattendu u jippatroċinizzaw dan il-kunċert illi żgur se jinżel għasel. Ikun hemm is-siġġijiet sabiex kulħadd ikun komdu jsegwi.

Anniversarji ta' bandisti tal-post

Michaela Chircop
B.A. (Hons) Tourism Studies

Minn meta kont żgħira niftakarni mmorru l-każin ma' ommi u ż-żewġ ħuti l-kbar; Claudia Grech u Daniela Barbara għal-lezzjonijiet tal-mużika tagħhom. Naturalment minn eta żgħira wrejt interess li nimxi fuq il-passi ta' ħuti u malli għalaqt seba' snin bdejt nitgħallem il-mużika jiena wkoll u bħal ħuti għażilt li nitgħallem il-klarinett.

Is-sena 2010 hija sena għal qalbi għax huwa propju f'din is-sena li ħriġt indoqq mal-banda Birżebbuġa għall-festa. Sena wara sena, bl-għajnuna tal-għalliem tal-mużika tiegħi, dak iż-żmien l-assistant surmast Mro. Wallace Suda u d-direzzjoni tas-surmast direttur Mro.Michael Buġelli, bqajt dejjem nitgħallem u ntejjeb il-ħiliet tal-mużika tiegħi. Meta imbagħad is-Soċjeta` Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa bdiet toffri t-tagħlim tat-teorija tal-mużika u twassal lill-istudenti għall-eżamijiet, b'ħerqa kbira jiena bdejt nattendi wkoll dawn il-lezzjonijiet u għamilt l-eżamijiet.

Bħala bandista tal-post, għalija l-iktar programm li nkun ħerqana għalih huwa l-programm annwali 'Mill-Bandisti għall-Membri', li normalment isir fix-xahar ta' Frar. Għalija dan huwa programm ferm għal qalbi għax huwa ddedikat għall-bandisti tal-post fejn is-Surmast Direttur jipprova ta' kull sena jagħti opportunità lil xi bandist tal-post biex ikun solist. Jiena grata mmens li kelli din l-opportunita darbtejn, fis-sena 2019, kif ukoll fis-sena 2025, li nkun solista. Fejn din is-sena (2025) kont akkumpanjata mill-klarinettist bandist tal-post bħali Andy Camilleri Mifsud.

Permezz tat-tagħlim tal-mużika mis-soċjeta Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa meta kont fl-iskola sekondarja kelli l-opportunita li ningħaqad mal-Orkestra tal-Kulleġġ San Benedittu fejn konna ntellgħu kunċerti varji. Din kienet esperjenza mill-isbaħ li żgur mhux se ninsa qatt, fejn għamilt ħbieb ġodda u memorji indimentikabbli.

Il-Banda Birżebbuġa hija pilastru importanti mill-kultura ta' raħalna l-Birżebbuġin. Li nagħmel parti minn din il-banda tagħmilni tant kburija, speċjalment fil-ġimgħa tal-festa meta ngħaddi ndoqq mal-banda mat-toroq ta' Birżebbuga imdawra bi sħabi u l-familja tiegħi. Għalija huwa ta' unur li nagħmel parti minn din l-għaqda.

Hekk kif inkompli dan il-vjaġġ mal-banda nibqa' grata għat-talent tal-mużika li ppratikajt mal-banda, il-memorji sbieħ li għandi mal-banda u l-mumenti li qsamt u qed naqsam ma' sħabi l-mużiċisti u ħuti.

Inħares b'ħerqa għall-futur, għal iktar snin li ndoqq mal-banda, ċelebrazzjonijiet u li ngħaddi dawn it-tradizzjonijiet lill-ġenerazzjonijiet oħra.

Jiena nagħlaq billi ninkoraġixxi lil kull min għandu passjoni għal-mużika u jixtieq jibda jitgħallem, kemm kbar kif ukoll iż-żgħar, sabiex jikkuntatjaw lis-socjeta` u jibdew jitgħallmu sabiex issiru parti minn dil-familja tal-mużika fi ħdan is-Soċjeta` Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa.

Rebecca Abdilla
LL.B. (Hons) (Melit), M.Not.St. (Melit)

Grata li qegħda niċċelebra ħmistax-il sena bħala bandista tal-post tas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990! Minn mindu kont żgħira, il-festa kienet għalija avveniment li jirrappreżenta l-element ta' komunita' ġewwa Birżebbuġa. Kienet din l-imħabba lejn il-festa li ta' eta' żgħira ġibditni lejn il-banda, u dan inizjalment taħt it-tagħlim tal-għalliema tal-mużika Stephanie Buhagiar, li ħeġġitni nagħżel il-kwartin bħala l-istrument li nitgħallem. Aktar tard komplejt nitgħallem il-kwartin taħt l-assistent surmast ta' dak il-żmien Wallace Suda. Minbarra l-opportunita' li niżviluppa talent mużikali, din l-esperjenza tatni wkoll memorji indimentikabbli li nibqa' ngħozz għal dejjem, fosthom id-daqq fil-marċi u programmi mużikali, l-attivitajiet tal-Milied, u żjarat barra minn Malta.



L-allievi - Leah Mae u Francesca Borg

Aħna bdejna ninteressaw rwieħna biex nitgħallmu l-mużika meta konna waqt il-purċissjoni tal- Irxoxt ġewwa Birżebbuġa. Kien hemm il-banda ddoqq u tgħidx kemm għoġbitna. Staqsejna l-papa nistgħux immorru l-banda u wara l-purċissjoni morna nistaqsu lis-surmast Christopher kemm irid ikollok żmien biex nibdew nitgħallmu. Kemm fraħna meta qalilna li nistgħu nibdew. Fis-sajf bdejna nitgħallmu u tgħidx kemm nieħdu gost. Bdejna nitgħallmu fuq in-noti u fuq il-mużika. Meta nikbru iktar jiena, Leah Mae, nixtieq nibda ndoqq il-flute u Francesca tixtieq tibda ddoqq it-trumbetta.



EASTERN STORE
FREE DELIVERY
Tel: 2765 1913

J Cutajar
Jawgura l-Festa
t-tajba lill-Poplu
Kollu ta' Birżebbuġa
Mob: 79499685

Il-Banda Birżebbuġa

Is-Surmast Direttur
Mro Michael Bugelli A.T.C.L.

L-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija, Strumenti tar-Ramm u l-Perkussjoni
Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM

L-Għalliem tal-Allievi tal-istrumenti tal-qasba
Ludwig N. Desira

Il-Bandisti tas-Soċjetà (skont kemm ilhom idoqqu)

Isem u Kunjom	Strument
Andy Mifsud Camilleri	Bb Clarinet
Claudia Grech	Bb Clarinet
Daniela Barbara	Bb Clarinet
Matthew Caruana	Bb Clarinet
Michaela Chircop	Bb Clarinet
Rebecca Abdilla	Eb Clarinet
Francesco Barbara	Bb Trumpet
Etienne Zahra	Bb Trumpet
Josef Schembri	Bb Trumpet

Isem u Kunjom	Strument
Kevin Barun	Bb Trumpet
Matthias Agius	Bb Trumpet
Andrea Borg	Bb Trumpet
Peter Paul Caruana	Percussion
Raffaella Baldacchino	Percussion
Maria Munro	Drums
Matthew Polidano	Sax Tenor / Euph / Flute
Christopher Bonnici	Trombone
Kristian Cassar	Trombone

L-Allievi tal-Banda Birżebbuġa

Isem u Kunjom	Teorija	Prattika
Liam Braden Desira	Grad 6	Grad 3
Reyhan Vella	Grad 5	Grad 2
Andrea Borg	Grad 5	Grad 3
Kristian Cassar	Grad 2	Grad 3
Zach D'Souza	Grad 2	Grad Preliminarju
Amy Vella	Grad 2	Grad Preliminarju
Nina Marie Cutajar	Grad 2	Grad 1
Marvin Cassar	Grad 2	
Matthew Ellul	Grad 1	Grad 2
Luca Grech	Grad 1	Grad Preliminarju
Patrice Elaine Zahra	Grad 1	Grad Preliminarju
Scott Spooner	Grad 1	Grad 1
Elise Spooner	Grad 1	Grad 1
Marthese Formosa	Grad 1	Grad Preliminarju
Samuel Calleja	Grad 1	Grad 1
Shakira Calleja	Grad 1	Grad Preliminarju
Cristina Abela	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Leah Mae Borg Vassallo	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Francesca Borg Vassallo	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Klein De Bono	Grad Preliminarju	Grad 1
Noah Gatapaga	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Amber Gatapaga	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Matteo Zahra	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Megan Camilleri Plum	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju
Maria Munro	-	Grad 1
Petra Marie Bonnici	Grad Preliminarju	Grad Preliminarju

Id-Daqq tiegħi, Id-Dar tiegħi

Maria Munro

Il-banda kienet tiġbidni minn ċkuniti: b'familja mdaħħla fil-każini minn żmien nannuwi. Ommi kienet iddoqq fi tfulitha, jien, snin wara, dejjem niġri wara l-baned. Imma kien biss sitt snin ilu li fl-aħħar ħriġt indoqq, wara biss tmien xhur ta' tagħlim.

Jien Maria Munro u għandi 30 sena. Jiena studenta tal-Università u nieqsa mid-dawl.

Meta dħalt mal-Banda Birżebbuġa, nistqarr ngħid li ħassejt xi ftit tensjoni. Kont għadni ġejja minn esperjenza diffiċli, u f'postijiet oħra mhux darba biss ġejt imwarrba minħabba d-diżabilità tiegħi. Bdejt nistaqsi jekk qatt kontx se nsib post fejn inkun innutata għal li naf, mhux dak li għandi.

Imbagħad wasalt hawn.

Minn daż-żmien sena ilu, il-bidu tiegħi mal-Banda Birżebbuġa ma kienx biss dwar il-mużika. Kien dwar nies li emmnu fija, anke meta oħrajn kienu qatgħu qalbhom minni. Minn x'ħin dħalt sibt spallejn fuq xiex nistrieħ u qlub miftuħa li ġabuni bħal waħda minnhom, bla ma ħassejtni xi ħaġa inqas. Rajt tassew x'jista' jkun possibbli meta jkollok għaqda warajk.

Jiena perkussjonista, partikolarment fuq it-tambur. Iżda dan l-aħħar sena kienet waħda ta' tkabbir u esplorazzjoni. Bl-appoġġ ta' sħabi, tal-kumitat kollu, u l-gwida prezzjuża ta' Mro. Christopher Bonniċi, bdejt inħares lil hinn mit-tambur biss, u bdejt nitħarreġ fuq sett sħiħ ta' strumenti tal-perkussjoni. L-għan tiegħi hu li nsir mużiċista iktar kompluta, u grazzi għal din is-soċjetà, naf li nista' nasal.

Il-Banda Birżebbuġa m'hijiex biss grupp mużikali għalija: hija familja, għaqda li laqgħatni mhux biss bħala bandista, imma bħala bint. Ninsab kburija li jien parti minn dan il-kapitlu sabiħ tal-istorja tagħna, u nħares 'il quddiem lejn ħafna aktar snin ta' mużika, ħbiberija u festi magħkom ilkoll.

Grazzi minn qalbi lil kull min jagħmel dan kollu possibbli. Grazzi talli emmintu fija.

Viva San Pietru!
Viva l-Banda tagħna!
Viva Birżebbuġa!

Liam Braden Desira

Din is-sena nilqgħu magħna bħala bandist lokali ġdid lil Liam Braden Desira, żagħżugħ ta' 17-il sena minn Birżebbuġa. Huwa qiegħed fit-tieni sena tas-sezzjoni Post-Sekondarja ta' San Alwiġi, fejn qed jistudja l-Matematika u l-Fiżika fil-livell avvanzat. Minn dejjem kellu l-passjoni kbira għall-mużika u jixtieq ikompli jikber f'dan il-qasam.

Huwa beda jattendi għal-lezzjonijiet tat-teorija mużikali minn meta kellu madwar 7 sinin. Huwa ilu jistudja l-kurunetta għal ftit anqas minn sentejn u diġa' beda jkun imfittex minn baned barranin tant kemm ħa l-istudju bis-serjetà. Fil-livell teoretiku qed jaħdem Grad 6 tal-London College of Music u dan juri kemm Liam huwa bniedem mużikali.

Il-Banda Birżebbuġa tagħtih merħba u tirringrazzja lilu u lill-familja tiegħu talli għażlu lis-soċjetà tagħna għat-tagħlim professjonali li noffru.

Banda Qawwija u Popolari...
Is-Servizzi tal-Banda Birżebbuġa
2024-2025

Lista tas-Servizzi Mużikali
Marċ Santa Marija l-Qrendi - 12 ta' Awwissu 2024
Marċ Marija Reġina l-Marsa – 24 ta' Awwissu 2024
Programm Mużikali San Pawl Ħal Safi – 25 ta' Awwissu 2024
Marċ Marija Bambin l-Isla – 7 ta' Settembru 2024
Kunċert tal-Milied Birżebbuġa – 18 ta' Diċembru 2024
Marċ Purċissjoni tal-Bambin Birżebbuġa - 24 ta' Diċembru 2024
Programm Mużikali Birżebbuġa - 15 ta' Frar 2025
Marċ Karnival Birżebbuġa - 28 ta' Frar 2025
Programm Funebri Birżebbuġa - 8 ta' April 2025
Marċ San Publiju Furjana - 4 ta' Mejju 2025
Marċ Birżebbuġa – 16 ta' Mejju 2025
Marċ Birżebbuġa - 18 ta' Mejju 2025
Marċ Santa Katerina Żejtun - 15 ta' Ġunju 2025
Festa Tfal Festa Birżebbuġa - 26 ta' Lulju 2025
Marċ tal-Ħruġ min-Niċċa Festa Birżebbuġa - 28 ta' Lulju 2025
Marċ tal-Pjazza Festa Birżebbuġa - 30 ta' Lulju 2025
Marċ tal-Istatwa Festa Birżebbuġa - 31 ta' Lulju 2025
Marċ u Programm Festa Birżebbuġa – 1 ta' Awwissu 2025
Marċ tas-Sibt Festa Birżebbuġa - 2 ta' Awwissu 2025
Marċ ta' Filgħodu Festa Birżebbuġa - 3 ta' Awwissu 2025
Marċ tan-Nar Festa Birżebbuġa - 3 ta' Awwissu 2025
Marċ Santa Marija l-Qrendi - 12 ta' Awwissu 2025
Programm Mużikali San Pawl Ħal Safi - 31 ta' Awwissu 2025
Marċ Marija Bambina l-Isla - 7 ta' Settembru 2025

Is-Saints Team Malta Summer League jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Kumitat tal-Iljun u lill-Birżebbuġin kollha. Grazzi mill-qalb lill-isponsors kollha tagħna.
Viva San Pietru!
Viva tal-Iljun!

Innijiet u Marċi Brijużi li se jindaqqu mill-Banda Birżebbuġa fil-jiem tal-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu 2025

Num.	Isem tal-marċ	Kompożitur
1	Innu Popolari Lil San Pietru	Mro Carmelo Pace
2	Innu Marċ Raġħaj tal-Knisja	Kav. Alex Caruana arr. Simon Farrugia
3	Innu tal-Banda Birżebbuġa	Mro Michael Bugelli
4	Innu Marċ Inti l-Patrun Tagħna	Mro Michael Bugelli
5	Lill-Ġawhra tal-Iljuni	Mro Michael Bugelli
6	Innu tan-Nar	Mro Michael Bugelli
7a	Innu Malti	Robert Sammut
7b	Ave Marija	Jean Gaignet arr. Matthew Polidano
8	Innu Marċ lill-Prinċep tal-Appostli	Francesco Barbara
9	Inħobbuk bħalma niesna ħabbewk	Mro Ray Sciberras
10	Sliem għalik għażiż San Pietru	Mro Michael Bugelli
11	Il-Mosti	Mro Michael Bugelli
12	Familja Vella (Colour Harmony)	Mro John D. Zammit
13	Aiden u Reyhan (Faċċata Kolossali)	Mro Alfred Farrugia
14	Standard Aħdar (Sorrento)	Mro Andrew Coleiro
15	Emperor	Mro Archibald Mizzi
16	La Signora Rita	Mro (Major) Anthony Aquilina
17	Inexcussus (Niagra Falls)	Mro Andrew Coleiro
18	Santiago di Cuba	Mro Joseph Abela Scolaro
19	Lill-Ħaddiema tal-Każin il-Ġdid	Mro Michael Bugelli
20	Mill-Bubi għall-Iljuni (Juvecentus)	Mro Ray Sciberras
21	Daniela	Mro Joseph M. Barbara
22	Benjamin	Mro Emanuel Bugeja
23	Bethsaida	Peter Paul Caruana
24	Maximus	Matthew Polidano
25	Jacqueline	C. Vella
26	Sezzjoni Banda	Matthew Polidano
27	Petra ta' Pietru	Mro Christopher Bonnici
28	Alexander Caruana 10 snin President	Robert Magro
29	25 Sena Surmast	Mro Michael Bugelli
30	Il-Bozen	Mro (Major) Anthony Aquilina
31	Victory	Mro Vincenzo Ciappara
32	Balfrendozan	Mro (Major) Anthony Aquilina

Num.	Isem tal-marċ	Kompożitur
33	Appasionata	Mro Joseph Abela Scolaro
34	Granada	Mro (Major) Anthony Aquilina
35	Ħamsin Sena f'Qalbna (L-Ewwel Banda)	Mro Emanuel Bugeja
36	Ontario	Mro Ray Sciberras
37	Patrice Elaine	Kav. Alex Caruana arr. Simon Farrugia
38	Sir Winston (Victory Bells)	Mro Adeodato Gatt
39	Calvin Joe	Francesco Barbara
40	35 Sena Surmast	Brandon Gauci
41	35 Sena Soċjetà	Mro Dominic Darmanin
42	Premier XX (Si insegna e si impara)	Mro Andrew Coleiro
43	Jacob	Michael Pirotta
44	Joseph il-Pumpier	Mro Christopher Bonnici
45	Et-Jor-Mar (Kurt and Kayne)	Mro David Agius
46	Sunny-Victor-Peter	Mro Michael Bugelli
47	Bernardette	Mro Ronald Pisani
48	The King	Mro Archibald Mizzi
49	Santos	Mro David Agius
50	Queen of Queens	Mro Andrew Coleiro
51	Tal-Bobo	Mro Mario Testa
52	Ahna tal-Iljun (Magnus)	Mro Andrew Coleiro
53	Charlotte	Alex Caruana arr. Simon Farrugia
54	Fiesta	Mro (Major) Anthony Aquilina
55	Coronation	Mro Joseph Azzopardi
56	Karmar	Mro Andrew Coleiro
57	Munchengladbach '94	David Caruana
58	Vinceremos	Mro Archibald Mizzi
59	Trisa (Triple KO)	Mro Raymond Fenech
60	Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar (900 sena Parroċċa)	Mro Emanuel Bugeja
61	Pinkish (Forza L'Unione)	Mro John D. Zammit
62	Frances (Bonnici Brothers / Letter A)	Mro Joseph Sammut
63	Fiorentina	Mro (Major) Anthony Aquilina
64	Simon u Freddy (Tal-Ħajjat iż-Żgħir)	Mro Elton Lee Abela

Messaġġ tal-Festi 2025 mill-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Dr Noel Camilleri
Il-President tal-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda

Il-kalendarju tal-festi sbieħ tagħna beda jirranka bil-festa ta' San Ġużepp wara li nkunu ċċelebrajna l-festa ta'missierna San Pawl fi Frar. Infakkar li l-festa Maltija ngħatat l-unur ta' Wirt Intanġibbli Dinji mill-UNESCO. Unur li l-GĦNKB ser tibqa' taħdem u tisħaq l-importanza li dan l-unur nipproteġuh b'mod kollettiv u ma narawx biss dak li jaqbel lilna individwalment. Ghandna ngħożżu dak li huwa tagħna lkoll bħala poplu Malti u Għawdxi – **il-vera festa Maltija**.

M'hemmx dubbju li s-soċjetajiet tal-banda huma sinonimi mal-festi tagħna, dan huwa fatt li ilu magħna għal aktar minn mija u sittin sena. Ħafna mis-soċjetajiet tal-Banda tagħna għandhom fi ħdanhom mhux il-banda biss, li għandha tibqa dejjem il-pern tal-ħidma tagħhom, imma għandhom ukoll l-armar u l-piroteknika. Dan ikompli jpoġġi aktar responsabilità fuq is-soċjetajiet tal-Banda li iżda qatt ma beżgħu li jassumuha għaliex minn dejjem kienu parti essenzjali mill-festi li jibqgħu parti importanti mill-patrimonju ta' pajjiżna.

Imma jekk verament rridu nibżgħu għal dak li huwa sinominu magħna, irridu naħdmu biex ħafna elementi li qegħdin jiddaħħlu fil-festi tagħna, li minflok ġid qegħdin jagħmlu ħsara mhux biss lill-festi tagħna imma anke lill-komunitajiet tagħna, iridu jitwarrbu. Il-lista tal-affarijiet li bil-mod il-mod qegħdin kontinwament jinvadu s-sabiħ tal-festi tagħna qiegħed jtappan l-ħidma tas-soċjetajiet tal-banda tagħna u tkun ħasra li bħala fraternità bandistika ma jkollniex il-vizjoni li b'mod kollettiv naħdmu biex dan ma jiġrix.

Persważ li tinnutaw li f'numru kbir tal-komunitajiet tagħna, l-entużjażmu għall-marċi tradizzjonali naqas u ħafna drabi l-banda tkun waħidha fit-toroq biex imbaghad fil-pjazza ewlenija jew quddiem il-bini tas-soċjeta' jingħaqdu magħha n-nies li jkunu preżenti hemm biss. Biss dan mhux kollox għaliex fil-waqt li l-banda tkun qegħdadjdoqq xi marċ, mhux l-ewwel darba li tisma' xi ħoss qawwi ta'mużika oħra ġejja minn bnadi viċin li kważi jitfi għall-kollox il-banda jew addirittura tgħaddi l-banda u qisu ma għadda ħadd. U xi nghidu għas-cds li jinħarġu bi kliem kważi identitku għajr l-isem tal-qaddis jew l-isem tas-soċjetà tal-banda jew is-sound bid-djs. Qisna qegħdin ninsew l-importanza tal-banda fil-festa u rridu nwarrbu t-tradizzjonijiet bl-iskuża li rridu niġġeddu ħalli niġbdu ż-żgħażagħ. Li taħdem biex tattira aktar żgħażagħ lejn is-soċjetajiet tal-banda hija ħaġa li żgur kulħadd jaqbel magħha imma żgur mhux għas-skapitu li twarrab it-tradizzjonijiet sbieħ tagħna li verament jsawru l-kultura Maltija u jżommu b'saħħithom il-komunitajiet tagħna.

Li huwa żgur li matul l-2024, l-GĦNKB ħadmet biex jkun hemm koordinazzjoni aħjar mal-awtoritajiet tal-ordni pubbliku u b'mod ġenerali kellna reazzjoni pożittiva anke jekk kien hemm min ipprov jostakola dawn il-passi fid-direzzjoni it-tajba. Flimkien biss b'mod seren imma b'mod kollettiv u b'saħħtu nistgħu nkomplu naħdmu ħalli l-festi tagħna jkunu verament ċelebrazzjoni sabiħa u nadifa tal-kommunita sħiħa mingħajr esklużjoni.

Bħala poplu rridu ngħożżu l-impenn kontinwu u bla waqfien li s-soċjetajiet tal-banda jagħmlu fil-komunitajiet. Ikun żball kbir jekk naħsbu li l-baned veri tagħna qegħdin hemm jiġri x'jiġri u dejjem lesti biex jagħtu s-sehem tagħhom mingħajr ma jingħataw rikonoxximent xieraq għall-ħidma kollha li jagħmlu. Ir-rikonoxximent għandu jkun kemm finanzjarju, li ghandu jkun dejjem trasparenti, imma ferm aktar konkret u aktar importanti hu li l-volontarjat jiġi mgħejjun u jingħata rikonoxximent formali mill-Istat.

Irridu lkoll naħdmu biex il-volontarjat u in partikolari s-soċjetajiet tal-banda, inkomplu nsaħħuhom u fuq kollox nħarsuhom. Jekk ma nurux rispett reċiproku u fuq kollox ħidma kollettiva allura dak li huwa wirt importanti ta'pajjiżna jista' jintilef. Għalhekk ilkoll kemm aħna rridu nkunu t-tarka sabiex ma nħallu lil ħadd u xejn li jtappan is-sinifikat vera tal-festa Maltija li tibqa' dejjem waħda reliġjuża u tal-komunita magħquda.

L-Għaqda temmen li jekk naħdmu flimkien b'umilta u b'sens verament kollettiv u mhux individwalista allura iva, temmen li nistgħu nkomplu niċċelebraw il-festi tagħna kif jixraq. Il-kollettività trid tkun f'sens l-aktar wiesgħa li tinkludi ukoll l-awtoritajiet ekkleżjastiċi għaliex il-festa tibda biċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u tkompli b'dawk popolari. It-tnejn ghandhom l-importanza tagħhom, it-tnejn huma intrinsikament marbuta biex tkun festa sħiħa tal-komunità.

F'isem l-Għaqda Nazzjonali Każini tal-Banda nawgura l-festa t-tajba, u nirringrazzja lil dawk kollha nvoluti fix-xogħol volontarju kbir li jsir. Nappella sabiex dik il-ħidma tissarraf f'ċelebrazzjonijiet denji ta' festa li tgħaqqad il-poplu. Minn naħa tiegħu l-poplu għandu wkoll japprezza x-xogħol kbir mis-soċjetajiet tal-banda favur il-komunitajiet.

IT-TAGĦLIM DWAR ALLA FL-EWWEL ITTRA TA' SAN PIETRU APPOSTLU

Fr Charles Buttigieg

"Alla ta' kull grazzja, li sejħilkom għall-glorja tiegħu ta' dejjem, wara li tkunu batejtu ftit,

iqajjimkom hu stess, iwettaqkom, iqawwikom, isaħħaħkom" (1 Pietru 5:10)

It-Trinita' Qaddisa

L-Ewwel Ittra ta' San Pietru fil-Ġdid Testment tal-Bibbja, fiha teoloġija żviluppata ħafna dwar Alla u t-Trinita': "skond il-ħsieb ta' Alla l-Missier, imqaddsin bl-Ispirtu s-Santu biex jobdu għall-Kelma ta' Ġesu' Kristu" (1 Pt 1:2). It-titlu ta' Alla 'Theos' insibuh 39 darba fl-ittra, li hija frekwenza għolja u tajba ħafna. Alla hu qaddis (1 Pt 1:15-16) u l-uniku wieħed li għandna nagħtuh qima (1 Pt 2:17). Huwa Missier (1 Pt 1:17) u għalhekk imsejħin sabiex nagħmlu r-rieda tiegħu (1 Pt 2:15 u 3:17) u li nsiru qaddisin: "iżda, bħalma qaddis hu dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin fl-imġiba tagħkom kollha, għax hu miktub: "Kunu qaddisin, għax qaddis jien."(1 Pt 1:15-16).

L-awtur jinteressa ħafna fit-tradizzjoni tal-passjoni ta' Sidna Ġesu' Kristu (li hi komuni, friska u importanti). Insibu l-frażi 'en Christo' f'1:11; 4:13; u 5:14. Naraw lil Alla bħala Missier f'1:22-25; 2:1-3; 2:4-10; 2:11-12; 2:13-3:7; 3:8-12; 3:13-22; 4:1-11; 4:12-19; 5:1-7; 5:8-11 li fih in-nisrani għandu jittama anke fit-tbatija bil-grazzja ('charis') fi Kristu. 1 Pt 1:2-21 hija professjoni ta' fidi. 1 Pietru 2:21-25 jistedinna sabiex nimitaw lil Kristu. Kristu li huwa l-ħalib (bil-grieg: 'gala') li jisqi lill-komunita' sabiex tikber u timmatura fis-salvazzjoni eskatoloġika (ara Lhud 5:12-13). Skond Achtemeier, 1 Pietru hija: "one of the most christocentric writings in the NT". Ġesu' Kristu kien predestinat minn qabel it-twaqqif tad-dinja u deher f'dawn l-aħħar żmenijiet (1:20). L-ispirtu ta' Kristu kien prezenti fil-profeti li ħabbru dwaru (1:11). Ġesu' bata u miet u qam mill-mewt u qiegħed fil-glorja fuq il-lemin ta' Alla (3:18-22). Nistgħu ngħidu li l-ittra għandha kristoloġija bażilari u kompluta. Il-missjoni petrina hija fuq kollox waħda li tħares lejn Kristu u għalhekk kristoloġika kif jikteb J. Green: "these are people whose commitments to the lordship of Christ have led to transformed dispositions and behaviours that place them on the margins of respectable society. Their allegiance to Christ has won for them animosity, scorn, and vilification".

Il-Qawmien ta' Kristu

Żgur li żewġ siltiet kristoloġiċi huma 1 Pietru 2:21-25 u 3:18-22. Is-salvazzjoni fi Kristu għall-1 Pietru hija passat, preżent u futur. It-twelid ġdid (bil-grieg: 'anagennesas') hija t-tama tal-insara permezz tal-qawmien ta' Kristu kif naraw f'1:3: "Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet". Skond E. Boring hawnhekk: "In 1:3 the new birth was by the resurrection of Jesus Christ; here it is through the word that is inseparably bound to the event and mediates it to the believer". F'dan il-kuntest in-nisrani jagħmel parti mill-poplu ta' Alla ('laos Theou') fejn Kristu huwa l-fundament kif naqraw f'2:4-10 u kif jikteb tajjeb K. Jobes: "Coming to Christ means coming into relationship with others, not only in one's own generation but also by being united with believers of very generation, who likewise have been built into God's grand building project. The structure will be completed only when the scafolding of human history comes down and the kingdom of Christ is revealed in all its glory".

F'1 Pietru 2:21-25 għandna stedina sabiex mhux biss nimitaw lil Kristu li bata għalina imma stedina għad-dixxipulat, li nimxu warajh. Għal Dryden: "Christ is not only an exemplar (exemplum), but also a saviour. He not only provides a model, but also the means for moral life". Kristu hu fuq kollox dak li jipproteġina (bil-latin: 'custodem') u dak li jgħallimna ('paedagogum'). F'1 Pietru 3:18-22 (ara Isaija 53:12) naraw il-valur salvifiku tat-tbatijiet (tinsab 13-il darba fl-ittra) ta' Kristu li bata għad-dnubiet ('peri hamartion') u 'darba għal kulħadd' (hapaks). Achetmeier jgħid: "Christians can face their future with confidence, despite whatever suffering that future may pretend, because Christ has triumphed over the most powerful forces of the universe". Filwaqt li J. Elliott jikteb: "Thus, Christ is presented here not simply as an example but as one who through his exaltation and superiority over the cosmic powers assures Christians of their union with God, their salvation, and thereby their ability to bear the suffering the might confront them".

Kristu huwa l-ġebla tax-xewka tat-Tempju ta' Alla kif naraw f'2:4-10 (ara l-ġebla qaddisa ta' Betel f'Ġenesi 28:11-19; u Isaija 8:14; 28:16 'precious cornerstone' – 'grundstein', bil-grieg 'akrognoniaios' - Salm 118:22 – 'chief cornerstone'; Danjel 2:34 u Żakkarija 12:3). It-titlu kristoloġiku ta' 'kurios' insibuh f'1 Pietru 1:3, 25; 2:3,13; 3:2,15. Kristu jagħti l-ħesien ('eleutheria') kif naraw f'2:16, lil dawk li jemmnu bħala poplu ħieles ('hos eleutheroi'). Huma meħlusa minn dnub u mifdija ('lutroo') u ħielsa mix-xewqat ħżiena ('ton sarkikon epithumion') kif naraw f'1Pt 1:14 u 2:11: "Ħuti għeżież, nitlobkom biex bħala barranin u għorba tiċċaħħdu mix-xewqat tal-ġisem li jitqabdu kontra r-ruħ".

F.J. Matera jikteb: "The Christology of 1 Peter is a Christology of suffering. It affirms that the sufferings of Christ were uniquely redemptive and the necessary prelude to his glory, by focusing on the sufferings of

Christ, 1 Peter shows the intimate relationship between Christology and the Christian life: the past suffering of Christ is the present condition of believers, while the present glory of Christ is the future glory of those who follow in the steps of the suffering Christ."

Il-Knisja u l-Ispirtu s-Santu

Iż-żmien tas-salvazzjoni tal-Knisja mmexxija mill-Ispirtu s-Santu fl-Ewwel Ittra ta' San Pietru, huwa marbut mal-ġudizzju u mal-premju finali għal dawk li huma dixxipli ta' Kristu. M'huwiex żmien marbut ma' Ċesari u mal-imperu tiegħu, imma ma' skop teoloġiku importanti kif naraw f'1 Pietru 1:20. Huwa meqjus bħala mument konkret, punt fi żmien fuq din l-art u għalhekk żmien temporali iżda li huwa marbut mas-salvazzjoni (bil-grieg: 'kairos'), għad-differenza taż-żmien kronoloġiku u storiku (bil-grieg: 'chronos') iżda li huma marbuta ma' xulxin fejn il-'chronos' għandu dejjem iħares lejn il-'kairos'. Dan iż-żmien tal-Knisja, huwa marbut mat-tama, mal-wirt fis-sema, mas-salvazzjoni, mal-eżaltazzjoni, mad-dawl u mal-glorja ta' Alla: "Its significance can only be understood in terms of the present eschatological moment illuminated by the entrance of the Messiah into history. The past leans forward, straining into the 'now' of Jesus Christ" (W-H. Wan). Iż-żmien huwa għalhekk marbut mal-eskatoloġija u fuq kollox mal-kristoloġija kif naqraw f'1 Pietru 5:6: "Kunu mela umli taħt l-id setgħana ta' Alla, biex hu jerfagħkom meta jkun il-waqt."

Il-'kairos' fil-Knisja, huwa l-mument tal-eżaltazzjoni finali. Hija l-eżaltazzjoni tal-insara fiż-żmien ('en kairo'). Marbut ma' din l-eżaltazzjoni hemm it-tama u għalhekk direzzjoni lejn il-glorja kif naraw f'1 Pietru 1:3, lejn tama ħajja 'eis elpida zosan'; f'1 Pietru 1:4 lejn wirt 'eis kleronomian'; 1 Pietru 1:5 lejn is-salvazzjoni 'eis soterian'; 1 Pietru 1:7 lejn it-tifħir, glorja u apprezzament 'eis epainon kai doksan kai timen'. Dan kollu jifforma l-'kairos' u għalhekk il-mument tant mixtieq għal kull nisrani lejn il-premju ta' Alla.

Għalhekk iż-żmien tal-Knisja u ż-żmien ta' l-Ispirtu s-Santu, fl-Ewwel Ittra ta' Pietru mhuwiex marbut mal-Imperatur, mal-kalendarju tad-digriet tal-provinċja tal-Asja fis-sena 9 Q.K. fejn il-ġimgħa kienet ta' 10 t'ijiem; imma mal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet wara t-'triduum mortis' kif naraw f'1 Pietru 1:3. Fuq kollox huwa jibni din l-ittra fid-dawl ta' eżodu ġdid bħala tama eskatoloġika fil-mewt u l-qawmien ta' Kristu.

Biblijografija

Dawal, R., *Reading the Inspired Word of God in the First Letter of Peter*, DOS, Mints International Seminary 2020.

De Waal Dryden, J., *Theology and Ethics in 1 Peter: Paraenetic strategies for Christian character formation*, WUNT 209, Tubingen 2006.

Elliot, J.H., *1 Peter*, *A New Translation with Introduction and Commentary*, The Anchor Bible 37 B, New York 2000.

Green, J.B., *1 Peter,* Two Horizons Commentary, Eerdmans 2007.

Grudem, W.A., *1 Peter,* Tyndale New Testament Commentaries 17, Downers Grove 2009.

Halas, S., "He may exalt you at the expected time" (1 Pet 5:6). The conception of Time in the First Letter of Peter", in *Verbum Vitae* 38 (2020) 219-228.

Horrell, D.G., "The themes of 1 Peter: Insights from the earliest manuscripts (the Crosby-Schoyen Codex ms 193 and the Bodmer Miscellaneous Codex containing P72", in *NTS* 55 (2009) 502-522.

Jobes, K.H., *1 Peter*, Baker Exegetical Commentary on the New Testament, Grand Rapids (MI) 2005.

Martin, T.W., "Translating 'logos' as DNA in First Peter 1:22-25", in R.P. Thompson (ed.), *Listening again to the text, New Testament Studies in Honour of George Lyons*, Claremont 2020, 133-149.

Pearson, S., *The Christological and Rhetorical properties of 1 Peter*, Studies in Bible and Early Christianity 45, Lewiston (NY) 2001.

Williams, M., *The Doctrine of Salvation in the First Letter of Peter*, SNTSMS 149, Cambridge (UK) 2011.

Ġublew tal-Konfraternitajiet ġewwa Ruma u l-Vatikan

Johan Briffa

Kien xi sentejn ilu meta fratell mill-parroċċa ta' San Ġorġ f' Ħal Qormi kien ċempilli u qalli li fl-2025 hemm il-ħsieb li l-Vatikan jistieden lill-fratelli tad-dinja kollha ġewwa Ruma. Kif jafu ħafna, jien inkun minn tal-ewwel biex inżur il-Vatikan minħabba r-rabta li hemm ma' San Pietru u għalhekk, bla tlaqliq, għedtlu, la jiġi l-waqt immorru. Wara li tħabbar mill-Vatikan li s-sena 2025 ser tkun is-sena ġubilari, ġie ppubblikat programm sħiħ ta' laqgħat u attivitajiet ġewwa Ruma u waħda minnhom kienet l-imsemmija stedina tal-fratelli bejn il-Ġimgħa 16 u l-Ħadd 18 ta' Mejju 2025. Il-Kurja tal-Arċisqof ġewwa Malta laqgħet l-applikazzjonijiet ta' dawk il-fratellanzi interessati u aħna applikajna bħala Fratellanza tas-Santissimu Sagrament ġewwa Birżebbuġa f'isem il-parroċċa. Filfatt irrappreżentajna l-fratellanza taghna, jien, is-Sur Alex Caruana u s-Sur Joe Schembri. Bdejna l-programm billi lqajna stedina mill-fratellanza ta' Marija Addolorata minn Enna ġewwa Sqallija fil-Bażilika Maġġuri ta' San Pawl f'Ruma. Hemmhekk ħadna sehem f'purċissjoni flimkien ma' diversi fratelli mill-parroċċa ta' Ħal Safi. Filgħaxija attendejna, fuq stedina tal-arċidjoċesi ta' Ruma, għall-ftuħ uffiċjali tal-Ġublew tal-Konfraternitajiet ġewwa l-Bażilika Maġġuri ta' San Ġwann fil-Lateran. Hemmhekk iltqajna ma' bosta fratellanzi minn madwar id-dinja kollha. L-għada s-Sibt sbaħna għall-quddiesa mmexxija minn Dun Peter Ellul, qassis fil-parroċċa tagħna li bħalissa qiegħed għal xi studju ġewwa Ruma, ġol-kappella maġenb il-kripta ta' San Pietru ġewwa l-Bazilika ta' San Pietru flimkien mal-fratellanzi mill-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Wara attendejna għall-quddiesa oħra mmexxija mill-Eminenza tiegħu l-Kardinal Malti Mario Grech ġewwa l-Bażilika ta' Santa Maria Sopra Minerva f'Ruma għall-fratelli kollha Maltin li konna preżenti, li kienu jammontaw għal madwar 250 fratell u konsorelle. Hemmekk ippreżentajna pittura f'isem il-fratellanzi kollha lill-kardinal. Aktar tard matul il-jum ħadna sehem, ma' ammont kbir ta' fratellanzi mid-dinja kollha, għall-purċissjoni mat-toroq ewlenin ta' Ruma. Fil-purċissjoni ħadu sehem ukoll statwi minn Spanja, mill-Italja u minn Sqallija fost oġġetti sagri oħra. Il-qofol ta' din l-esperjenza kienet il-quddiesa mhejjija apposta għal konfraternitajiet ippreseduta mill-Papa nnifsu li inċidentalment inzertat ukoll il-quddiesa li mmarkat il-bidu tal-pontifikat tal-qdusija tieghu, Papa Ljun XIV. Ammont kbir ta' pellegrini kienu preżenti ghal din il-quddiesa, tant li konna fil-kju sa minn 5 sigħat qabel biex nilħqu post tajjeb ġewwa Pjazza San Pietru. Kif konna Ruma żorna wkoll l-erba' bażiliċi ġubilari, il-bażiliċi ta' San Pietru, San Giovanni in Laterano, San Paolo Fuori le Mure u Santa Marija Maggiore fejn għaddejna mill-bibien qaddisa kollha sabiex nirċievu l-indulġenza plenarja kif kien imħabbar mill-mibki Papa Franġisku. Kif konna fil-Bazilika ta' Santa Marija Maggiore, għamilna wkoll viżta u ftit talb fuq il-qabar ta' Papa Franġisku. Tassew kienu ftit jiem ta' esperjenzi li żgur mhu se ninsew qatt fejn ħadna isem il-parroċċa u l-fratellanza tagħha ġewwa l-belt ta' Ruma u l-Vatikan.

MOGĦTIJA LLUM **17 TA' MEJJU, 2025**
B'TIFKIRA TAL-QUDDIESA SPEĊJALI LI SARET FIL-BAŻILIKA TA' SANTA MARIA SOPRA MINERVA
GĦALL-FRATELLANZI MALTIN LI ĦADU SEHEM FIL- ĠUBLEW TAL-FRATELLANZI
BEJN IS-16 U T-18 TA' MEJJU, 2025 ĠEWWA L-VATIKAN U RUMA.

Arċi-konfraternita' ta' San Ġużepp - A.D. 1345 - Rabat tal-Imdina
Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u l-Qalb ta' Ġesù - A.D. 1575 - Parroċċa Matriċi u Arċipretali Santa Katerina V.M. - Żurrieq
Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju A.D. 1594 - Parroċċa Arċipretali ta' Marija Bambina - Mellieħa
Fratellanza tar-Rużarju Mqaddes - A.D. 1596 - Parroċċa Santa Marija - Mqabba
Fratellanza tas-Santissimu Sagrament - A.D. 1600 - Parroċċa Santa Marija - Mqabba
Arċi-konfraternita' tal-Madonna tar-Rużarju - A.D. 1601 - Kollegjjata Arċimatriċi u Arċipretali San Ġorġ - Qormi
Arċi-konfraternita tal-Madonna tal-Karmnu - A.D. 1622 – Valletta
Venerabbli Konfraternità tas-Santissimu Sagrament - A.D. 1630 - Parroċċa Santa Marija - Qrendi
Konfraternità tas-Santissimu Rużarju - A.D. 1634 - Parroċċa Sant'Andrija - Luqa
Fratellanza tal-Madonna tac-Cintura - A.D. 1727 - Parroċċa Arċipretali u Arċimatriċi Santa Marija, il-Ġudja
Fratellanza tal-Madonna tac-Cintura - A.D. 1765 - Parroċċa Santu Wistin - Valletta
Fratellanza Immakolata Kunċizzjoni - A.D. 1772 - Parroċċa Santa Marija - Mqabba
Fratellanza tas-Santissimu Sagrament - A.D. 1844 - Parroċċa Arċipretali ta' Marija Bambina - Mellieħa
Fratellanza tal-Madonna tad-Duttrina A.D. 1874 - Parroċċa Arċimatriċi u Arċipretali Marija Annunzjata - Tarxien
Konfraternità tal-Bonu Verġni Immakulata ta' Lourdes - A.D. 1878 - Parroċċa Santa Marija - Qrendi
Fratellanza tas-Santissimu Sagrament - A.D. 1888 - Parroċċa Konvertiżjoni ta' San Pawl - Safi
Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju - A.D. 1888 - Parroċċa Konvertiżjoni ta' San Pawl – Safi
Fratellanza ta' San Ġużepp - A.D. 1907 - Parroċċa Arċipretali ta' Marija Bambina - Mellieħa
Fratellanza tas-Santissimu Sagrament - A.D. 1913 - Parroċċa San Pietru fil-Kunjera - Birżebbuġa
Konfraternità tas-Santissimu Sagrament - A.D. 1932 - Parroċċa Madonna tal-Karmnu - Għaxaq
Sodalizji San Sebastjan Martri - A.D. 1993 - Parroċċa Arċipretali San Sebastjan Martri - Qormi

L-Ewwel Snin tat-Twaqqif tal-Knisja Parrokkjali f'Birżebbuġa

Mario Fenech

Huma bosta dawk l-okkażjonijiet important li fihom niltaqgħu mal-isem tal-lokalita ta Birżebbuġa. Dawn, ħafna drabi, ikollhom x`jaqsmu mal-iżviluppi li seħħew matul is-snin f'dak li għandu x'jaqsam mal-ftuħ tal-Knisja l-qadima, dik iddedikata lid-Duluri, u l-Knisja l-ġdida ddedikata lil San Pietru fil-Ktajjen.

Meta l-Kanonku Spiridione Penza fetaħ għall-ewwel darba l-Knisja tad-Duluri fi triq viċin ix-xatt ta` Birżebbuġa, huwa kellu f'moħħu li din tkun tista' taqdi l-bżonnijiet spiritwali tan nies tal-inħawi, l-aktar waqt it-tliet xhur sħan tas-sajf meta bosta familji kienu jmorru Birzebbugia għall-villeġjatura. It-tberik ta' din ir-remissa, li serviet bħala knisja proviżorja, sar nhar l-14 ta' Awwissu 1907.

Ma għaddiex wisq żmien biex din ma bdietx tlaħħaq man-nies li bdew imorru għal quddies fiha. Għaldaqstant, sentejn wara l-ftuħ tal-knisja, il-Kanonku Spiridione Penza xtara tliet remissi oħra biswit li kienet qegħda tintuża bħala knisja, għas-somma ta' 332 Lira.

Hawnhekk daħal il-Perit Salvu Sacco minn Bormla li mexxa x-xogħol tat-tkabbir tal-knisja u għamel ukoll il-pjanta tal-faċċata. Il-knisja ġiet iddedikata lid-Duluri u kienet issir il-festa fix-xahar ta' Settembru.

It-Twaqqif tal-Parrocca ta' Birżebbuġa kien sar b'digriet maħruġ mill-Arċisqof ta' Malta Monsinjur Pietru Pace nhar id-9 ta' Settembru 1913.

Din is-sena kienet waħda importanti għall-Knisja f'Malta għaliex bejn l-Erbgħa 23 t'April u l-Ħadd 27 t'April 1913 kien sar f'Malta il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien ġab miegħu qawmien Ekklesjastiku importanti ħafna fost il-poplu ta' Malta u Għawdex.

L-ewwel kappillan tal-parroċċa kien Dun Karm Bugelli li ħa l-pussess tiegħu nhar il-21 ta` Settembru 1913.

Ma għaddiex wisq żmien biex dan l-ewwel Kappillan beda jahseb sabiex il-lokalità ta' Birżebbuġa jkollha knisja xierqa u kbira biżżejjed biex in-nies tinqeda f'dak kollu li jkun hemm bzonn.

Għal dan il-għan il-kappillan Bugelli għamel ir-rikors meħtieġ biex jinħareġ il-permess. Dan ġie milqugħ mill-Isqof Dom Mauro Caruana b'digriet maħruġ nhar it-12 ta' Diċembru 1917.

Jidher li l-Kappillan Dun Karm Bugelli kien qiegħed isibha xi ftit diffiċli biex jibda x-xoghol tal-bini tal-knisja l-ġdida, jista' jkun li ma kienx għadu sab il-post adekwat fejn kellha tinbena l-knisja.

Sadanittant il-parroċa għaddiet f'idejn it-tieni kappillan. Dan kien Dun Angelo Fenech minn Ħal-Lija. Ħa l-pussess nhar it-3 ta' Frar tas-sena 1924 fl-età ta' 41 sena.

Ma damx wisq sabiex dan sab biċċa art kbira li kienet benefiċċju magħruf bħala "Sant Angelo di Hal-

Far" magħruf l-aktar "Tad-Dukkiena" li kienet propjetà ta' Vincenzo Pace Testaferrata. Il-ħeġġa li wera dan il-kappillan għal dan il-proġett ambizzjuż tal-bini ta' knisja ġdida kienet waħda kbira, bin-nies tar-raħal ħerqana biex jagħtu s-sehem tagħhom.

Kien waqt laqgha li kellu mal-arċisqof Don Mauro Caruana li l-kappillan Fenech laqa' x-xewqa tiegħu li l-knisja tkun iddedikata lil San Pietru.

F'Marzu tas-sena 1926 inbeda x-xogħol tat-tqegħid tal-pedamenti fost l-ferħ tal-poplu ta' Birżebbuġa.

Aktar dwar dan il-bini tal-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa fil-ħarġa li jmiss ta' dan il-programm.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD!

15-il sena mill-esperjenza ta' Ruma

Fuq inizzjattiva tas-segretarju ta' dak iż-żmien, is-Sur Roderick Cachia, u wara li qabel wkoll il-kumitat, bdew il kuntatti biex il-banda tagħna tmur iddoqq ġewwa Ruma u l-Vatikan u kienu għażlu lili biex nagħmel il-kuntatti meħtieġa. Konna tkellimna ma' Mons. Patrick Incorvaja li dak iż-żmien kien jgħix u jaħdem il-Vatikan u qbilna li għandna mmorru eżatt fil-ġimgħa ta' wara l-Għid il-Kbir, allura kien mit-3 sas-7 ta' April, 2010.

Saru ħafna kuntatti kemm man-naħa tal-Vatikan kif ukoll mal-Comune di Roma biex jingiebu l-permessi meħtieġa kif ukoll mal-agenzija li kellha tieħu ħsieb it-titjiriet, lukanda u trasport. Imbagħad bdew isiru l-kuntatti mal-bandisti kif ukoll koristi tal-kor Xmun Pietru, li kellu wkoll sehem f'din iż-żjara.

Nhar it-Tnejn 3 ta' April 2010, filgħodu kmieni lkoll tlaqna lejn l-ajruport ta' Malta minn fejn qbadna t-titjira lejn Ruma. Dakinhar Ruma tkun imbullata bin-nies għax tkun 'Pasquetta' u tkun ġurnata ta' vaganza. Dakinhar stess filgħaxija, fis-6:00pm, il-banda tagħna, taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur Michael Bugelli, tat siegħa programm fi Piazza Mignanelli li tmiss ma' Piazza Spagna fejn kien hemm attendenza sabiħa ta' ħafna Taljani u turisti.

L-għada filgħodu, imbagħad, kellna quddies bil-Malti mmexxija minn Mons. Patrick Incorvaja fil-Cappella del Coro ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru l-Vatikan li fiha ħa sehem ukoll il-kor Xmun Pietru, dak iż-żmien immexxi minn Ms Felicienne Paris. Imbagħad fl-istess ġurnata filgħaxija tellajna akkademja fil-Bażilika San Pietro in Vincoli li fiha ħa sehem ukoll il-kor Xmun Pietru, kif ukoll s-sopran Marthese Grech u t-tenur Johan Briffa. Daqqejna anke l-innu San Pietru fil-Glorja fost oħrajn. Fl-aħħar tal-akkademja kont mort nirringrazzja lir-rettur tal-bażilika Don Bruno Giuliani waqt li mort nittawwal il-ktajjen ta' San Pietru. Hawnhekk Don Bruno staqsieni jekk kellniex kopja tagħhom u għidtlu le u qalli li kien lest jagħmlilna kopja għall-knisja, liema kopja waslet lejn l-aħħar tas-sena 2012, eżatt qabel ma Dun Bruno kien mar għall-missjoni. Dawn il-ktajjen imbagħad kont għaddejthom lil Mons. Patrick li għamel l-arranġamenti kollha biex jiġu imbierka mill-Papa u tbierku mill-Papa Benedittu XVI propju fl-aħħar udjenza ġenerali fit-28 ta' Frar, 2013, qabel irreżenja, imbagħad tpoġġew ġo urna li ħdimna għall-knisja tagħna li ġiet imbierka nhar l-1 ta' Awwissu, f'għeluq il-mitt anniversarju tal-parroċċa. Tajjeb ngħid li dakinhar tal-4 ta' April, il-banda tagħna għamlet ġemellaġ mal-Bażilika San Pietro in Vincoli ta' Ruma. Imbagħad l-għada, l-Erbgħa 5 ta' April, il-banda, il-kor u l-kontinġent kollu nġbarna f'post prominenti fi pjazza San Pietru, eżatt taħt l-istatwa ta' San Pawl, fejn daqqejna diversi biċċiet mużikali u waqt l-udjenza, xħin semmew l-isem tas- soċjetà tagħna, daqqejna parti mill-Innu l-Kbir 'Tu es Petrus' u hekk kif il-Papa Benedittu XVI niżel minn ħdejna, ilqajnieh bl-innu popolari u l-innu marċ Ragħaj tal-Knisja. Bla dubju kienet okkażjoni li ma ninsewha qatt. L-għada l-Ħamis kellna żjara mill-Ambaxxatur Malti fl-Italja li ammira ħafna l-entużjażmu u s-suċċess li ksibna. Erġajna lura lejn Malta l-Ġimgħa 7 ta' April ilkoll kuntenti li kellna x-xorti ndoqqu fi Pjazza San Pietru l-Vatikan u fil-Belt ta' Ruma.

Il-Pellegrinaġġ ta' Tama ġewwa Ruma

Karilyn Zammit

Wara diversi xhur ta' preparamenti u pjanijiet, kienet waslet il- ġurnata biex jien u tfajliet oħra, flimkien mas-Sorijiet Salesjani ta' Don Bosco u xi voluntiera nattendu għall-Pellegrinaġġ ta' Tama ġewwa Ruma. Kien l-24 ta' April 2025 meta flimkien erħejnilha lejn l-ajruport ta' Malta biex immorru Ruma għal din l- avventura. Dan it-tip ta' Ġubilew isir kull 25 sena u għalih jattendu eluf ta' nies minn madwar id- dinja kollha fosthom anke aħna l-Maltin.

'Tama', din kienet it-tema magħżula mill-Papa Franġisku għal dan il-Ġubilew. Dan għaliex b'dak kollu li qed jiġri madwar id-dinja, il-Papa Franġisku xtaq li bħala poplu wieħed ikollna l-fidi u l-paċi fid-dinja. Sfortunatament il-pjanijiet tagħna kellhom jinbidlu għaliex il-Papa Franġisku miet ftit jiem biss qabel ma aħna tlajna Ruma. B'danakollu kellna l-opportunità li nattendu għal funeral tal-Qdusija Tiegħu ġewwa l-Vatikan u kellna wkoll l-opportunità li naraw mill-qrib il-ġisem priservat tal-Papa ġewwa t-tebut fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Avolja din kienet okkażjoni ta' swied il-qalb, wieħed seta' jħoss is-sens ta' għaqda li kien hemm minn dawk kollha preżenti għal din l-okkażjoni.

Waqt dan il-vjaġġ, żorna diversi postijiet u knejjes però laqtitna knisja partikolari minn dawk il-postijiet li konna rajna. Din kienet il-knisja bl-isem ta' 'The Church of the Sacred Heart'. Dan għaliex ġo din il-knisja Don Bosco kien skopra x' kienet il-ħolma tiegħu waqt li hu kien qed iqaddes hawn. Kellna wkoll l-opportunità li ngħaddu minn ġo bieb partikolari li jirrappreżenta l-Passaġġ mid-Dnub għall- Grazzja u wkoll li joffrilek l-opportunità speċjali għat-tiġdid spiritwali. Dan il- bieb mhux qiegħed hemm biss biex iservi ta' daħla għal ġol-knisja iżda jirrappreżenta 'l- mod ġdid ta' għajxien fil-ħniena t'Alla'.

Fl-aħħar jum tagħna kellna l-opportunità li nattendu għall-quddies taż-żgħażagħ fil-Vatikan. Kien hemm atmosfera li wieħed ma jsibx kliem biżżejjed biex jiddeskrivieha iżda kienet tinħass l-għaqda u l-ferħ bejn dawk kollha preżenti.



Id-Daqq tal-Qniepen matul il-Ġimgħa tal-Festa Titulari ta'San Pietru Fil-Ktajjen f'Birżebbuġa

Kyle Incorvaja

F'Malta d-daqq tal-qniepen huwa uniku f'iktar minn aspett wieħed. Bil-mod kif jindaqqu u meta jindaqqu ukoll.

F'Birżebbuġa għadna sett ta' ħames qniepen li kienu nġabu mill-Olanda, maħduma mid-ditta rinomata Petit & Fritsen ta' Aarle-Rixtel. Dawn waslu Birżebbuġa f'Lulju tal-1969 u ġew imbierka mill-Arċisqof Mikiel Gonzi nhar is-Sibt 19 ta' Lulju 1969 fuq iz-zuntier tal-knisja.

Dettalji tal-qniepen (mill-iżgħar sal-ikbar):

1. **Santa Katerina** – *Ton:* Do (C) [280kg]
2. **San Pawl** – *Ton:* La (A) [480kg]
3. **San Ġużepp** – *Ton:* Sol (G) [675kg]
4. **Madonna tad-Duluri** – *Ton:* Mi (E) [1175kg]
5. **San Pietru** – *Ton:* Do (C) [2260kg]

Il-festa ta' San Pietru f'Birżebbuġa tibda propju t-Tnejn ta' qabel l-festa, permezz tal-ħruġ tal-vara fuq iz-zuntier (jew kif inhu magħruf bħala l-ħruġ minn niċċa). Għal dakinhar, it-tokki tat-tmienja u ta' nofsinhar (magħrufin ukoll bħala t-tokki tal-Angelus) ma jindaqqux bil-fustanija (ir-raba' l-ikbar qanpiena) bħala matul is-sena, imma jindaqqu bil-qanpiena l-kbira. F'nofsinhar tindaqq mota ta' madwar nofsiegħa miż-żgħira sal-kbira. Mota oħra tindaqq bejn is-17:45 sas-18:00 (magħrufa bħala l-mota tar-rużarju) bil-qniepen kollha. Fis-18:15 jindaqqu t-tokki għall-quddiesa bit-tlielet l-ikbar qanpiena minflok bil-qanpiena ż-żgħira. Wara l-quddiesa tas-18:30, jsir il-ħruġ tal-vara għal ħabta tas-19:15 fejn il-qniepen kollha jindaqqu waqt li tkun ħierġa l-vara titulari fuq iz-zuntier. Il-qniepen jieqfu biex jingħad xi diskors u talb, imbagħad jerġħu jindaqqu għad-dħul lura fil-knisja.

It-Tlieta huwa l-inqas jum impenjattiv għad-daqq tal-qniepen matul il-ġimgħa tal-festa, fejn kulma jintużaw huma t-tliet qniepen iż-żgħar biex jindaqq d-daqq ta' matul il-jum.

L-Erbgħa huwa l-ewwel jum tat-tridu fejn it-tokki tal-Angelus (tat-8:00 u ta' 12:00) jindaqqu bil-fustanija (ir-raba' l-ikbar qanpiena) [bħal matul is-sena]. F'nofsinhar jindaqqu tliet moti b'erba t'qniepen (mingħajr il-kbira)



miż-żgħira sal-fustanija. Qabel l-għasar jindaqqu tliet moti oħra bejn il-17:15 u s-18:00. X'ħin tibda l-quddiesa fis-18:30 jibdew jindaqqu xi tokki kultant bil-fustanija biex javżaw in-nies li qed toqrob il-prietka (dawn jissejħu tokki tal-prietka). Qabel mal-qassis jibda l-prietka, l-aħħar żewġ tokki jindaqqu wara xulxin bħala sinjal li l-qassis ħa jibda bil-prietka. Fil-konsagrazzjoni jintużaw t-tielet l-ikbar qanpiena u l-fustanija. Wara l-quddiesa, l-erba' qniepen jindaqqu għal Barka Sagramentali. Hekk kif tispiċċa l-funzjoni tindaqq mota ta'madwar 20 minuta.

Il-Ħamis u l-Ġimgħa jindaqq l-istess daqq għall-jumejn l-oħra tat-tridu, ħlief għal żewġ eċċezzjonijet. L-ewwel eċċezzjoni hi li l-Ħamis filgħaxija wara li tindaqq il-mota ta' wara l-quddies, tindaqq mota oħra bil-qanpiena l-kbira. Din il-mota tissejjaħ il-mota tal-Ħamis li tfakkar t-twaqqif tal-Ewkaristija fil-jum ta' Ħamis ix-Xirka. Din il-mota tindaqq matul is-sena bid-differenza li fil-ġimgħa tal-festa, din il-mota ddum madwar nofsiegħa flok għaxar minuti; u l-mota tibda bil-qanpiena il-kbira minflok il-fustanija. L-eċċezzjoni l-oħra hija li l-Ġimgħa filgħaxija jindaqqu l-qniepen kollha mal-kant tat-Te Deum. It-Te Deum kienu propju jitkanta s-Sibt filgħodu imma sfortunatament dan tmexxa riċentament għall-Ġimgħa filgħaxija wara l-funzjoni tal-aħħar tridu. Allavolja l-kant tat-Te Deum ma għadux jsir is-Sibt, xorta waħda jindaqqu l-qniepen għall-ħabta tad-disgħa biex ifakkru dan.

Is-Sibt, hekk kif nkunu dħalna fis-solennità tal-festa, f'nofsinhar jindaqqu it-tokki xi 11:40 bil-qanpiena l-kbira imbgħad wara jindaqqu erba' moti bejn 11:45 sas-12:45.

Dettalji dwar il-moti tal-festa:

1. **L-ewwel mota:** Miż-żgħira sal-kbira
2. **It-tieni mota:** Il-fustanija, il-kbira, it-tielet, it-tieni u ż-żgħira
3. **It-tielet mota:** Mill-kbira saż-żgħira
4. **Ir-raba' mota:** Miż-żgħira sal-kbira

[Il-moti kollha jispiċċaw bil-qanpiena ż-żgħira]

L-erba' moti jerġgħu jindaqqu qabel it-transulazzjoni bejn il-17:30 sas-18:30. Hekk kif tibda ħierġa t-transulazzjoni tindaqq mota li tibda bil-qanpiena l-kbira u tispiċċa kif tidħol.

L-erba' moti tal-festa jindaqqu għal darb' oħra s-Sibt filgħaxija wara l-aħħar quddiesa. Is-Sibt filgħaxija tindaqq ukoll il-mota tal-matutin għall-ħabta tal-23:30 fejn tibda l-qanpiena l-kbira u jidħlu l-qniepen l-oħra f'daqqa.

Il-Ħadd filgħodu, it-tokki tat-08:00 jindaqqu bil-qanpiena l-kbira. Qabel il-Quddiesa Solenni, jindaqqu erba' moti mit-8:30 sad-9:30. X'ħin tibda l-quddiesa, tindaqq il-glorja (bil-qniepen kollha), tokki tal-prietka u sanctus/konsagrazzjoni (biż-żewġ qniepen il-kbar).

F'nofsinhar u qabel il-quddies ta' filgħaxija jerġgħu jindaqqu erba' moti. Il-qniepen jerġgħu jindaqqu għall-ħruġ tal-purċissjoni (miż-żgħira sal-kbira) u wara li tkun tbegħdet sew il-purċissjoni jieqfu f'daqqa. Hekk kif terġa' tibda toqrob il-purċissjoni jerġgħu jibdew il-qniepen waħda waħda, mill-qanpiena l-kbira saż-żgħira. Kif tidħol il-purċissjoni l-qniepen jieqfu u jerġgħu jindaqqu tal-aħħar għall-barka sagramentali.

Referenzi:

Id-Daqq tal-Qniepen fil-Festa Titulari ta' San Pietru Appostlu Birżebbuġa
Christopher Bonnici B.A. (Hons); 'Minn Qalb L-Iljuni', Soċjeta` Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa A.D. 1990, Festa 2006

Papa Franġisku: Ir-Raġħaj tal-Poplu

Warren Busuttil B.Ed(Hons)

Minn Buenos Aires għal Ruma

Jorge Mario Bergoglio – l-isem tat-twelid tal-Papa Franġisku – twieled fis-17 ta' Diċembru, 1936, ġewwa Buenos Aires, l-Arġentina, minn ġenituri Taljani li ħarbu lejn dan il-pajjiż fil-bidu tas-seklu għoxrin. Jorge kien bniedem b'natural kwiet iżda profond fl-ispiritwalità tiegħu. Minkejja li beda jistudja l-kimika, ħass li s-sejħa tiegħu kien dik ta' ħajja reliġjuża, u ngħaqad mas-Soċjetà tal-Ġiżwiti fl-1969. Iktar tard huwa ġie maħtur bħala Arċisqof tal-belt ta' Buenos Aires fl-1998. Minkejja din il-ħidma fit-tmexxija tal-Knisja huwa għażel li jibqa' jgħix il-ħajja ta' nies l-iktar sempliċi: jirkeb tal-linja biex jivvjaġġa, jgħix f'appartament żgħir, isajjar għalih innifsu, u jkun viċin il-poplu li tiegħu hu ġie maħtur bħala raġħaj.

Nhar it-13 ta' Marzu 2013, huwa ġie maħtur il-265 suċċessur ta' Pietru, wara r-riżenja tal-Papa Benedittu XVI. Minn dakinhar huwa kompla jikteb l-Istorja: kien l-ewwel Papa Ġiżwita, l-ewwel Papa mill-kontinent Sud Amerikan, u l-ewwel wieħed li ħa l-isem ta' Franġisku, ispirat minn San Franġisk t'Assisi – simbolu ta' imħabba lejn il-ħolqien, faqar u paċi.

Tibdil fl-metodi

Sa mill-bidu nett tal-pontifikal tiegħu, il-Papa Franġisku biddel l-istrutturi u l-modi kif għal diversi snin kienet qiegħda titmexxa l-Knisja. L-ewwel dehra sempliċi tiegħu bħala Papa fil-gallarija tal-Bażilika ta' San Pietru, qanqlet lid-dinja biex tistaqsi fuq id-direzzjonijiet ikkumplikati li xi kultant nagħtu lil ħajjitna. Bl-umiltà kollha, u b'ras baxxuta huwa talab lill-poplu biex jitlob il-barka t'Alla għalih.

Bit-tmun f'idejh, huwa kkritika u sfida l-istrutturi

kurjali li setgħu nbnew mas-snin fil-Knisja, strutturi li għamlu l-Knisja iktar bħala organizzazzjoni milli poplu f'pellegrinaġġ. Ma kien jiddejjaq xejn li miegħu jiġbor nies b'fehmiet u sfondi differenti biex jgħinuh fit-tmexxija tal-Knisja. Għal iktar minn darba, meta kien jiġi mistoqsi dwar diversi każijiet delikati, hu kien iwieġeb: "Min jiena jien biex niġġudika?" Din is-sentenza sempliċi ċaqilqet l-ideat ta' bosta li forsi jippreżentaw il-Liġi qabel il-persuna, li jimxu mar-regoli u l-istrutturi li joħonqu, qabel ma jimxu b'qalb umana u mogħdrija. Ma kitibx tagħlim dottrinali ġdid, imma biddel il-mod kif nikkomunikaw flimkien.

Il-Papa tat-triq: ġustizzja u sempliċità

Kontinwament, Franġisku kien ifakkar lill-Knisja li l-missjoni prinċipali tagħha hija li tkun preżenti fil-"periferija tas-soċjetà". Il-pożizzjoni tiegħu ma żammitux lura milli jżur il-ħabsijiet – sa ftit sigħat qabel ma miet – kampijiet ta' refuġjati, u jkun il-vuċi li titkellem favur il-paċi f'dinja tbaqbaq bil-gwerer. Nhar Ħamis ix-Xirka għażel li minflok joħloq drammi, jaħsel saqajn ħutna Musulmani, nisa u priġunieri. Fil-vjaġġi tiegħu għażel li jkollu l-ħin mal-imwarrba tas-soċjetà. Jibqa' impressjonat ħafna f'moħħi mhux biss il-vjaġġ li hu kellna f'pajjiżna fl-2022, imma wara li għadda mir-raħal tagħna – fejn ilqajnieh b'entużjażmu tant kbir – qatta' ħin twil mal-immigranti ġewwa Ħal Far. F'moħħu l-messaġġ kien ċar: ejjew naħdmu biex ikollna Knisja fqira għall-fqar.

Għalija mhux biss l-esperjenza f'Malta kienet waħda li tibqa' mmarkata f'ħajti. Kelli l-opportunità li nkun flimkien maż-żgħażagħ, il-kumplament tal-Knisja u l-Papa biex għal darbtejn niċċelebraw l-Jum Dinji taż-Żgħażagħ.

Fl-2013 il-Knisja ċċelebrat dan il-Jum Dinji ġewwa l-Brażil – l-ewwel wieħed ta' Franġisku bħala Papa. Huwa dar it-toroq ta' dan il-pajjiż bit-tbissima li timlik b'kuraġġ li f'din id-dinja għad hawn it-tajjeb. Lilna ż-żgħażagħ, li konna miġbura iktar minn 3 miljuni, ma ddejjaq xejn li jisfidana, "Morru, la tibżgħux! Aqdu lil kulħadd!" Ma kinitx stedina kwalunkwe. B'mod ċar hu bagħatna lkoll fuq missjoni. Talabna li l-fidi, li ġabritna flimkien, ngħixuha bis-serjetà u tagħmilna nies reali kull fejn inkunu.

L-istess ħeġġa kibret fina lkoll meta mill-ġdid iltqajna għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ f'Lisbona, il-Portugall, fl-2023. Minkejja li s-saħħa tal-Papa kienet tidher li sejra lura, b'entużjażmu kbir ħeġġiġna biex inkunu b'idejna miftuħa lejn kulħadd – "Todos! Todos! Todos!" ("Kulħadd! Kulħadd! Kulħadd!"). Kellu sempliċità profonda li tqanqlek u tħeġġek li tqum u tikber fl-imħabba lejn Alla u lejn l-oħrajn.

"Jgħannaqkom u jberikkom mis-sema"

Forsi meta l-mumenti ta' tbatija jkunu ebsin u jaħkem kull sens ta' qtiegħ, Franġisku ppreżenta lill-Knisja ż-żmien tal-Ġublew tat-Tama. Fih mhux biss wassal il-messaġġ tiegħu bil-kelma kollha ħeġġa b'tama, imma anke bir-reżilenzja kbira tiegħu li minkejja l-mard li kien qiegħed jaħkmu, xtaq jaqdi u jagħti ħajtu sal-aħħar.

Kien f'dan iż-żmien li flimkien ma' grupp ta' adolexxenti mill-iskola li naħdem fiha ħadna sehem fil-Ġublew tal-Adolexxenti. Il-Papa Franġisku mar jiltaqa' ma' Dak li għalih ta ħajtu nhar it-Tnejn 21 t'April, 2025, l-għada tal-festa tal-qawmien ta' Ġesù mill-mewt, ħamest ijiem qabel aħna bdejna l-vjaġġ lejn Ruma. Għalina li konna se nitilgħu għal dan il-Ġublew kien żmien ta' inċertezza. Iżda s-sens ta' paċi u għaqda li lkoll ħassejna flimkien ma' eluf ta' adolexxenti oħra kienet ħaġa impressjonanti. F'dawn il-jiem id-dinja ma tilfitx sempliċiment il-Papa, iżda kif stqarr wieħed mill-adolexxenti fil-grupp tal-iskola, "id-dinja tilfet it-tabib tagħha".

Kellna x-xorti li ngħixu mhux biss mumenti storiċi – il-mewt u l-funeral tal-Papa – imma mumenti ta' għaqda, ferħ u paċi fil-qalb li l-Papa Franġisku rnexxilu jwassal mhux biss f'ħajtu, imma anke wara mewtu. Kien mument li bis-sempliċità tiegħu u anke tal-qabar tiegħu, Franġisku għallimna li l-veru ferħ tal-qalb ma jiġix bit-titli u b'dak li tkun akkwistajt f'ħajtek, imma b'dak li tkun irbaħt f'qalbek u kemm tkun ħdimt biex irbaħt il-qlub ta' ħaddieħor. Hu tana l-missjoni li mhux biss noħolmu, imma noħolqu Knisja li dejjem tilqa', dejjem miftuħa, dejjem ħanina u dejjem ferħana.

Għal dan kollu, nibqgħu lejh grati.

Suċċessur ġdid ta' San Pietru: il-Papa Ljun XIV

Roberto D' Amato B. A. (Hons) in Creative Media Production; B. A. (Hons) Malti

HABEMUS PAPAM; il-kliem li kull Kattoliku jkun qed jistenna li jisma' b'ferħ għax ikun ifisser li għandna Papa ġdid!

Wara l-mewt għal għarrieda tal-Papa Franġisku, il-Knisja daħlet f'luttu, f'liema jiem jinbeda proċess ta' preparazzjoni biex isiru l-Konklavi, laqgħat fil-magħluq bejn il-Kardinali li fihom jintgħażel il-Papa l-ġdid; dak li se jkun il-mexxej tal-Knisja Kattolika. Il-Konklavi bdew fis-7 ta' Mejju 2025 permezz ta' quddiesa, liema Konklavi kien qed jieħu sehem fihom ukoll il-kardinal Malti Mario Grech. Fis-7 ta' Mejju saret votazzjoni waħda, liema votazzjoni waslet għal daħna sewda. Il-Ħamis 8 ta' Mejju filgħodu saru mbagħad żewġ votazzjonijiet oħra però għal ħabta ta' 12.00pm ħarġet mill-ġdid daħna sewda. Kienet fil-votazzjoni ta' waranofsinhar, għal ħabta tas-6.00pm, fejn dehret daħna bajda. Minn dak il-ħin, ikun hemm ħin twil ta' stennija, biex il-Papa jipprepara ruħu u jitfaċċa fil-gallarija. Hekk isellem lil kull min ikun preżenti hemmhekk. Kulħadd imwaħħal mat-televiżjoni jew ma' xi mobile, jistenna min se jkun il-Papa l-ġdid, din il-kurżità nqatgħet għall-ħabta tas-7.15pm hekk kif fil-gallarija tfaċċa Robert Francis Prevost, Papa Amerikan għall-ewwel darba.

Informazzjoni bażika

Robert Francis Prevost twieled fl-14 ta' Settembru 1955 f'Chicago, ġewwa Illinois, l-Istati Uniti. Ommu jisimha Mildred filwaqt li missieru jismu Louis Marius. Barra minn hekk, Prevost għandu żewġ aħwa ikbar minnu; Louis u John. Prevost kiber fil-parroċċa ta' Santa Marija Assunta, fejn attenda l-iskola, kanta fil-kor, u kien abbati wkoll. Kien jattendi fis-Seminarju ta' Santu Wistin f'Michigan, fejn hemmhekk għamel l-ewwel kutatt tiegħu mal-Agostinjani. Kien imfaħħar ħafna għal kemm kien jeċċella akkademikament u fil-fatt kien involut b'diversi modi fl-iskola: editur tal-ktieb annwali tal-iskola, segretarju tal-Kunsill tal-Istudenti, kif ukoll membru tas-Soċjetà tal-Unur Nazzjonali. Hu kiseb Baċellerat tax-Xjenzi fil-Matematika, mill-Università ta' Villanova fl-1977.

Is-sejħa reliġjuża – "iben Santu Wistin"

Huwa daħal fin-novizzjat tal-Ordni ta' Santu Wistin (O.S.A.) fil-Provinċja tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, f'Saint Louis. Fid-29 t' Awwissu 1981, huwa għamel il-wegħdiet solenni tiegħu. Fl-età ta' 27 sena ntbagħat Ruma biex jistudja l-liġi kanonika fl-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Aquino. Huwa rċieva l-ordinazzjoni saċerdotali fid-19 ta' Ġunju 1982. Fl-1984 temm l-istudju tal-Liċenzjat, u lura l-Istati Uniti ma damx ma ntbagħat jaħdem fil-missjoni ta' Chulucanas, f'Piura, il-Perù (1985-1986). Fl-1987 kiseb id-dottorat bit-teżi: 'L-irwol tal-pirjol lokali fl-Ordni ta' Santu Wistin.' Fl-istess sena ntgħażel bħala direttur tal-vokazzjonijiet u direttur tal-missjonijiet tal-provinċja Agostinjana ta' 'Omm il-Parir Tajjeb' f'Illinois.

Ħajtu bħala Agostinjan kienet waħda kkulurita minħabba li ngħata bosta rwoli differenti. Fl-1998 ġie elett pirjol provinċjali tal-Provinċja tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb tal-Ordni ta' Santu Wistin u fil-Kapitlu Ġenerali tal-Ordni tal-2001 ġie elett Pirjol Ġenerali tal-Ordni ta' Santu Wistin, fejn serva għal tnax-il sena, f'liema żmien anki żar lill-Agostinjani f'Malta diversi drabi. F'dawk iż-żjarat żar ukoll il-Kulleġġ Santu Wistin ġewwa l-Pietà fejn iltaqa' mal-istaff u l-istudenti.

Irwoli ġodda mogħtija mill-Papa Franġisku

F'Novembru tal-2014, il-Papa Franġisku ħatru bħala amministratur appostoliku tad-Djoċesi ta' Chiclayo, fil-Perù, u f'Settembru tal-2015 sar l-Isqof ta' din id-djoċesi. Kien hawnhekk li Prevost ħa ċittadinanza Peruvjana. Fl-2019, huwa nħatar bħala membru tal-Kongregazzjoni għall-Kleru, fl-2020 sar amministratur appostoliku ta' Callao, belt oħra fil-Perù, u aktar tard fl-istess sena, ingħaqad mal-Kongregazzjoni tal-Isqfijiet, dipartiment fil-Vatikan li jgħin fl-għażla tal-Isqfijiet. Fi ħdan il-Konferenza Episkopali tal-Perù, huwa serva fil-kunsill permanenti (2018-2020) u ġie elett ukoll President għall-Edukazzjoni u l-Kultura tagħha fl-2019.

Fit-30 ta' Jannar 2023, il-Papa Franġisku ħatar lill-Kardinal Prevost bħala Prefett tad-Dikasteru għall-Isqfijiet u President tal-Kummissjoni Pontifiċja għall-Amerika Latina.

Huwa ġie kkreat Kardinal mill-Papa Franġisku fil-Konsistorju tat-30 ta' Settembru 2023, bit-titlu djakonali ta' Santa Monika.

Bħala Papa, sa issa…

Fit-8 ta' Mejju 2025, Robert Prevost ġie elett Papa u għażel l-isem Ljun XIV. B'hekk, huwa sar l-ewwel Papa mill-Istati Uniti, Peruvjan, u Agostinjan. Ħa l-isem ta' Ljun XIV għax fi kliemu, "Hemm diversi raġunijiet, iżda l-aktar għax il-Papa Ljun XIII, bl-Enċiklika storika 'Rerum Novarum', indirizza l-kwistjoni soċjali fil-kuntest tal-ewwel rivoluzzjoni industrijali kbira; u llum il-Knisja toffri lil kulħadd il-wirt tagħha ta' duttrina soċjali biex twieġeb għal rivoluzzjoni industrijali oħra u għall-iżviluppi tal-intelliġenza artifiċjali (AI), li jġibu magħhom sfidi ġodda għad-difiża tad-dinjità umana, il-ġustizzja u x-xogħol."

Jidher li dan il-Papa se jaħdem ħafna fuq l-aspett soċjali kif kien għamel Papa Ljun XIII; fil-fatt fl-ewwel diskors tiegħu, ġiet enfasizzata ħafna l-Paċi. Fl-aħħar

ġimgħat ukoll kellu bosta telefonati u diskussjonijiet ma' partijiet differenti tal-awtoritajiet li huma involuti fil-gwerra, biex tinstab soluzzjoni u sseħħ il-paċi. Qed jitkellem ħafna wkoll fuq l-aspett tal-familja u ż-żwieġ Nisrani kif ukoll fuq iż-żgħażagħ:

"Liż-żgħażagħ ngħidilhom biex ma jistennewx: Wieġbu b'entużjażmu lill-Mulej li jsejħilkom biex taħdmu fid-dwieli tiegħu. Toqogħdux lura, xammru l-kmiem, għax il-Mulej hu ġeneruż u m'intomx se tiddiżappuntaw ruħkom! Meta taħdmu fid-dwieli tiegħu, issibu tweġiba għal dik il-mistoqsija profonda li ġġorru ġo fikom: x'sens tagħmel ħajti?"

Ringrazzjamenti:

Fr Leslie Gatt, Provinċjali tal-Agostinjani f'Malta u Robert Aloisio, għal xi traduzzjonijiet.









Bandist tal-post fi ħdan is-soċjeta' tagħna jiggradwa b''Masters' fid-daqq tal-kurunetta mill-konservatorju tal-arti fi Bremen fil-Ġermanja

Intervista ma' Francesco Barbara
M.A, (MUS) Trumpet Performance (Bremen),
L.T.C.L, A.T.C.L, A.MUS.T.C.L,
B.Com. Marketing (Hons) Dip. Melit.

Francesco Barbara twieled fid-19 ta' April 1995 u ta' 12-il sena fl-2007, ħareg idoqq għall-ewwel darba minn taħt it-treġija ta' Mro. Michael Buġelli, waqt il-marċ li sar qabel il-laqgħa li ngħatat lill-arċisqof ta' dak iż-żmien Pawlu Cremona mis-soċjeta' ftit qabel il-festa. Huwa mwieled f'familja mużikali magħrufa tal-Fukli fejn ommu u ħutu kienu kolla jdoqqu mal-banda wkoll. Nannuh, Ġużeppi Barbara kien għannej magħruf. Wild tas-soċjeta', huwa kompla jistudja u jitla s-sellum mużikali pass pass tant li s-sena l-oħra sar l-ewwel mużiċist Malti li rnexxielu jiggradwa f'maġistru fid-daqq tal-kurunetta minn konservatorju barrani. Illum jifforma parti mill-Orkestra Nazzjonali ta' Malta bħala "Sub-Principal Trumpet player".

X'kien li ħajrek tibda titgħallem il-mużika?

Minn mindu kont tifel kont inkun ma' missieri l-każin filwaqt li ommi u ħuti kienu jdoqqu l-klarinett u s-'saxaphone' ukoll. Il-festa u l-banda dejjem kienu parti mill-familja. Oħti Stephanie kienet bdietni bis-solveġġ ta' 7 snin pero l-ewwel darba l-kunfidenza tal-aħwa ma ħadmitx. Erġajt bdejt ta' 8 snin, din id-darba ma' Mro Michael Buġelli u għażilt it-trumbetta għax minn għajnejn ta' tifel kont naraha tleqq u ddoq melodiji sbieħ b'ħoss kbir. Ta' tifel li kont ma tantx kont nistudja u aktar kienet tinteressani l-mejda tal-biljard milli l-lezzjonijiet però wara 4 snin ħriġt indoqq. Ommi kienet timbuttani ħafna sabiex nibqa' nistudja u ma kinitx tħallini nieqaf. Illum tassew ngħid li l-istrument li għażilt jaqbel mal-personalita' tiegħi.

Meta wrejt ix-xewqa li tieħu l-istudju tal-mużika aktar bis-serjeta'?

Wara li ħriġt indoqq, bdew jgħajtuli xi baned barranin sabiex indoqq magħhom. Dan kien ta' inkuraġġament kbir għax bdejt inġib aktar esperjenza u bdejt naqla' xi ftit flus ukoll. Hawn indunajt li bil-mużika nista' niftaħ ħafna orizzonti jekk neħodha bis-serjeta. Applikajt sabiex nibda nistudja fil-"Johann Strauss School of Music" ma' Joseph Chircop u aktar tard Martin Cooper u hemm komplejt nistudja u niskopri aktar teknika u niltaqa' ma' aktar nies li setgħu jgħinuni nikber mużikalment. Bdejt ukoll nistudja t-teorija ma' Mro Ray Sciberras fejn eventwalment ġibt Associate Diploma mit-"Trinity College of London". Ray Sciberras kien ta` influwuenza kbira u għeni ukoll nibda nikkomponi xi ftit mużika. Ta' għajnuna fil-kompożizzjoni kien ukoll Kristian Schembri. Iktar ma nistudja aktar bdejt niltaqa' ma' nies differenti u nara progress u ndunajt li bil-mużika nista nesprimi ruħi u nkun differenti. Ma kinitx triq faċli għaliex l-istudju tal-istrument dejem kien ikun wara l-iskola jew ix-xogħol u trid dixxiplina kbira biex tibqa' tistudja għajjien jew mhux.

Fi ftit kliem kif żvolġiet il-karriera mużikali tiegħek bl-istrument?

Komplejt tiela' t-taraġ skaluna skaluna, lezzjoni lezzjoni u bdejt indoqq ma' "bands" fosthom "Versatile Brass", ma' Joe Brown u anke ndoqq fi gruppi oħrajn. Daqqejt ukoll f'kunċerti lokali bħall-Għanja tal-Poplu. Ftit ftit bdejt nuri x-xewqa li nkompli fuq il-linja orkestrali. Hawnhekk dħalt fil-"Malta Youth Orchestra" fejn ftit wara bdejt nistudja ma' Brendan Ball li jdoqq fl-orkestra Nazzjonali. Kont ukoll attendejt xi "Masterclasses" ġewwa Spanja u l-Iżvizzera ma' kurunettisti famużi fosthom Rudi Korp, Matilda Lloyd, Jeroen Berwaerts u Reinhold Friedrich. Kelli wkoll l-opportunità li nirrekordja

fuq soundtrack mal-kompożitur John Powell innifsu. Wara xi snin bdejt niġi mgħajjat sabiex indoqq mal-orkestra Nazzjonali u eventwalment għamilta xewqa li l-mużika ssir ix-xogħol tiegħi. Safrattant ġibt ukoll żewġ diplomi, Assoċjat u Liċenzjat fil-prattika tal-istrument. Sabiex nagħmel dan kont naf li rrid immur nistudja barra sabiex inġib l-esperjenza u nitgħallem fl-livelli għoljin. L-aħjar għażla għalija kienet il-Ġermanja. Hemhekk komplejt nistudja mal-professur Christopher Dicken fuq it-trumbetta moderna u l-professura Susan Williams fuq it-trumbetta barokka. Kelli wkoll l-opportunita' li ndoqq ma' xi orkestri fil-Ġermanja sakemm eventwalment għamilt awdizzjoni mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta u għaddejt sabiex illum jien membru f'din l-orkestra.

Il-mużika ħadnitni f'pajjiżi differenti u għallmitni ħafna dixxiplini. Matul is-snin daqqejt taħt surmastrijiet famużi internazzjonali fosthom Wayne Marshall, Conrad Van Alpen, Marco Comin, Lawrence Renes u Pier Giorgo Morandi. Daqqejt ukoll ġewwa swali tal-kunċerti famużi fosthom il-'Musikverein' ġo Vienna fejn isir il-kunċert tal-ewwel tas-sena u ġewwa l-'Philharmonie Berlin'.

Għaliex għażilt propju il-Ġermanja sabiex tkompli l-istudji tiegħek?

Kull min idoqq strument tar-ramm jaf li l-Ġermanja huwa pajjiż ta' tradizzjoni kbira antika fejn tidħol mużika orkestrali li tinvolvi r-ramm. Hemm issib uħud mill-aqwa orkestri u mużiċisti fid-dinja li jieħdu l-mużika bis-serjeta' ħafna. Mhux faċli biex tidħol ġo konservatorju l-Ġermanja kemm ħabba l-kompetizzjoni minn student oħra minn madwar id-dinja u anke ħabba l-lingwa. Kont irrifjutat minn diversi konservatorji għax ma kontx naf Ġermaniż meta applikajt. Eventwalment sibt konservatorju fi Bremen fejn il-professur aċċetta li nagħmel l-awdizzjoni u jekk nintgħażel nistudjah u nagħmel eżami tiegħu fi żmien sitt xhur. Kien sagrifiċċju kbir li mort waħdi ngħix f'post barrani u barra l-mużika nistudja l-lingwa ukoll. Kont f'pajjiż barrani waħdi, lingwa ġdida, kultura ġdida, għalliema ġodda, strumenti ġodda u mhux faċli taddatta malajr. Illum ma jiddispjaċini xejn għaliex tgħallimt ħafna mingħand l-għalliema kollha li kelli fejn barra l-istrument studjajt ukoll "Chamber Music", "orchestral playing", id-direzzjoni, "Alexander technique", metodi ta' studju, "Audition preparation" fost ħafna oħrajn. Il-ħinijiet ta' studju kienu twal ħafna però bilfors li biex tlaħħaq mad-domandi ta' konservatorju trid tagħmel ħafna sagrifiċċji. Il-Ġermanja n-nies huma stretti, serji u ta' dixxiplina kbira li kienet bżonnjuża biex nimxi 'l quddiem. Hemmhekk ukoll għażilt li nitgħallem kif indoqq il-mużika barokka bit-trumbetta naturali bla valvi imma bit-toqob u bi stil totalment differenti, barokk. Barra minn Malta hemm kompetizzjoni kbira u dan kompla jimmotivani sabiex nistudja aktar u nsir aħjar. F'dan il-mistier trid tkun lest għad-diżappunti ukoll għaliex mhux dejjem mużiċist ikollu ġranet tajbin. Mhux dejjem iddoqq u tħossok tajjeb ħafna imma trid tikkontrolla u tkun konsistenti. Ma tistax tkun perfett qatt għax il-perfezzjoni ma teżistix imma tipprova tqarreb lejn il-perfezzjoni tista'.

Għandek xi appell għal dawk li forsi qed jitħajru jew għadhom jibdew jitgħallmu l-mużika?

Il-mużika tappella għal kulħadd u meta tistudja l-mużika sservi ukoll ta' terapija u mistrieħ. Illum hawn ħafna opportunitajiet kemm f'Malta u kemm barra u kulħadd jista' jasal fejn jixtieq. Il-każini tal-baned huma opportunita' bla ħlas sabiex tersqu lejn il-mużika u min jaf, tista tispiċċa x-xogħol professjonali tiegħek kif saret tiegħi. Il-mużika tlaqqgħek ma' ħafna nies differenti u lili għenitni niżviluppa bħala persuna. Is-sigriet huwa li ddawar lilek innifsek b'nies aħjar minnek. Il-prattika, perseveranza u l-paċenzja huma mportanti ħafna. L-importanti li ssib nies li tassew iridulek il-ġid u jgħinuk timxi l-quddiem. Tiddejqux tistaqsu għall-għajnuna.

Nieħu l-opportunita' sabiex nirringrazzja lill-għalliema li kelli matul is-snin, lil mara tiegħi Daniela u lill-familjari tal-appoġġ kontinwu matul is-snin.

Il-Bieb il-Kbir tal-Knisja Parrokkjali

Il-Perit Michael Schembri

Meta fl-1937, bdiet tintuża l-Knisja Parrokkjali l-ġdida, din kienet għadha mhix kompluta. Il-parti tan-naħa tal-artal, jiġifieri mill-arkata tal-lampier 'il ġewwa, kienet lesta. Iżda kien għad jonqos it-tisqif tal-kursija u t-tkomplija tal-faċċata u tal-kampnar. Il-parti l-lesta kienet akbar mill-Knisja tad-Duluri u għalhekk in-nies setgħu jinqdew aħjar fil-knisja l-ġdida. Irridu niftakru ukoll li dak iż-żmien, l-artal maġġur kien aktar lura milli hu llum u għalhekk, l-ispazju tal-presbiterju li hemm illum, kien jintuża biss min-nies.

Kont nismagħhom jgħidu li l-arkata msemmija qabel, kif ukoll it-tnejn żgħar ta' maġenbha, kienu mbarrati bil-ġebel u bl-injam u kellhom bieb f'nofs kull waħda minnhom. Sal-lum għadek tista' tara xi marki mal-ħajt li jikkonfermaw dan u juru fejn kienu mbarrati. Kienu jgħidu ukoll li kienu ġabu bieb ta' maħżen minn Kalafrana bħala bieb temporanju għall-knisja. Meta tlestiet il-kursija tal-knisja, l-istess bieb żidulu ġonta f'kull naħa u ttrasferewh għal postu.

Ritratti meħudin fis-snin 50 u 60 tas-seklu l-ieħor, juru li l-loġġ tal-bieb kien fiss, tant li l-arma tal-arċisqof kienet teħel mal-parti l-fissa. Nistgħu nimmaġinaw kif għall-purċissjonijiet, l-istatwi kienu jridu jbaxxuhom mill-ispallejn għal fuq l-idejn, sakemm joħorġu jew jidħlu mill-bieb. Intant, ftit wara li Ċikku Schembri beda xogħlu bħala sagristan f'Ottubru 1968, kien kellem lill-Kappillan u qabbad lil ċertu Wenzu l-mastrudaxxa li ħadem loġġ jinfetaħ għall-parti ta' fuq. Hekk, l-istatwi tal-purċissjoni setgħu jibqgħu għaddejjin mill-bieb fuq l-ispalla, mingħajr il-ħtieġa li jitbaxxew. L-arma l-antika tal-arċisqof kellha tinbidel u ssir waħda iżgħar li toqgħod mad-dawra tal-bieb. L-arma l-antika għadha merfugħa sal-lum.

Niftakar ukoll lil missieri u oħrajn jg*ħid*u li fis-snin ħamsin, il-Kappillan Minuti kien avviċina kuntrattur, jismu Wiġi, sabiex isir bieb ġdid kif jixraq għall-knisja. Il-Kappillan, bħal kull ħaġa oħra, kien qabbad lill-Kav. Vincenzo Bonello sabiex jagħmillu disinn. Il-Kav. Bonello kien kritiku tal-arti, kuratur tal-mużew, restawratur, storiku rispettat u kien ukoll imlaħħaq fil-bord tal-knisja dwar l-arti sagra. Id-disinn tlesta iżda meta nġiebu l-kwotazzjonijiet biex jitwettaq il-proġett, jidher li l-ispiża meħtieġa kienet kbira ħafna li qatgħet il-qalb sew tal-Kappillan kif ukoll tal-kuntrattur. U l-bieb baqa' kif kien.

Tletin sena ilu waqt li kont nistaqsi lil Pawlu Mizzi dwar xi affarijiet tal-knisja, kien issuġġerieli li sakemm xi darba jsir bieb, għandna ninfurraw dak li hemm. Niftakar lil Turu Grima jsewwi xi partijiet mill-bieb li kienu mmermrin u jżid xi strixxi fin-nofs, bejn il-bibien, għax ma kienx jagħlaq sew fin-nofs. U lil Louis Spiteri u lil Salvu Bonello jirranġaw il-firrolli u l-ganġetti. U qabbadna mastrudaxxa li kesa l-bieb kollu bil-plywood, kif inhu llum.

Fl-2005, id-disinji li kien jagħmel il-Kav. Vincenzo Bonello għaddew għand il-Mużew ta' Wignacourt li kien waqqaf Mons. Ġwann Azzopardi fir-Rabat, Malta. Is-sena ta' wara, fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif

tal-istess mużew, inħareġ ktieb li jiġbor dawn id-disinji. Fosthom hemm

i. id-disinn tal-artal maġġur tal-Parroċċa tagħna, (liema disinn jinkludi wkoll tribuna bl-istatwa ta' San Pietru - li ma saritx) u
ii. id-disinn tal-bieb il-kbir (li semmejt aktar qabel).

Id-disinn li kien sar għal Birżebbuġa, jinkludi fih tliet episodji importanti mill-ħajja ta' San Pietru jiġifieri: fil-parti tal-loġġ ta' fuq naraw panew bl-anġlu fuq ix-xellug u panew b'San Pietru fil-ħabs fuq il-lemin; f'nofs il-bieba tax-xellug naraw panew b'Ġesù jagħti ċ-ċwievet lil San Pietru, waqt li f'nofs il-bieba l-oħra tal-lemin insibu panew li juri l-martirju ta' San Pietru fuq salib rasu 'l isfel. Fil-kumplament tal-bieb insibu erba' gruppi t'erba' panewijiet kwadri iżgħar, b'rużun f'kull kwadru.

Id-disinn jinkludi skala, l-inizjali VB u s-sena 1959.

Nirringrazzja lil Kyle Incorvaia u Manuel Abdilla (*minn Ħaż-Żabbar*) li għamluli r-riċerka kif ukoll lil Joseph Scerri li għaddielna l-kopja tal-iscan (V Bonello Collection, Wignacourt Museum Archives, Rabat, Malta) li Mons. Ġwann Azzopardi kien ħa mid-disinji oriġinali.

Il-ktieb tad-disinji huwa: Vincenzo Bonello (1891-1969): Designer of ecclesiastical objects d'art and architectural works, *editjat minn* Azzopardi, John, 1937-2021 *u maħruġ fl-okkażjoni tal*-XXV Anniversary Celebrations, Wignacourt Collegiate Museum (2006 : Rabat, Malta).

Irreferejt ukoll għal artiklu simili minn Sandro Debono dwar: *id-disinn tal-Bieb tal-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu* - Ħżuż *tal-Kavallier Vincenzo Bonello* maħruġ mill-Għaqda tal-Armar 25 ta' Novembru, iż-Żejtun fil-Ktieb tal-Festa ta' Santa Katarina 2008.

Ir-Restawr tal-istatwa ta' San Ġużepp

Comm. John Taylor KCHS

(Informazzjoni miġbura minn Comm. John Taylor mingħand ir-restawratur Fr Charles Vella.)

Waħda mill-isbaħ opri li nsibu fil-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna ta' Birżebbuġa hi l-istatwa klassika tal-Patriarka San Ġużepp. Din hi maħduma fl-injam u nħadmet mill-iskultur Taljan Ferdinand Stuflesser fl-1961 ġewwa Bolzano, l-Italja.

Din il-vara hi magħmula minn zokk wieħed u tirrapreżenta lil San Ġużepp bħala l-missier putattiv ta' Ġesu. San Ġużepp qiegħed bilwieqfa fuq sħaba b'ħarstu 'l isfel, b'idejh il-leminija biswit l-ispalla ta' Ġesu, u b'idejh ix-xellugija qed iżomm ix-xettru bil-ġiljuwa fuqu. Oriġinarjament dawn kienu tal-injam, imma ftit taż-żmien wara, dan ix-xettru inbidel u ġie magħmul tal-fidda.

Kien ilu jinħass il-bżonn li jsir restawr ta' din l-istatwa peress li kienet f'kundizzjoni fqira minħabba l-eta', fatturi ambjentali u l-użu frekwenti waqt is-servizzi liturġiċi. Din is-sena sar ir-restawr mir-restawratur Fr Charles Vella ġewwa l-Bottega tiegħu fi Triq Sant'Ursola fil-Belt Valletta. Fir-rapport tiegħu Fr Charles tkellem dwar dan ir-restawr.

Instabu diversi problemi estensivi:

- Ħmieġ organiku fuq il-wiċċ, tebgħat kimiċi u ħsara minn fungi.
- Telf kbir taż-żebgħa, speċjalment fuq il-libsa, b'saffi taż-żebgħa fraġli u trab.
- Xquq fl-injam u fis-saffi ta' taħt.
- Żebgħa verniċjata bil-kulur isfar u interventi preċedenti b'materjali bħal *purpurina*.
- Ħsara simili fuq il-pedestall miż-żebgħa tad-deheb.

Fatturi ambjentali bħall-umdità għolja, aċidità tal-injam, u ħażna mhux xierqa kienu kawżi ewlenin tat-tniġġis. Fortuntament ma nstab l-ebda infestazzjoni attiva, iżda saret diżinfestazzjoni preventiva.

L-għan tar-restawr kien li jissolidifika l-istruttura, jitnaddfu u jiġu ppreservati s-saffi oriġinali, tiġi reintegrata ż-żebgħa u d-deheb mitluf, u jiġi applikat saff protettiv. Il-proċess kien jinkludi:



1. Ittieħdu ritratti b'riżoluzzjoni għolja qabel, waqt u wara l-interventi, inklużi imaging viżibbli u UV.
2. Saru testijiet ta' tindif b'solventi ġentili f'forma ta' ġel biex jitneħħew il-ħmieġ, tebgħat u materjali minn interventi preċedenti.

Wara t-tindif, kien imiss it-tiswijiet strutturali.

1. Is-saffi ta' *gesso* u żebgħa ġew ikkonsolidati b'materjali reversibbli.
2. Il-lakuni mtlew b'*gesso di Bologna* u kolla tal-annimali.
3. L-ixquq ġew mimlija b'materjali sintetiċi espandibbli.

Ir-restawr kompla permezz tal-irtokk u żebgħa tad-deheb.

1. Iż-żebgħa mitlufa ġiet reintegrata b'pigmenti speċjali reversibbli.
2. Id-deheb imħassar ġie restawrat b'folji ta' deheb jew trab tad-deheb permezz ta' tekniki bħal *tratteggio* u *mimetic*.
3. Applikata patina artifiċjali biex il-ġdid jintegra mal-qadim.

Finalment sar saff preventiv. Ġie applikat vernić trasparenti li ma jisfarx, jipproteġi mill-UV u hu reversibbli. Dan jgħin biex jipproteġi l-wiċċ kontra l-marki tal-idejn u d-dawl.

Il-konservazzjoni reġgħet irrestawrat l-istat oriġinali kemm viżivament kif ukoll strutturalment tal-istatwa. Bħalissa qiegħed isir ukoll ir-restawr tal-pedestall.



Dolmens u Menħir f'Birżebbuġa

Michael Balzia

Charles Fiott fil-ktieb tiegħu 'Towns and Villages in Malta and Gozo' isejjaħ lil Birżebbuġa 'An open History Book'. U ma kienx bogħod mir-realtà. Għaliex dan ir-raħal, minkejja li għandu storja pjuttost kontemporanja, huwa rikk f'dawk li huma siti preistoriċi u l-arkeoloġija hija miżgħuda b'artifatti li nstabu hawnhekk matul iż-żminijet u li juru biċ-ċar li l-bniedem uman abita f'dawn l-imkejjen mill-iktar żminijiet imbegħda.

Fost dawn l-artifatti għadhom sal-lum jinstabu menħir u dolmen fl-inħawi ta' Ħal Far li fortunatament ma ġralhomx bħaż-żewġ dolmens oħra li nqerdu u li llum narawhom biss fuq ir-ritratti.

Birżebbuġa Dolmen

Dan id-dolmen (speċi ta' niċċa msaqqfa) kien innutat minn L. Gravina u kien jinstab fuq in-naħa tax-xellug ta' Wied Żembaq, faċċata ta' Borġ in-Nadur. J.D. Evans fil-ktieb tiegħu 'The Prehistoric Antiques of the Maltese Islands', ippubblikat fis-sena 1971, jiddeskrivih li kellu għatu (capstone) tal-franka bil-qisien ta' 2.70 metri tul, b'2.40 metri wiesa' u 0.45 metri ħxuna. Kien oriġinarjament wieqaf fuq tlett saqajn tal-ġebel, iżda meta waħda minn dawn inkisret, dan ċeda u ġġenneb fuq l-art u kien qed iżomm 'il fuq mill-ħamrija fuq l-oħra.

L-istorjografu Żurrieqi Rev. John Farrugia, fil-ħarġa ta' gazzetta 'The Sunday Times of Malta', tad-29 ta' Settembru 1946, jagħti wkoll deskrizzjoni ta' dan id-dolmen taħt it-titlu 'Dolmen identified at Birzebbugia' u li b'xi mod jew ieħor jaqbel ma' dik li ta Evans. Huwa emfasizza l-fatt li dan id-dolmen kien kontemporanju ma' dawk oħra mibnija f'postijiet oħra f'Malta madwar 4,000 sena ilu. Minkejja wera x-xewqa li jkun irrestawrat għall-istat oriġinali tiegħu, dan ma seħħx għaliex dan id-dolmen intilef matul iż-żminijiet li ġew wara.

Borġ in-Nadur Dolmen

Dan il-'monument' żgħir kien oriġinarjament deskritt bħala 'dolmenic niche' fil-Museum Annual Report (M.A.R. 1914-1915). Kien jinstab xi sebgħin metru bogħod fuq il-majjistral tal-ħajt difensiv ta' Borġ in-Nadur u fix-xlokk tal-Villa Rumana u kien jikkonsisti minn blata (capstone) ta' 4.05 metri tul, u 2.10 metru wiesa'. Il-ħxuna tal-blata kienet tvarja bejn 0.45 metru u 0.60 metru.

Dan l-ispeċi ta' dolmen (għaliex fil-veru sens tal-kelma ma kienx jidher bħala wieħed komplet) kien maqsum f'żewġ spazji minn ħajt magħmul minn ġebel żgħir li probabilment kien jifforma kamra twila. Kien jinstab mistrieħ fuq żewġ blatiet bħala sapport, bin-naħa ta' wara jserraħ mal-art, bil-blata l-mimduda mkissra f'diversi partijiet.

Peress li L. Gravina kien neħħa xi torba li kienet tiċċirkonda dan id-dolmen, il-qisien li ta Evans ta' dan id-dolmen ma jaqblux ma' dawk li dehru fir-rapport tal-M.A.R. tal-1915.

Id-Dolmen ta' Wied Żnuber

Dan id-dolmen, illum, fortunatament wieħed għadu jista' jarah, jinstab fuq in-naħa tal-punent ta' Wied Żnuber, fil-parti tat-tramuntana tiegħu. Huwa magħmul minn żonqor (coralline limestone) u hu magħmul minn blata b'3.66 metri twila, 1.83 metri wiesa' u 09.15 metru ħoxna, bit-tarf li jħares lejn in-nofsinhar maħruġa 'l barra u kemmxejn illixxat. F'nofs il-blata hemm ħofra ta' xi 5 ċentimetri fonda. Fl-istess wiċċ, in-naħa ta' nofsinhar, jinstab kanal imħaffer tul il-faċċata kollha, fil-waqt fil-part l-aktar baxxa ta' dan il-wiċċ, fuq iż-żewġ naħa



tiegħu hemm bħal toqob tondi mħaffrin, tnejn fir-ras, u tnejn fin-nofs tal-blata bil-qisien ikunu ekwidistanti minn xulxin.

Il-blata l-mimduda (rettangulari) tinstab madwar 0.76 metri 'l fuq mill-art fuq żewġ saffi tal-ġebel fit-truf.

Kien f'Marzu tal-1914 meta Prof. N. Tagliaferro għarraf lil Sir Temi Zammit fuq dolmen li kien jinsab f'Ħal Far u li kien magħruf min-nies tal-lokal bħala '*Ġebla Msakkfa'*.

Sabiex ikun ippreservat aħjar, l-Awtoritajiet Ċivili kienu akkwistaw l-art mingħand Gaetano Schembri miż-Żurrieq.

Il-Menħir ta' Ħal Far

Dan il-menħir (plier, li wkoll wieħed jista' jarah quddiem l-E.T.C., qabel l-Officers' Mess of the Naval Air Station) kien qabel jinstab wara l-Kappella ta' Sant'Anġlu ta' Ħal Far fuq l-art tal-Markiż Cassar Desain u kien ġie mċaqlaq mil-lokal oriġinali tiegħu sabiex ikun jista' jkun ippriservat aħjar.

Jidher qisu tip ta' piramida li tajrulha l-ponta u hu magħmul minn żonqor (calcaerous stone) u kien probabilment maqtugħ mill-istess post. Waqt li hu għoli madwar 2.89 metru, huwa wiesa' 1.67 metru filwaqt il-bażi għandu ħxuna ta' 0.61 metru.

Dan il-menħir kien magħruf bħala 'Ġebel Malik', b'malik tfisser mexxej bil-Lhudi.

Il-menħir iħares lejn xlokk il-lvant.

Ħajr lil:

Heritage Malta għar-ritratti antiki tad-dolmens.
Staff tal-Arkivju Nazzjonali, Ir-Rabat, Malta.
Staff tal-Bibljoteka Nazzjonali, Il-Belt Valletta.
Staff tal-Arkivju tal-Public Works, Floriana.






100B
Plan showing in Pink colour the site of a Dolmen at Hal Far contrada 'ta' Wied Znuber' in the limits of Żurrieq, the Utile Dominium of which is proposed to be acquired from Gaetano Schembri for the purpose of the better preservation of the monument; and in yellow colour a strip of land over which a right of way to the Dolmen is proposed to be established.
Both the plot of land coloured Pink and the strip coloured yellow form part of Tent 803 of which the Government enjoys the Directum Dominium.
The plot of land coloured Pink measures 78.54 square yards and is valued as freehold at £1.3.2 apportioned as to £0.9.10 value of the Utile Dominium and as to £0.13.4 value of the Directum.
The strip of land coloured yellow measures 292 square yards, the compensation for subjecting same to a perpetual right of way to the Dolmen is estimated at £4.7.0 apportioned as to £1.15.2 for the Utile Dominium and £2.11.10 for the Directum Dominium.
Gov't. Tent. 172803.
Plan to accompany Minute 20 dated 30.5.34 to Treasurer
Public Works Office
Valletta 30th May 1934
Director.
130F

100B
S. Sheet 147
130
- DOLMEN AT HAL FAR. -
A
B
VICOLO
TA WIED ZNUBER.
SCALE 1/2500
FEET
P.W. 832/34.
Trans. Mus. 21/34
Plan to accompany Minute dated 12.10.34 to S. of M.
PUBLIC WORKS OFFICE, VALLETTA, 1934
Stamped 12.10.34.
SUPERINTENDENT
130



Menhir at Hal Far. 1914. Scale 1:50

Dun Danjel Farrugia - 50 sena saċerdot

David Spiteri B.Ed (Hons)

Din is-sena fis-27 t'April, Dun Danjel Farrugia għalaq 50 sena saċerdot. Dan is-saċerdot kien jgħix Birżebbuġa mal-familja tiegħu u għamel l-ewwel snin bħala saċerdot jaħdem fil-parroċċa tagħna. Meta sirt naf li se niċċelebraw dan l-anniversarju tas-saċerdozju tiegħu, moħħi u ħsibijieti mar lura fiż-żmien u malajr ġewni memorji sbieħ ta' Dun Danjel, dan il-qassis maħbub minn kulħadd.

Kont abbati meta sirt naf lil Dun Danjel. Kien jieħu ħsieb l-abbatini ta' Birżebbuġa jekk mhux sejjer żball fl-aħħar snin ta' Mons Minuti bħala kappillan. Dak iż-żmien, jien u grupp ta' abbatini ħbieb tiegħi kellna madwar 12-il sena u bdejna naħsbu biex ma nibqgħux abbatini imma bis-saħħa ta' Dun Danjel bqajna hemm anke ftit snin wara li telaq hu, fi żmien Dun Karm Frendo.

L-iktar li niftakar u tibqa' f'moħħi hi l-ħlewwa ta' dan il-qassis. Kien qassis twajjeb, ħelu minn ġewwa u minn barra, dejjem bit-tbissima fuq wiċċu, kalm u seren, lest biex jisma' u jgħin lill-oħrajn. Irnexxielu bil-kariżma tiegħu jiġbidna lejn il-Knisja biex nibqgħu noffru s-servizz tagħna bħala abbatini.

Niftakar il-familja tiegħu li kienu joqogħdu f'dar sabiħa ħafna fil-bidu tal-Qajjenza. Din id-dar għadha hemm imma, safejn naf jien, tintuża mis-sorijiet. Ġieli niftakar li kien jeħodna d-dar tiegħu biex nistennewh sakemm ilesti ħalli mmorru l-baħar. Ommu u missieru u anke ħutu fosthom Rosita kienu kollha nies umli u li kienu jilqgħuna ħafna u dejjem kalmi u bit-tbissima fuq fommhom.

Niftakar ukoll in-nanna ta' Dun Danjel li kienet toqgħod f'dar ħelwa wara l-kappella ta' San Ġorġ. Ma kinitx toħroġ mid-dar għax kienet mara kbira. L-istess kellha karattru ħelu. Ommi kienet tmur iżżurha peress li kienet membru tal-Grupp Għajnuna Soċjali tal-parroċċa. Din l-anzjana ħadet grazzja m'ommi u kienet tghidilha biex tmur ghandha biex tgħinha ftit. Iżda hi kienet tkun tridha biex joqogħdu jgħidu kelma flimkien. Ommi kienet tmur spiss iżżurha u ġieli teħodni magħha u kienet timpressjonani kemm kienet mara twajba u ta' karattru sabiħ bħall-kumplament tal-familja ta' Dun Danjel.

Awguri Dun Danjel!

Ad Multos Annos!



Ritratti mill-imgħoddi

Arthur Grima

Ritratt 1

Ritratt 2



Ritratt 3

Ritratt 4

Ritratt 1: Purċissjoni bil-Madonna ta' Fatima li kienet daret il-parroċċi.

Ritratti 2, 3 u 4: Tfal tal-iskola mexjin mad-dawra tax-xatt. Huma kienu qegħdin jieħdu sehem fil-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. L-iskola dak iż-żmien kienet fejn qabel kien hemm il-lukanda Seabreeze u issa hemm il-lukanda Sand Dune.

TIFKIRIET MILL-PASSAT TAL-BANDA BIRŻEBBUĠA AD1990

Sur Daniel Vella
Preżentatur

35 sena ta' storja b'ħidma kontinwa b'ħeġġa, kuraġġ u motivazzjoni, elementi importanti ferm f`soċjeta bandistika biex tkompli tifrex il- ħidma fil-kultura, kif wara kollox dejjem għamlet din is-soċjeta sa mill-1990 f'dan ir-raħal ta' Birżebbuġa.

Huma bosta tifkiriet sbieħ tul dawn il-35 sena, fosthom iżda żgur hi dik meta l-banda 35 sena ilu daqqet għall-ewwel darba fil-festa. Kien il-Ħamis 2 ta`Awissu 1990 meta l-Banda Birżebbuġa daqqet fit- tieni jum tat-Tridu ad unur San Pietru. Kien sar marċ mat-toroq tal-parroċċa fost ferħ kbir u briju u hekk kif il-banda waslet fil-pjazza ġiet imbierka fuq iz-zuntier tal-knisja mill-Kappillan tal-Parroċċa Dun Ġużepp Farrugia. Dak inhar ukoll indaqq għall-ewwel darba l-Innu tal-Banda, mużika tas-Surmast Michael Bugelli.

Tifkira oħra fil-bidu tas-soċjetà, kien l-akkwist tal-ewwel sede tas-soċjetà, numru 77 Triq Birżebbuġa. Kien eżatt fil-31 ta' Jannar 1990 meta ġie akkwistat dan il-post. Dan, wara li sar ħafna xogħol fih mill- membri volontiera, beda jservi bħala l-ewwel sede uffiċjali tas-soċjeta.

Tifkiriet - Recordings Marċi

Il-Banda Birżebbuġa, sa mill-ewwel sena tat-twaqqif tagħha, ħarġet l-ewwel recording tal-marċi brijuzi, fejn kompliet matul is-snin 90 toħroġ recording kull sentejn, 1992-1994, 1996, 1998. Dawn kollha maħruġa fuq tapes.

cover tapes Banda Birżebbuġa snin 90

Il-banda kienet protogonista f'dan il-qasam tant li fl-istess żmien ħarġet anke sett funebri.

Marċi Mro Michael Bugelli – 25 sena Surmast

Fl-2015 is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa ħarġet recording b`marċi kollha tas-Surmast Michael Bugelli.

Dan ir-recording ifakkar il-25 sena direzzjoni tas-Surmast Bugelli ma' din il-banda.

Sett marċi li jinkludi fih :

Innu Marc il- Ġawra tal- Iljun
Viva l-Banda l- Ġdida
Karmenu w Lawrence
Statwa Ġdida
X`Każin għandna tal-Iljun
Il-Mosti
Ħaddiema tal-każin il-ġdid
L-Ewwel President tas-Soċjetà
Fontispizju
15-il sena Surmast
Tal-Ġimgħa
Josette
Matthew
Vienna
Innu Tal-Banda.

Dan ir-recording din is-sena jagħlaq 10 snin minn meta kien maħruġ.

Għeluq

Ċertament is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa tul dawn il-35 sena ħadmet biex tkompli fit-triq ta' suċċess u sodisfazzjon.

Għandha dati memorabbli u tifkiriet ferm sbieħ. Wieħed irid jagħti mertu lill-kumitati li kellha s-soċjetà sa mill-bidu tagħha, li mexxew bl-aqwa mod possibli b`tant sagrificcji, għaqal u fiduċja.

Awguri lil din il-banda biex il-futur ikompli jimla' bil-kuraġġ u saħħa għal iżjed impenn lil din is-soċjetà



Minn Lenti ta' Villeġjatur ġewwa Birżebbuġa

Raoul Briffa M.A.(Melit.); B.A.(Hons); YCS(Melit)

Hija komuni li ħafna familji Maltin ikollhom post ta'villaġġjatura ġewwa ċerti rħula fejn insibu il-baħar. Bosta huma dawk il-familji, speċjalment min-naħat t'isfel ta' Malta li għandhom il-post tal-villeġjatura tagħhom ġewwa Birżebbuġa. Fost dawn il-familji, kienu n-nanniet tiegħi, li fix-xhur sħan tas-sajf kienu jqattgħu dan iż-żmien, kemmxejn ta' mistrieħ ġewwa r-raħal ta' Birżebbuġa.

Ta' tifel żgħir li kont, kif jibdew il-vaganzi, kien l-hena tiegħi li kont inqatta' ħafna mill-ħin, nista' ngħid ġranet, man-nanniet ġewwa Birżebbuġa u b'hekk fil-perjodu tas-sajf kont inħossni parti mill-komunità ta' Birżebbuġa. Minn dejjem kont dilettant tal-festi u dejjem kont ninteressa ruħi ħafna fil-festi Maltin. Minħabba li l-festa ta' San Pietru tinzerta kważi f' nofs is-sajf, kont insegwi l-proċess kollu tal-armar u anke l-mod kif tiġi ċċelebrata l-festa ta' San Pietru. Waħda mill-affarijiet li tagħmel il-festa ta' Birżebbuġa unika hi d-demostrazzjoni tal-istatwa ta' San Pietru fuq il-baħar. Minn ċkuniti dejjem ħaduni nsegwi ż-żewġ demostrazzjonijiet li jsiru fuq il-baħar miż-żewġ każini. Din minn dejjem kienet xi ħaġa unika li ssir biss ġewwa Birżebbuġa. Kont ukoll niġbor iż-żewġ pubblikazzjoniiet li joħorġu l-każini kif ukoll il-fuljett tal-parroċċa.

Kif bdejt nitfarfar, bdejt ninteressa ruħi fl-armar tal-knisja u grazzi għall-perit Michael Schembri kont nagħti ftit mis-sehem tiegħi fl-armar tal-knisja. Ta' min isemmi d-dettal mill-isbaħ tat-tuzell u l-proċess li fih biex jintrama. Tul is-snin bdejt anke nilbes bħala fratell fit-translazzjoni u anke għal xi snin fil-Ħadd tal-festa waqt il-purċissjoni.

Waħda mill-karatteristiċi sbieħ u li hija popolari għaliha r-raħal ta' Birżebbuġa, huwa bla dubju l-baħar. Ma nistax ma nsemmix il-ġranet sħaħ li qattajt il-baħar, fejn kienu jeħduni kważi kuljum. Xtaqt insemmi ftit ir-rutina u nqisu aktar bħala ritwal li kont nagħmel ta' kuljum ġo dan il-villaġġ ħelu ta' Birżebbuġa. Ħafna drabi flimkien man-nanna tiegħi konna nibdew il-ġurnata billi mmorru l-quddiesa fil-knisja ta' San Ġorġ fejn kont ngħin il-quddiesa bħala abbati u li kien iqaddes il-mibki Monsinjur Innocenz Borg. Monsinjur Borg, ukoll kien igawdi s-sajf fil-villeġjatura tiegħu ġewwa Birżebbuġa. Ġieli konna mmorru wkoll il-quddiesa tal-parroċċa li kienet tibda fit-7:45am u ħafna drabi kien dejjem iqaddes Dun Ġuzepp Berry. Dun Berry kien tani l-opportunita li nibda nkun abbati miegħu wkoll u ta' tifel li kont apprezzajt ħafna. Wara l-quddies, dritt għax-xirja mingħand tal-ħaxix, żjara l-ħwienet tal-merċa u nixtru



ħobża friska mingħand tal-forn. Din ir-rutina kienet tkun ta' kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgha, li bejn il-quddiesa u l-qadi, dejjem kienet tieħu xi saghtejn, għax ovvjament għamilna ħbieb ma' ħafna parruċċani u konna ngħidu xi kelma jew tnejn.

Hawnhekk wiehed japprezza s-sabiħ ta' komunità hekk kif komunità tilqgħek u tibda tħossok parti minnha. Sal-lum il-ġurnata għad għandi numru ta' ħbieb minn Birżebbuġa, li għamilt tul is-snin waqt dawn l-imsemmijin xhur sbieħ tas-sajf. Anke membri tal-familja tiegħi permezz tal-villeġjatura għamlu ħbieb ma' diversi nies minn Birżebbuġa. Nemfassizza fuq kemm hu sabiħ li persuni jingħaqdu f'komunità u li l-komunità tkun dejjem miftuħa biex tilqa' nies ġewwa fiha. Matul is-snin il-komunitajiet kollha f'kull belt u raħal għaddew minn tibdiliet kbar li forsi xi kultant ma nkunux qegħdin naraw dawn it-tibdiliet li jkunu qegħdin iseħħu quddiem għajnejna.

Jekk inqabblu, eżempju, l-festa ta' Birżebbuġa ma' festi oħrajn f'Malta u Għawdex nistgħu ngħidu li mhux waħda antika ħafna, iżda hi festa li kibret ħafna matul is-snin. Kif ħafna jafu, Birżebbuġa saret parroċċa fl-1913 u l-festa bdiet tevolvi mas-snin, speċjalment meta twaqqfu ż-żewġ każini tal-lokal.

Tul is-snin wieħed jista' jara l-bidliet li seħħew fil-festa, anke jekk wieħed iqabbel il-festa kif kienet tiġi ċċelebrata ħamsa u għoxrin sena ilu, jara ċerti differenzi. Għalkemm ir-ritwali ġenerali, biex insejħilhom hekk, dejjem baqgħu l-istess, bħall-purċissjoni bil-vara titulari, il-marċi, il-quddiesa solenni, it-tridu u t-translazzjoni, f'dawn il-ħamsa u għoxrin sena, jien ukoll bħala villeġjatur fir-raħal ta' Birżebbuġa rajt differenzi fil-festa li komplew kabbru din il-festa sabiħa. Min-naħa ta' armar, ta' min isemmi il-linef il-ġodda li komplew sebbħu l-knisja fil-jiem tal-festa titulari. Mill-2013, wara s-sena ċentinarja, t-translazzjoni bdiet issir mill-knisja l-antika tad-Duluri, flok mill-knisja tas-Sagra Familja. Inkitbet ukoll l-antifona l-ġdida, ta' Mro. Ray Sciberras u anke bdiet tingħata aktar importanza l-mużika fil-knisja, lejlet u nhar il-festa. Ta' min isemmi wkoll li f' dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena ġie ntrodott id-daqq tal-arloġġ tal-knisja u anke ttellgħu fil-kampnar żewġ qniepen li jintużaw għad-daqq tal-arloġġ. Wieħed seta' jinnota wkoll kemm żdied l-armar tal-festa fil-pjazza, speċjalment id-drapp ġdid.

Wieħed ta' min isemmi x-xogħol volontarju li jagħmlu numru ta' nies biex itellgħu festa, fejn il-ħidma ssir mhux biss fl-aħħar xahar ta' qabel il-festa, iżda tul is-sena kollha. Il-festa tgħaqqad il-komunità flimkien u kif isemmu Brigulio u Sultana (2015) attivitajiet soċjali fil-pajjiż huma ta' importanza għall-komunità u jħallu mpatt mhux biss fuq dawk li jikkontribwixxu iżda anke fuq dawk li ma jagħtux sehemhom. Il-festa hi eżempju ċar ta' dan. Apparti minn hekk, tul dawn is-snin fir-raħal ta' Birżebbuġa stajt ninnota l-introduzzjoni tal-attività 'Milied fil-Pjazza' li sar appuntament annwali mhux għan-nies tal-lokal biss, iżda għal numru ta' Maltin. Apparti minn hekk, tajjeb insemmu l-introduzzjoni tal-festa tal-Irxoxt li kompliet tkabbar il-kultura f'dan ir-raħal. Għalkemm il-komunità tinbidel u tevolvi, dawn huma l-attivitajiet li jżommu r-raħal ħaj.

Jalla r-raħal tant sabiħ ta' Birżebbuġa jkompli jikber, kemm socjalment, u kemm kulturalment. Huwa mportanti li n-nies li jmexxu dan ir-raħal fil-pożizzjonijiet rispettivi li jinsabu fihom, bħall-kumitati, ma jinsew qatt l-għeruq ta' missirijiet missirijietna li, għalkemm il-bidla u l-progress ma jistgħux jitwaqqfu, l-għeruq li nbnew fuqhom dawn it-tradizzjonijiet sbieħ tar-raħal jissaħħu iżjed u nibnu fuqhom u mhux jitqaċċtu.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

Referenzi

Briguglio, M. & Sultana, A. (2015). The effect of the Maltese Festa on Well-being: An

economic analysis, with a focus on youth participation. In A. Azzopardi (Ed.) Young

People & The 'Festa' in Malta. Mqabba: Society of St. Mary and King George V Band

Club.

Personaġġi Antiki

Pierre Zammit

Kelmtejn fuq il-mibki Marco Vella (In-Nusu)

Marco kien wieħed minn tal-ewwel li ta l-appoġġ bis-sħiħ lis-soċjetà. Kien il-ħin kollu jaħseb kif se joħloq aktar briju fil-marċi u jiġbor aktar żgħażagħ. Kien jorganizza leagues tal-futbol, tournament tal-biljards u darts etc. Ħaġa oħra li kellu għal qalbu ukoll, li llum ma ssirx hi li wara li jidħol San Pietru fil-knisja nerħulha b'serbut karozzi lejn Għawdex għad-diskoteka La Grotta. Wara nieħdu kolazzjoni, qabża l-baħar u mbagħad immorru niltaqgħu mal-kumplament tal-membri tas-soċjetà l-Armier għax-xalata tal-għada tal-festa. Kien iħobb jorganizza l-carcade party fuq it-trailer. Kien żmien sabiħ li gawdew ħafna żgħażagħ u kif ukoll is-soċjetà li tant kien iħobb. Żgur li San Pietru refagħlek post speċjali. Itlob għalina u grazzi tal-ħbiberija tiegħek. ♥

Kelmtejn fuq Joseph Pace (Tal-Majna)

Joseph huwa persuna oħra li fil-passat kien attiv ħafna u kien parti mis-soċjetà tagħna u kien parti mis-suċċessi li s-soċjetà tagħna waslet fejn waslet. Kull persuna fil-passat kienet valida u għadha valida sallum. Joseph kien jokkupa pożizzjonijiet differenti fil-kumitati tal-passat.

Huwa magħruf ukoll għall-imħabba li għandu lejn iż-żwiemel. Hu flimkien ma' membri oħra tas-soċjetà, kien irnexxielu jgħaqqad in-namur taż-żwiemel m'attivitajiet b'tiġrijiet taż-żwiemel li kienu jsiru fil-mitjar l-antik ta' Ħal Far. Il-qliegħ minn dawn l-attivitajiet kien imur għall-ispejjeż tal-festa. Niftakar il-kuraġġ u d-dedikazzjoni li kellu biex tittellà attività bħal din. Tista' tgħid li kien wieħed mill-imħuħ flimkien ma' ħafna oħrajn, fosthom il-mibki Marco Vella, in-Nusu, Joe l-Prince li kien jieħu ħsieb il-kitba taż-żwiemel u t-tlugħ tal-poloz kif ukoll lil Mario u lil Peter tan-Niger Stables. Dawn it-tlielaq taż-żwiemel kienu wkoll isiru bl-għajnuna ta' ħafna benefatturi oħrajn bħal Ministri u Membri Parlamentari ta' dak iż-żmien taż-żewġ naħat li kienu joffru l-għajnuna tagħhom biex jinxtraw il-premijiet bħaċ-Challenge Cups u trophies oħrajn. Dawn kienu jingħataw lir-rebbieħa. Grazzi wkoll tmur għall-kumitat ta' dak iż-żmien li dejjem appoġġjaw dawn l-attivitajiet. Għadni nammira lil Joseph għax għadu jiġi jgawdi l-festa u jilbes l-ewwel flokk (gear) li għamlet is-soċjetà ta' dak iż-żmien.

Grazzi tax-xogħol li sar fil-passat u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. San Pietru, żomm idejk fuqna.

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa A.D. 1990 tifraħ ma'...

Il-Bandist tal-post Peter Paul Caruana li gradwa fit-Taghlim tal-Malti bħala Lingwa Barranija.

Il-Bandisti tal-post Daniela u Francesco Barbara għat-twelid ta' binhom Matteo li twieled fl-14 ta' Settembru, 2024.

Lil l-Assistent Surmast Mro. Christopher Bonnici li nħatar Surmast tal-Banda Marija Assunta Ħ'Attard A.D. 1999 u kif ukoll Maestro Di Cappella Madonna tad-Duttrina Ħal Tarxien.

Eman Farrugia u l-mara tieghu Sephora ghat-twelid ta' binthom Amelia li twieldet fil-5 t' April, 2025.

Lil Ludwig Noel Desira, l-ghalliem tal-istrumenti tal-injam, li laħaq Surġent fl-Armata ta' Malta.

Trustin Farrugia Cann li ġie elett mill-ġdid President tal-Malta Football Referees Association.

Dun Danjel Farrugia fil-50 anniversarju saċerdotali tiegħu.

Emmanuel Francalanza – Rebbieħ ta' Ġieh Birżebbuġa 2024.

Joe Julian Farrugia – awtur ta' kanzunetti Maltin għall-Mużika Mużika u għal Malta Eurovision Song Contest.

Nathan Psaila – Finalist fil-Malta Eurovision Song Contest għat-tielet sena konsekuttiva.

The Alchemists – Finalisti fil-Malta Eurovision Song Contest.

Andrea Camilleri li waslet għall-Quarter Finals tal-programm televiżiv Brillanti Malta.

Reyhan Vella li kisbet Baċċelerat tal-Arti fl-Edukazzjoni u l-Kura tat-Tfal.

Elishia Attard li kisbet Bachelor of Commerce in Banking & Finance and Marketing.

Clare Baldacchino li kisbet Master of Business Administration in Financial Management b'Distinzjoni.

Mark Anthony, Mattia u Luca, tliet abbatini mill-parroċċa tagħna għas-servizz illi taw fil-Bażilika ta' San Pietru, il-Vatikan.

Id-Direttur Ġenerali Benji Caruana flimkien ma' martu Alison li ngħaqqdu fis-sagrament taż-żwieġ.

Jamie Cardona rebbieħ tal-Konkors Mużika Mużika bil-kanzunetta 'Stajna Konna Aħna'.

Miriana Conte rebbieħa tal-Malta Eurovision Song Contest bil-kanzunetta 'Serving'.

The Dancing Angels għall-klassifikazzjoni tagħhom fil-Karnival; Sezzjoni B it-Tieni Post u Sezzjoni Ċ it-Tielet Post.

Triton Carnival Company li rebħu l-karru f'Sezzjoni A.

Birżebbuġa ASC li temmew 27 siegħa maratona tal-għawm. Inġabret is-somma sabiħa ta' €20,000 b'risq Caritas Malta, Amy u familji fil-bżonn ġewwa Birżebbuġa.

Il-Klabb tar-Regatta ta' Birżebbuġa Champions tax-shield ta' Kategorija B fir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien.

It-Tim tal-Minors ta' Birżebbuġa St. Peter's FC li ġew promossi għas-Sezzjoni Ċ tal-kampjonat.
It-Tim Birżebbuġa St. Peter's FC Youth Team li ġew iddikjarati Champions ta' Sezzjoni D.
Birżebbuġa St. Peter's FC li kkonfermaw il-promossjoni għaċ-challenge league.
Lit-Tim ta' Birżebbuġa St. Peter's FC għar-rebħ tal-kampjonat Amateur League 1.

Birżebbuġa Windmills U15 li ġew promossi għal Section C.

Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK) Birżebbuġa

Reyhan Vella Bachelor of Arts in Early Childhood Education and Care

Żgħażagħ Azzjoni Kattolika (ŻAK) Birżebbuġa hija fergħa mill-organizazzjoni ŻAK. Fir-raħal tagħna ilha ammont ta' snin tilqa' żgħażagħ t' etajiet differenti u tieħu ħsieb l-iżvilupp soċjali u spiritwali; miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ. Fi gruppi differenti isiru laqgħat ta' kull ġimgħa u matul is-sena jiġu organizzati attivitajiet bħal live-ins, bbqs, safar, camping, ġranet flimkien u oħrajn. Permezz tal-laqgħat u l-attivitajiet, ŻAK Birżebbuġa joffri valuri tajbin waqt li jgħin liż-żgħażagh jirriflettu, jitgħallmu u jikkollaboraw flimkien.

Grazzi għall-ħafna ħidma volontarja kif ukoll fondi li niġu offruti qegħdin intejbu l-ambjent taċ-ċentru u ninvestu f'iktar riżorsi biex il-laqgħat ikunu dejjem ta' kwalità aħjar u addattati skont il-bidla taż-żmien.

ŻAK Birżebbuġa huwa grupp involut fil-komunita' tar-raħal tagħna.B'mod annwali, fi żmien l-Għid il-Kbir intellgħu d-dramm tal-passjoni. Napprezzaw li tkun avveniment fejn jieħdu sehem membri tagħna, ex-membri u nies mill-komunità' b'mod ġenerali. Ikun avveniment li jgħaqqad ħafna nies mir-raħal. F'dan iż-żmien flimkien mal-kappillan nagħtu s-sehem tagħna fl-eżerċizzi, viżti u fil-mixjiet spiritwali li torganizza l-Parroċċa. Żmien il-Milied, intellghu Presepju Ħaj waqt l-attivita' Milied fil-Pjazza. Fi żmien il-festa ta' San Pietru niftħu ċ-ċentru għall-membri preżenti, dawk li kienu membri u għar-residenti fejn kulħadd jingħaqad flimkien waqt bibita ċkejkna.

Żgħażagħ li jixtiequ jingħadu ma' ŻAK Birżebbuġa mitluba jkellmuna fuq il-paġna ta' facebook. Minn hawnhekk nirringrazzjaw lil kull min b'xi mod jew ieħor jagħti s-sehem tiegħu lil din l-organizazzjoni fir-raħal tagħna.

Nawguraw l-festa t-tajba lil kulhadd u li tkun festa fejn dejjem niftakru f'dak li ghallimna l-Padrun taghna San Pietru.

Viva San Pietru!

Tislima lill-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona O.P.

Andre Galea

Nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu, 2025 tħabbret il-mewt tal-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona O.P.. Huwa miet fl-età ta' 79 sena. Huwa serva bħala arċisqof ta' Malta mill-2007 sal-2014. Meta kien arċisqof, huwa żar kemm-il darba l-parroċċa tagħna u anke lis-Sede tagħna.

Fis-27 ta' Lulju, 2007, l-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona O.P., inawgura l-kamra tal-kumitat. Din issemmiet Sala San Ġorġ Preca. Qabel wieħed jidħol fis-sala tal-kunċerti, hemm irħama li tfakkar din iż-żjara.

Fl-14 ta' Jannar, 2015, l-Arċisqof Emeritu Mons. Pawlu Cremona O.P., mexxa quddiesa solenni fl-okkażjoni tal-25 sena mit-twaqqif tal-Banda tagħna - Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990, fil-knisja parrokkjali ta' Birżebbuġa. Waqt din il-quddiesa, il-President tas-soċjetà tagħna, Chev. Alexander Caruana, irregala ċensier ġdid lill-parroċċa fl-okkażjoni tal-anniversarju. Niftakar din l-okkażjoni sew għax jien flimkien ma' ħija Luca u abbatini oħra, konna qed nagħtu servizz. Dan iċ-ċensier għadu jintuża' fil-Ħdud u anke f'okkażjonijiet oħra. Dakinhar, l-Arċisqof Emeritu kien żar is-Sede tagħna u nkixfet irħama li tfakkar il-fundaturi tas-soċjetà. Din tinsab fl-entratura tas-Sede tagħna. Wara kien sar reċiviment.

Nagħlaq billi nfakkar ukoll fiż-żjara li saret mill-Arċisqof Emeritu ġewwa Birżebbuġa nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru, 2013 f'għeluq il-100 sena parroċċa. Huwa kien mexxa quddiesa pontifikali. Dakinhar l-Arċisqof Emeritu kien għadda messaġġ lill-parruċċani ta' Birżebbuġa u għalaq il-messaġġ tiegħu hekk:

"Dan huwa li nixtieq fuqkom, ħuti l-għeżież, parrruċċani ta' din l-parroċċa: jalla l-Mulej Ġesu permezz tal-ittri ta' San Pietru u l-eżempju ta' San Pietru inkluż bil-ktajjen, irawwimkom biex ilkoll, kull wieħed u waħda minnkom, tibbażaw ħajjitkom fuq dak li bbaża fuqu San Pietru jiġifieri il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, li għandu biss Sidna Ġesu Kristu. "

Tislima lil Mons. Alfred Micallef Cap.S.S.

Rachel Galea B.Ed (Hons)

Nhar it-Tlieta 10 ta' Diċembru, 2024 tħabbret il-mewt ta' Mons. Alfred Micallef Cap.S.S.. Għal dawn l-aħħar snin, huwa kien qed jgħix fid-Dar tal-Kleru. Hu kien xtaq li l-funeral tiegħu jkun wieħed sempliċi.

Għalina jibqa' magħruf bħala Dun Alfred, qassis twajjeb, umli u qaddis. Dun Alfred kien ġie ordnat saċerdot flimkien ma' żewġ saċerdoti oħra, Dun Ġużepp Berry u Dun Vinċenz Deguara mill-parroċċa tagħna mill-Arċisqof ta' Malta Mikiel Gonzi nhar is-7 t'April, 1962.

Lil Dun Alfred kont tarah miexi fit-toroq, jieqaf u jkellem lin-nies. Kellu għal qalbu s-sagrament tal-qrar u nfatti kull ċans li kien ikollu kien iqarar lin-nies. Kien imur il-Belt Valletta ħdejn il-venda tal-karozzi tal-linja biex iqarar ix-xufiera u anke kien jinżel ix-xatt tal-Belt biex jiltaqa' mal-baħrin biex ikellimhom u jqararhom ukoll. Kemm-il darba żar il-każin tagħna għall-qrar u anke biex jgħid ir-rużarju. Kien iżur il-fabbriki biex jiltaqa' mal-ħaddiema u anke jqaddes hemmhekk. Kellu għal qalbu l-istudenti u kien imur iqaddes u jqarar fl-iskejjel.

Il-familja kienet importanti ħafna għalih u kien jagħmel minn kollox biex isalva żwiġijiet li kienu jkunu għaddejjin minn xi żmien diffiċli. Kien jgħid li ż-żwieġ bħal tripied, fuq tlieta - il-koppja u Alla. Waqt l-omeliji tiegħu, Dun Alfred kien iħobb jgħid ukoll biex nużaw il-kelmiet: *Skużani, Jekk Jogħġbok, Grazzi, Inħobbok u Aħfirli*.

Grazzi Dun Alfred tal-ġid kollu li għamilt fir-raħal tagħna ta' Birżebbuġa li tant kont tħobb!

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa turi sogħba

Twanny Mizzi magħruf bħala ż-Żaka. Hu kien t'għajnuna kbira meta nbena l-każin il-ġdid. Kien hu li volontarjament għadda l-ġebel bil-magna. Ta' dan nirringrazzjawh.



Patrick Gabaretta ex-membru fil-Kumitat meta twaqqfet is-Soċjetà fil-bidu tad-disgħinijiet.

Jake Vella ġuvnott li seraq il-qlub ta' ħafna bid-determinazzjoni u l-kuraġġ li wera, l-imħabba li kellu lejn l-isports u wisq aktar l-imħabba kbira li kellu lejn l-annimali. Huwa kien jorganizza attivitajiet fejn inġabru flus u donazzjonijiet għall-annimali. F'Diċembru li għadda, Jake ħa t-titlu prestiġjuż ta' Ġieh ir-Repubblika.

Joseph Farrugia magħruf bħala Ir-Ricky. Hu kien l-ewwel sindku tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, kariga li okkupa għal aktar minn 20 sena. B'ħidma konsistenti u b'passjoni għal-lokalità tagħna, Joseph Farrugia jibqa' figura ewlenija fl-istorja ta' Birżebbuġa.

Maria Mifsud

Brian Tirchett

Alfred Vella



Louis Schembri

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 ssellem il-memorja ta' dawn l-individwi kollha u lil dawk kollha li ħallew din id-dinja, speċjalment Birżebbuġin, matul din l-aħħar sena. Nitolbu għal ruħhom sabiex il-Mulej jagħti lilhom il-mistrieħ ta' dejjem u s-sabar u l-kuraġġ lil qrabathom. Jalla Ommna Marija u Missierna San Pietru jwassluhom għand il-Ħallieq. Agħtihom, o Mulej, il-Mistrieħ ta' Dejjem!

Is-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990 tirringrazzja lil:

- Alla l-Imbierek, Ommna Marija u l-Appostlu Missierna San Pietru talli jkunu dejjem magħna fil-ħidma tagħna matul is-sena, kemm fit-tlajja' u anke fl-inżul;
- Familji kollha tagħna tal-paċenzja li jieħdu bina u tal-appoġġ illi jagħtuna matul is-sena kollha;
- W. Rev. Kappillan, il-Kanonku Reuben Micallef, Dun Victor Scicluna, il-Kanonku Peter Ellul, il-Presbiterju Parrokkjali u l-Abbatini tal-parroċċa ta' Birżebbuġa għas-servizz tagħhom matul is-sena kollha;
- Perit Michael Schembri u l-helpers kollha tal-knisja parrokkjali tagħna tas-sagrifiċċji u l-ħidma sabiex id-Dar ta' Alla tkun dejjem miżmuma fl-aħjar kundizzjonijiet kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra;
- Is-Sindku Scott Camilleri, il-Kunsilliera u l-istaff tal-Kunsill Lokali għall-ħidma tagħhom f'Birżebbuġa u għall-koperazzjoni li nsibu kontinwament mingħandhom;
- Is-Supretendent, l-Ispettur u l-membri tal-Korp tal-Pulizija għall-ħidma tagħhom f'Birżebbuġa, speċjalment għaż-żamma tal-bon-ordni fi żmien il-festa titulari;
- Grupp Armar 1 ta' Awwissu għall-ħidma tagħhom matul is-sena sabiex jissebħu l-imsieraħ u t-triqat ta' raħalna matul il-jiem tal-festa ta' San Pietru u f'okkażjonijiet oħra matul is-sena. Inħeġġu aktar nies jagħtu daqqa t'id lil dan il-grupp sabiex ikollna raħal dejjem imżejjen isbaħ fl-okkażjonijiet diversi matul is-sena;
- Il-President, is-Segretarju Ġenerali, it-Teżorier u l-membri kollha tal-Kumitat Ċentrali għall-impenn kontinwu għall-ġid tas-Soċjetà;
- Il-President Onorarju għal Għomru, Fundatur u Benefattur Ewlieni, il-Presidenti Onorarji, il-Membri Onorarji, is-Surmastrijiet Onorarji u l-Bandisti Onorarji għas-sostenn u l-pariri li jagħtu matul is-sena kollha;
- Is-Surmast Direttur Mro Michael Bugelli A.T.C.L., l-Assistent Surmast, Għalliem tat-Teorija Mużikali u tas-sezzjoni ram Mro Christopher Bonnici B.A.(Hons); M.A.; ALCM; LLCM; u l-Għalliem tal-istrumenti tal-qasba Mro Ludwig N. Desira għall-ħidma tagħhom fit-tagħlim mużikali u fit-tmexxija tal-Banda Birżebbuġa;
- Il-bandisti tal-post u l-allievi kollha tal-impenn tagħhom fl-istudju u fis-servizzi tas-Soċjetà;
- Is-Sezzjoni Banda Birżebbuġa għax-xogħol fejjiedi u kontinwu li tagħmel matul is-sena speċjalment fix-xogħol tal-uniformi, fl-organizzazzjoni tas-servizzi mużikali u l-provi;
- Il-membri tal-kor Xmun Pietru mmexxi mis-Sinjura Marouska Bonnici. Nixtiequ aktar membri u partitarji jingħaqdu magħna ħalli din l-entità fi ħdan is-Soċjetà tissokta tikber u titjieb;
- Il-membri fi ħdan l-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar illi jaħdmu n-nar tal-ajru u tal-art, b'sogru għalihom. Bis-saħħa tagħhom, fl-ewwel ġimgħa ta' Awwissu, Birżebbuġa jkollha ħarqa nar mill-isbaħ. Nawgurawlhom ukoll għall-ħidma tagħhom f'bosta festi ta' bliet u rħula differenti;
- Il-helpers Nisa Petrini għall-ħidma u l-attivitajiet illi jtellgħu matul is-sena kollha u talli b'reqqa jieħdu ħsieb illi l-binja tas-sede tas-Soċjetà tkun dejjem iktar nadifa;
- Is-Sezzjoni Żgħażagħ Iljuni għall-attivitajiet differenti li jorganizzaw matul is-sena kollha u għall-impenn tagħhom sabiex ta' kull sena jkollna briju kbir u sabiħ fil-marċi brijuži tas-Soċjetà.
- Il-Kummissjoni Armar Estern għall-ħidma kontinwa fuq proġetti ġodda u restawr fis-sede tas-Soċjetà. Prosit tal-armar ġdid illi kompla sebbaħ Misraħ il-Knisja fl-Għid il-Kbir;
- Is-Sezzjoni Tisbiħ tal-Każin għall-attivitajiet illi jtellgħu, speċjalment tal-impenn tagħhom sabiex matul is-sena kollha jkollna attivitajiet anke għal dawk illi jippreferu jattendu xi attività filgħodu. Naturalment il-ħidma tagħhom ta' tisbiħ ma tiqafx u b'hekk il-każin ikompli jissebbaħ;
- Il-Grupp Teatrali 14 ta' Jannar tal-impenn tagħhom fil-ħajja tas-Soċjetà, tal-investiment qawwi li għamlu fuq il-palk u s-sistema professjonali tad-dawl u tal-mod mill-isbaħ kif organizzaw id-dramm tal-Ġimgħa Mqaddsa. Sfortunatament laqqatna t-telfa mhix mistennija ta' Steven Farrugia, illi kien il-moħħ wara dan il-grupp;

- L-Editur, l-Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi, il-Bord Editorjali u l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi sabiex is-Soċjetà tkun preżentata bl-aqwa mod fuq din il-pubblikazzjoni, fil-ġurnali, fiż-żamma tal-paġni fuq l-internet u meta nkunu mistiedna fuq mezzi radjufoniċi u televiżivi;
- Dawk illi jiġbru r-reklami, jieħdu r-ritratti, l-artikolisti, il-qarrejja tal-provi u dawk illi jgħinu fil-pubblikazzjoni ta' dan l-annwal u l-kalendarju anwali;
- Il-ħaddiema manwali kollha tas-Soċjetà li matul is-sena kollha b'sagrifiċċju personali u għall-għeżież tagħhom ikunu fil-bini tas-Soċjetà jwettqu diversi ħidmiet fis-skiet sabiex il-binja tas-Soċjetà tkun miżmuma fl-aħjar stat anke f'dik illi hija sigurtà;
- L-Awdituri tas-Soċjetà li b'paċenzja u reqqa jeżaminaw il-kotba finanzjarji;
- L-Avukat u l-Perit tas-Soċjetà għall-għajnuna kollha tagħhom;
- Il-preżentaturi tal-kunċerti tal-Banda Birżebbuġa;
- Dawk illi jiġbru l-kontribuzzjonijiet u lil min jgħin b'għotjiet finanzjarji lis-Soċjetà;
- Dawk illi għalkemm ma jagħtux flus, jgħinu bil-preżenza tagħhom jew anke b'xi għotja ta' xi ħaġa materjali, bħal xiri ta' mużika;
- Dawk l-individwi u ditti li jirreklamaw fuq il-mezzi tas-Soċjetà. Inħeġġukom tgħinu lil dawn id-ditti u individwi billi tużaw il-prodotti tagħhom;
- Dawk illi jgħinu sabiex jittellgħu l-attivitajiet tas-Soċjetà;
- Dawk illi jattendu l-attivitajiet tas-Soċjetà;
- Il-membri u l-partitarji kollha tal-interess u l-attendenza tagħhom fis-Soċjetà;
- Dawk illi jipprovdu bibita lill-bandisti, lil tan-nar u lil tal-armar matul il-preparazzjonijiet tal-festa titulari u fil-ġimgħa tal-festa;
- Dawk illi jikkummissjonaw is-servizzi tal-Banda Birżebbuġa matul is-sena u fil-festi tagħhom għall-fiduċja li juru fina. Niskużaw ruħna ma' dawk illi ma stajniex nonoraw l-istedina tagħhom għalkemm xorta waħda napprezzaw ferm l-interess tagħhom fis-Soċjetà tagħna;
- Dawk illi jikkummissjonaw in-nar tal-ajru jew tal-art mill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar;
- L-Għaqda tan-Nar Our Lady of Consolation tal-Gudja għall-għajnuna tagħhom lill-Għaqda tan-Nar 22 ta' Frar u talli jħalluna naħdmu fil-kamra tan-nar tagħhom. Nawgurawlhom minn qalbna fl-okkażjoni tar-rebħa li għal darba oħra għamlu fil-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art fil-Furjana;
- Dawk illi jisilfuna l-għelieqi sabiex naħarqu n-nar fihom matul il-ġimgħa tal-festa titulari;
- Il-ġirien tal-każin tal-paċenzja u s-sapport illi jagħtuna;
- Il-botteginarji ta' Bottega San Pietro u ta' Bar Nineteen Ninety li jaħdmu kontinwament sabiex is-Soċjetà jkollha klijentela tajba matul is-sena kollha;
- Il-Bank HSBC talli wera fiduċja fis-Soċjetà;
- Il-President, il-Kumitat u l-Membri tal-Għaqda Mużikali San Pietru fil-Ktajjen għall-koperazzjoni tagħhom;
- Il-poplu kollu ta' Birżebbuġa u l-villeġġjanti għall-koperazzjoni li juru mas-Soċjetà Filarmonika San Pietru matul il-jiem tal-festa u matul is-sena kollha;
- Jekk bi żvista nsejna lil xi ħadd, nitolbuh jagħdirna u jiskużana.

L-ANTIFONA TA' SAN PIETRU APPOSTLU REBBIEĦ MILL-KTAJJEN

SOLVE JUBENTE DEO, TERRARUM PETRE CATENAS, QUI FACIS UT
PATEANT CAELESTIA REGNA BEATIS; ALLELUJA!

Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni Festa 2025

Azzopardi Fisheries ..... Inside Front Cover
A & A Blasting Services 49
Agile Fitness 110
Alex Mercieca Bathroom Center 27
Alexander Caruana 38
Alfgatt autoparts 39
Angolina 82
Anthony Azzopardi Florist 46
Audio Images 71
Auto Technics ..... Back Cover
Automax 33
B2M 101
Baby Sky 101
Bar Nineteen Ninety 34
Beat the Heat. 104
Bim Hot Dip Galvanizing 86
Birzebbuga Filling Station 125
Bottega San Pietro 53
Bov. 7
Stitches. 7
C & T Autoparts 30
Cardiff Butcher 72
Casual 78 105
Celeste Mobiles Electronics & More 66
Charlie's Ironmangery 101
Charlie's Motoring School 105
Cherrie's take away 70
Chris Refrigeration Services 26
Cox Sports Bar. 17
Cutajar Upholstery Supplies 67
D Nail Bar 54
Darren Debono 39
District Five 67
Dogfather Pet Shop & Grooming 38
Dove's Pet Shop 17
DSJ Furniture 70
Eastern Store 115
Elbros 6
Farrugia Francine 57
Gasparell 2
Gasparell Baling Co. Ltd. 22
Global insurance 3
Gold Lady 64
Guido Funerals ..... Inside Back Cover
Horace Spiteri tan-Newwes Funerals 100
Idroplast 110
In-Nutara Ruth Antoncich 87
Ivan Abela Grech 87
IVCS Lifts 41
J Cutajar 115
Jason Cutajar Building Construction 23
JJ13 Ironmangery 9
Johann Borg 79
Josette Busuttil 74
Julia Farrugia Portelli 66
La Clinique. 17
La Spiaggia Bar & Restaurant 39
Laws Fresh Fruit 78
Light & Shade 23
Mangion Brothers 79
Manuel Garage Panel Beating 58
Marco Camilleri 78
Mario ta' Bugia 101
Mario Theuma Hair Stylist 101
MG Signs 15
Miriam Dalli 75
Montabello 74
Muscat 1990 Trading Ltd. 90
Music Link 33
Newwes Garage Wedding Cars 97
Nostalġija 61
Oman's Fruit & Veg 69
Omar Farrugia 71
Owen Bonnici 31
Patrick Cellars Ltd. 66
Perit Toni Bezzina 27
Pie Master Pastizzerija 26
Rainbow Stationary 25
Roc- A- Go Crane & Lifting. 56
Scott Camilleri 53
Screen Salon by Alexia 15
Securevision Security 63
Silvio Dalli 14
Southvale 36
Spice of India 101
St. Mary Butcher 36
Stanley Zammit 78
Stefan Zrinzo Azzopardi 49
Super 5 60
Superstar Butcher 16
Ta' Nardu Fruits Vegetables & More 34
Tarcisio Caruana Ltd 52
TF Rentals 45
Tasty Take Away 40
The Bubble Shop 56
The Cathedral Group Ltd. 72
The Right Spot 72
The Seven's Houshold Goods 56
Tony Muscat Ice Cream W/S 17
Tree D. 24
Vaxxella Building Construction Ltd. 26
Water's Edge 104
With Best Wishes. 17
Zahra Karel 82

Is-Soċjetà Filarmonika
San Pietru
Banda Birżebbuġa
tawgura l-isbaħ xewqat
fil-festa patronali
tal-Appostlu Missierna
San Pietru
fi spirtu ta' ferħ, għaqda u
rispett bejn kulħadd
lill-poplu kollu ta' Birżebbuġa,
lill-villeġġjanti li jqattgħu
s-sajf magħna
u lil dawk illi jinżlu jgawdu
l-festa ta' San Pietru
fir-raħal pittoresk ta' Birżebbuġa

HABBARIJA
Funeral Service & Undertakers
24 hr Service • Day & Night
t. 2728 2882 m. 7982 7940 / 9992 2882
www.habbarijafuneralservices.com
7, Ċeppun Street, GĦAXAQ
Funeral, Birżebbuġa Road, BIRŻEBBUĠA

ĦABBARIJA

AUTO TECHNICS

by Peter Cachia

VRT Station

Motor Repairs & Services

DPF Cleaning

A/C Repairs & Services

EOBD Diagnostic Testing

LPG Conversion

Auto Technics, 319 Industrial Estate, Luqa
Mob: 00356 9944 5252
Email:petermarkcachia79@gmail.com